

DIRETTIVI

DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/12

tat-2 ta' Awwissu 2019

li tissupplimenta d-Direttiva (UE) 2017/2397 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards għall-kompetenzi u għall-għarfien u l-ħiliet korrispondenti, għall-eżamijiet prattiċi, għall-approvazzjoni tas-simulaturi u għall-istat mediku

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2017/2397 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali fin-navigazzjoni interna u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 91/672/KEE u 96/50/KE (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(1) u (4), l-Artikolu 21(2) u l-Artikolu 23(6) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva (UE) 2017/2397 tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għaċ-ċertifikazzjoni tal-kwalifika ta' persuni involuti fit-tħaddim tal-inġenji fil-passaġġi tal-ilma interni tal-Unjoni. Iċ-ċertifikazzjoni għandha l-għan li tiffaċilita l-mobilità, tiżgura s-sikurezza tan-navigazzjoni u tiżgura l-protezzjoni tal-ħajja umana u tal-ambjent.
- (2) Biex tipprovdi standards armonizzati minimi għaċ-ċertifikazzjoni tal-kwalifiki, il-Kummissjoni nġhatat is-setgħa biex tadotta regoli dettaljati li jstabbilixxu standards għall-kompetenzi u għall-għarfien u l-ħiliet korrispondenti, standards għall-eżamijiet prattiċi, standards għall-approvazzjoni tas-simulaturi u standards għall-istat mediku.
- (3) Skont l-Artikolu 32 tad-Direttiva (UE) 2017/2397, l-atti delegati jenħtieġ li jagħmlu referenza għall-istandards stabbiliti mill-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards fil-qasam tan-navigazzjoni interna ("CESNI") u jinkludu t-test sħiħ tagħhom, dment li daww l-istandards ikunu disponibbli u aġġornati, li daww l-istandards jikkonformaw ma' kwalunkwe rekwiżit applikabbli stabbilit fl-Annessi tad-Direttiva u li l-interessi tal-Unjoni ma jinxteħtux friskju minħabba t-tibdiliet fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tas-CESNI. It-tliet kundizzjonijiet ġew issodisfati bl-adozzjoni, mis-CESNI, matul il-laqgħa tiegħu fit-8 ta' Novembru 2018, tal-ewwel standards dwar il-kwalifiki professjonali fin-navigazzjoni interna.
- (4) L-istandards għall-kompetenzi jenħtieġ li jstabbilixxu l-kompetenzi minimi meħtieġa għat-tħaddim sikur tal-inġenju, u dan, għall-membri tal-ekwipaġġ fil-livelli operazzjonali u maniġerjali, għall-kaptani awtorizzati li jbaħħru bl-għajjnuna tar-radar u daww awtorizzati jbaħħru fuq il-passaġġi tal-ilma b'karattru marittimu, għall-esperti fin-navigazzjoni tal-passiġġieri u għall-esperti fil-gass naturali likwifikat (LNG). Kull kompetenza meħtieġa jenħtieġ li tiġi definita bl-għarfien u bil-ħiliet korrispondenti tagħha.

(¹) ĠU L 345, 27.12.2017, p. 53.

- (5) Biex l-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-eżamijiet prattiċi meħtieġa mill-Artikolu 17(3) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 b'mod simili, jenħtieġ li jiġu stabbiliti standards għall-eżamijiet prattiċi. Għal dan l-għan, l-istandards jenħtieġ li jiddefinixxu, għal kull eżami prattiku, il-kompetenzi speċifiċi u s-sitwazzjonijiet ta' valutazzjoni, li jinkludu sistema speċifika ta' punteġġi u r-rekwiżiti tekniċi għall-installazzjonijiet fuq l-inġenji u fuq l-art. Għall-kandidati għall-kwalifika ta' kaptan li qabel ma tkunx saritilhom valutazzjoni fil-livell operazzjonali, jenħtieġ li jiġi previst modulu addizzjonali, bl-għan li tkun tista' tiġi vverifikata wkoll il-ħila li jwettqu l-kompiti ssorveljati relatati.
- (6) L-istandards għall-approvazzjoni tas-simulaturi jenħtieġ li jiġu stabbiliti biex jiżguraw li s-simulaturi użati għal valutazzjoni tal-kompetenza jifasslu b'tali mod li jippermettu għall-verifika tal-kompetenzi kif stipulat fl-istandards għall-eżamijiet prattiċi. L-istandards jenħtieġ li ikopru r-rekwiżiti tekniċi u funzjonali għas-simulaturi tal-kontroll tal-bastimenti u tar-radar kif ukoll il-proċedura għall-approvazzjoni amministrattiva ta' dawk is-simulaturi.
- (7) Biex jitnaqqsu d-differenzi nazzjonali fir-rekwiżiti mediċi u fil-proċeduri ta' eżami u biex jiġi żgurat li ċ-ċertifikati mediċi li jinħarġu għall-membri tal-ekwipaġġ ta' fuq il-gverta fin-navigazzjoni interna jkunu indikatur validu tal-istat mediku tagħhom għax-xogħol li ser ikunu qed iwettqu, jenħtieġ li jiġu stabbiliti standards għall-istat mediku. L-istandards jenħtieġ li jispeċifikaw it-testijiet li l-prattikanti mediċi jenħtieġ li jwettqu u l-kriterji li jridu japplikaw biex jiddeterminaw l-idoneità għax-xogħol tal-membri tal-ekwipaġġ ta' fuq il-gverta. Dawn jenħtieġ li jkopru l-vista, is-smigħ u l-kundizzjonijiet fiżiċi u psikoloġiċi li jistgħu jwasslu għal nuqqas ta' idoneità temporanju jew permanenti għax-xogħol, kif ukoll miżuri ta' mitigazzjoni u restrizzjonijiet possibbli. Għall-koerenza, l-istandards jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-linji gwida dwar l-eżamijiet mediċi tal-baħħara ppubblikati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, b'mod partikolari fuq il-kriterji applikati għas-servizzi kostali.
- (8) Id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva delegata jenħtieġ li tkun allinjata mad-dati tat-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2017/2397 għal raġunijiet ta' koerenza u ta' effiċjenza.
- (9) F'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-informazzjoni li l-Istati Membri huma obbligati li jfornu lill-Kummissjoni fil-kuntest tat-traspożizzjoni ta' direttiva trid tkun ċara u preċiża. Dan japplika wkoll għal dan l-att delegat.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-istandards għall-kompetenzi u l-għarfien u l-ħiliet korrispondenti msemmija fl-Artikolu 17(1) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-istandards għall-eżamijiet prattiċi msemmija fl-Artikolu 17(3) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva.

Artikolu 3

L-istandards għall-approvazzjoni tas-simulaturi msemmija fl-Artikolu 21(2) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness III ta' din id-Direttiva.

Artikolu 4

L-istandards għall-istat mediku msemmija fl-Artikolu 23(6) tad-Direttiva (UE) 2017/2397 għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness IV ta' din id-Direttiva.

Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mis-17 ta' Jannar 2022. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn iridu jkunu jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-mod kif għandha ssir dik ir-referenza.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal Stat Membru li ma jkunx ittraspona u implimenta bis-sħiħ id-Direttiva (UE) 2017/2397 f'konformità mal-Artikolu 39(2), (3) jew (4) ta' dik id-Direttiva. Meta t-tali Stat Membru jittrasponi u jimplimenta bis-sħiħ id-Direttiva (UE) 2017/2397, fl-istess ħin dan għandu jdaħħal fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonforma ma' din id-Direttiva u jinforma lill-Kummissjoni li jkun għamel dan.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-dritt nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 6

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 7

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Awwissu 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX I

STANDARDS GĦALL-KOMPETENZI U GĦALL-GĦARFIEN U L-HILJET KORRISPONDENTI

I. STANDARDS TAL-KOMPETENZA GĦAL-LIVELL OPERAZZJONALI

1. Navigazzjoni

1.1. Il-baħħar għandu jkun jista' jgħin lill-maniġment tal-inġenju f'sitwazzjonijiet ta' mmanuvrar u ta' mmaniġġjar ta' inġenju f'passaġġi fuq l-ilma interni. Il-baħħar għandu jkun kapaċi jagħmel dan fuq it-tipi kollha ta' passaġġi fuq l-ilma u fit-tipi kollha ta' portijiet.

B'mod partikolari, il-baħħar għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jassisti fl-operazzjonijiet ta' rmiġġ, ta' tneħħija tal-irmiġġ u ta' ġbid (rmonk);	<ol style="list-style-type: none"> Għarfien dwar it-tagħmir, il-materjal u l-proċeduri użati abbord għall-operazzjonijiet ta' rmiġġ, ta' tneħħija tal-irmiġġ u ta' ġbid (rmonk). Fiha li juża t-tagħmir meħtieġ abbord, eż. bollards u winċijiet għall-irmiġġ u għat-tneħħija tal-irmiġġ u għall-manuvri tal-ġbid. Fiha li juża materjali disponibbli abbord bħal ħbula u wajers fid-dawl tal-miżuri rilevanti ta' sikurezza li jinkludu l-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali u tas-salvataġġ. Fiha li jikkomunika mal-kamra tat-tmunier billi juża s-sistemi ta' komunikazzjoni bl-intercom u s-sinjali bl-idejn. Għarfien dwar l-effetti tal-moviment tal-ilma madwar l-inġenju u l-effetti lokali fuq iċ-ċirkustanzi tat-tbaħħir li jinkludu l-effetti tal-inklinazzjoni lonġitudinali, tal-ilma baxx b'rabta mal-pixka tal-inġenju. Għarfien dwar il-moviment tal-ilma li jaffettwa l-inġenju matul l-immanuvrar, inklużi l-effetti ta' interazzjoni meta żewġ inġenji jgħaddu viċin xulxin jew jaqbz u lil xulxin f'passaġġi navigabbli dojoq, u l-effetti ta' interazzjoni fuq inġenju rmiġġat fil-ġenb meta inġenju ieħor jgħaddi mill-passaġġ intern fil-viċin.
2. jassisti fl-operazzjonijiet ta' akkoppjar ta' kombinamenti ta' barkuni mbuttati;	<ol style="list-style-type: none"> Għarfien dwar it-tagħmir, il-materjal u l-proċeduri użati għall-operazzjonijiet ta' akkoppjar. Fiha li jqabbaad u jaqla' kombinamenti ta' barkuni mbuttati billi juża t-tagħmir u l-materjali meħtieġa. Għarfien dwar ir-regoli għal ħidma sikura inkluż dwar l-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali u tas-salvataġġ. Fiha li japplika regoli għal ħidma sikura u jikkomunika mal-membri tal-ekwipaġġ involuti.
3. jassisti fl-operazzjonijiet ta' ankraġġ;	<ol style="list-style-type: none"> Għarfien dwar it-tagħmir, il-materjali u l-proċeduri ta' ankraġġ f'diversi ċirkustanzi. Fiha li jassisti f'manuvri ta' ankraġġ, eż. iħejji tagħmir tal-ankra għal operazzjonijiet ta' ankraġġ, biex jippreżenta l-ankra, biex jagħti biżżejjed kejbil jew katina għall-bdil inizjali tad-direzzjoni, biex jiddetermina meta l-ankra żżomm l-inġenju fil-pożizzjoni tiegħu (orjentazzjoni tal-ankra), biex jorbot l-ankri malli jitlesta l-ankraġġ, biex juża ankri tat-tkaxkir f'diversi manuvri u biex jimmaniġġja s-sinjali tal-ankri. Għarfien dwar ir-regoli għal ħidma sikura inkluż dwar l-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali u tas-salvataġġ.
4. imexxi l-inġenju filwaqt li jirrispetta l-ordnijiet tat-tmunier, bl-użu xieraq tal-irkaptu tat-tmunier;	<ol style="list-style-type: none"> Għarfien dwar il-funzjonijiet u t-tipi ta' diversi sistemi ta' propulsjoni u ta' sewqan. Fiha li jmxexxi l-inġenju taħt superviżjoni u jirrispetta l-ordnijiet tat-tmunier.

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
5. isuq l-inġenju filwaqt li jirrispetta l-ordinjiet, billi jqis l-influenza tar-riħ u tal-kurrent;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar l-influenza tar-riħ u tal-kurrent fuq it-tbaħħir u l-immanuvrar. 2. Ħila li jmxexxi l-inġenju taħt superviżjoni filwaqt li jqis l-influenza tar-riħ fuq it-tbaħħir u l-immanuvrar fil-passaġġi fuq l-ilma b'kurrenti jew mingħajr u skont il-karatteristiċi tar-riħ.
6. juża għajnuniet u strumenti navigazzjonali taħt superviżjoni;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar l-għajnuniet u l-istrumenti tan-navigazzjoni bħall-indikatur tat-tmun, ir-radar, l-indikatur tar-rata tad-dawran, indikatur tal-veloċità tat-tbaħħir. 2. Ħila li juża l-informazzjoni pprovduta minn għajnuniet għan-navigazzjoni bħas-sistema u ċ-ċarts tad-dawl u tal-baġi. 3. Ħila li juża strumenti ta' navigazzjoni bħall-kumpass, l-indikatur tar-rata tad-dawran u l-indikatur tal-veloċità tat-tbaħħir.
7. iwettaq l-azzjonijiet neċessarji għas-sikurezza tan-navigazzjoni;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar ir-regolamenti u l-listi ta' kontroll dwar is-sikurezza li għandhom jiġu segwiti f'sitwazzjonijiet perikolużi u ta' emerġenza. 2. Ħila li jagħraf u jindirizza sitwazzjonijiet mhux sikuri u azzjonijiet ta' segwitu skont ir-regolamenti dwar is-sikurezza. 3. Ħila li minnufih iwissi lill-maniġment tal-inġenju. 4. Ħila li juża tagħmir ta' protezzjoni personali u tas-salvataġġ. 5. Għarfien dwar il-verifika kkummissjonata mis-superviżur rigward il-preżenza, l-utilità, l-impermeabbiltà tal-ilma u l-irbit tal-inġenju u tat-tagħmir tiegħu. 6. Ħila li jeżegwixxi x-xogħol skont il-lista ta' kontroll fuq il-gverta u fil-postijiet ta' għajxien bħall-protezzjoni kontra l-ilma u l-għeluq tal-bokkporti u tal-istivi. 7. Ħila li jeżegwixxi x-xogħol skont il-lista ta' kontroll fil-kamra tal-magni; jistiva u jorbot oġġetti li jistgħu jiċċaqalqu, jimla t-tankijiet tal-fjuwil u jiċċekkja l-bokki.
8. jiddeskrivi l-karatteristiċi tal-passaġġi fuq l-ilma interni, il-portijiet u t-terminali ewlenin Ewropej għat-tħejjija tal-vjaġġi u għan-navigazzjoni;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar l-aktar passaġġi fuq l-ilma interni nazzjonali u internazzjonali importanti. 2. Għarfien dwar il-portijiet u t-terminali ewlenin li jinsabu fin-netwerk Ewropew tat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni (IWT). 3. Għarfien dwar l-influenza tal-istrutturi tal-inġinerija, tal-profilu tal-passaġġi fuq l-ilma u tax-xogħlijiet ta' protezzjoni fuq in-navigazzjoni. 4. Għarfien dwar il-karatteristiċi ta' klassifikazzjoni tax-xmajjar, tal-kanali u tal-passaġġi fuq l-ilma interni b'karattru marittimu: il-wisgħa tal-qiegħ, it-tip ta' xatt, il-protezzjoni tax-xatt, il-livell tal-ilma, il-moviment tal-ilma, id-distanza u l-fond vertikali u orizzontali. 5. Għarfien dwar l-għajnuniet u l-istrumenti navigazzjonali meħteġa għan-navigazzjoni fuq passaġġi fuq l-ilma interni b'karattru marittimu. 6. Ħila li jispjega l-karatteristiċi tad-diversi tipi ta' passaġġi fuq l-ilma interni għat-tħejjija tal-vjaġġ u għas-sewqan.
9. jirrispetta d-dispożizzjonijiet ġenerali, is-senjalazzjonijiet, is-sinjali u s-sistema ta' mmarkar;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar is-sett miftiehem ta' regoli applikabbli fir-regolamenti dwar in-navigazzjoni interna u tal-pulizija li japplikaw għall-passaġġi fuq l-ilma interni rilevanti. 2. Ħila li jimmaniġġja u jmantni s-sistema ta' mmarkar, tas-sinjali u tas-senjalazzjonijiet bil-ħoss ta' binhar u ta' billejl tal-inġenju. 3. Għarfien dwar is-sistema ta' baġi u ta' mmarkar SIGNI (Signalisation de voies de Navigation Intérieure) u IALA (Assoċjazzjoni Internazzjonali ta' Għajnuniet Marittimi lil Awtoritajiet ta' Navigazzjoni u ta' Fanal tal-Portijiet) parti A.
10. isegwi l-proċeduri waqt li jkun għaddej minn imgħalaq u minn taħt pontijiet;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar il-forma, tat-tqassim u tal-faċilitajiet tal-imgħalaq u tal-pontijiet, tal-operazzjoni tal-għeluq (il-proċess tat-tluġ u tal-inżul fil-magħlaq), it-tipi ta' mgħalaq, bollards u turġien, eċċ. 2. Ħila li japplika l-proċeduri matul l-avviċinament, id-dħul, it-tluġ jew l-inżul fil-magħlaq u t-tluq mill-magħlaq jew mill-pont.

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
11. juża s-sistemi ta' kontroll tat-traffiku.	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar id-diversi sistemi ta' kontroll tat-traffiku użati bħas-sinjali ta' binhar u billejl fl-imgħalaq, fid-digi u fil-pontijiet. 2. Ħila li jidentifika s-sinjali ta' binhar u ta' billejl fl-imgħalaq, fid-digi u fil-pontijiet u li jsegwi l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti bħas-superviżuri tal-pont u tal-magħlaq u l-operaturi ta' kontroll tat-traffiku. 3. Ħila li juża t-tagħmir tar-radju f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. 4. Għarfien dwar is-Sistema ta' Identifikazzjoni Awtomatika (AIS) għan-Navigazzjoni Interna u s-Sistema Elettronika ta' Viżwalizzazzjoni ta' Mapep u ta' Informazzjoni għan-Navigazzjoni Interna (ECDIS).

2. L-operat tal-inġenju

2.1. Il-baħħar għandu jkun kapaċi jassisti lill-maniġment tal-inġenju fil-kontroll tal-operat tal-inġenju u fl-indokrar tal-persuni abbord.

Il-baħħar għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jiddistingwi bejn id-diversi tipi ta' inġenji;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar l-aktar tipi komuni ta' inġenji inklużi konvojs użati fl-IWT Ewropew u l-kostruzzjoni, id-dimensjonijiet u t-tunnellaġġ korrispondenti tagħhom. 2. Ħila li jispjega l-karatteristiċi tal-aktar tipi komuni ta' inġenji li jinkludu konvojs li jbaħħru fl-IWT Ewropew.
2. japplika l-għarfien dwar il-kostruzzjoni ta' inġenju għall-passaġġi fuq l-ilma intern u dwar l-imġiba tiegħu fl-ilma, speċjalment f'termini ta' stabbiltà u ta' saħħa;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar l-effetti tal-moviment tal-inġenju f'diversi ċirkustanzi kkawżati mill-istresses lonġitudinali u trażversali u ta' kundizzjonijiet ta' tagħbija differenti. 2. Ħila li jispjega l-imġiba tal-inġenju f'kundizzjonijiet ta' tagħbija differenti, b'rabta mal-istabbiltà u mas-saħħa tal-inġenju.
3. japplika l-għarfien dwar il-partijiet strutturali tal-inġenju u jidentifika l-partijiet b'isimhom u skont il-funzjoni tagħhom;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar l-elementi strutturali tal-inġenju fir-rigward tat-trasport ta' tipi differenti ta' merkanzija u ta' passaġġieri, inklużi l-istruttura lonġitudinali u trasversali u r-rinforzi lokali. 2. Ħila li jsemmi l-partijiet strutturali tal-inġenju u jiddeskrivi l-funzjonijiet tagħhom.
4. japplika l-għarfien dwar l-integrità kontra l-permeabbiltà tal-ilma tal-inġenju;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar l-integrità kontra l-permeabbiltà tal-ilma tal-inġenju tal-IWT. 2. Ħila li jverifika l-integrità kontra l-permeabbiltà tal-ilma.
5. japplika l-għarfien dwar id-dokumentazzjoni meħtieġa għall-operat tal-inġenju.	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar id-dokumentazzjoni obligatorja tal-inġenju. 2. Ħila li jispjega l-importanza tagħhom b'rabta mar-rekwiżiti u mal-leġiżlazzjoni (inter)nazzjonali.

2.2. Il-baħħar għandu jkun kapaċi juża t-tagħmir tal-inġenju.

Il-baħħar għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. juża ankri u jimmanipula winċijiet tal-ankri;	1. Għarfien dwar it-tipi differenti ta' ankri u ta' winċijiet tal-ankri użati abbord l-inġenju.

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
	2. Ħila li jsemmi u jagħraf tipi differenti ta' ankri u ta' winċijiet tal-ankri użati abbord l-inġenju u jispjega l-użu speċifiku tagħhom. 3. Ħila li jimmanipula b'mod sikur tipi differenti ta' ankri u ta' winċijiet tal-ankri f'diversi sitwazzjonijiet u kundizzjonijiet.
2. Juża t-tagħmir tal-gverta u apparati tal-irfigħ;	1. Għarfien dwar it-tagħmir użat fuq il-gverta tal-inġenju bħall-winċijiet (tal-akkoppjar), il-bokkaporti, l-apparati ta' rfigħ, il-krejnijiet tal-karozzi, is-sistemi tal-pajpijiet, il-pajpijiet għat-tifi tan-nar, eċċ. 2. Ħila li jsemmi u jagħraf it-tagħmir tal-gverta u l-apparati ta' rfigħ u jispjega l-użu speċifiku tagħhom. 3. Ħila li jimmanipula b'mod sikur it-tagħmir tal-gverta u l-apparati ta' rfigħ.
3. Juża tagħmir speċifiku għall-bastimenti tal-passiġġieri.	1. Għarfien dwar ir-rekwiżiti tal-kostruzzjoni, it-tagħmir u l-apparati speċifiċi għall-bastimenti tal-passiġġieri. 2. Ħila li jsemmi u jagħraf it-tagħmir użat abbord bastimenti tal-passiġġieri biss u jispjega l-użu speċifiku tagħhom. 3. Ħila li jimmanipula b'mod sikur it-tagħmir użat abbord bastimenti tal-passiġġieri.

3. Immaniġġar tal-merkanzija, stivar u trasport tal-passiġġieri

3.1. Il-baħħar għandu jkun kapaċi jassisti lill-maniġment tal-inġenju fit-tnejn, fl-istivar u fil-monitoraġġ tal-merkanzija matul operazzjonijiet ta' tagħbija u ta' ħatt.

Il-baħħar għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. Jaqra pjanijiet dwar l-istivar u l-istabbiltà;	1. Għarfien dwar l-impatt tat-tipi ta' merkanzija fuq il-pjanijiet dwar l-istivar u l-istabbiltà. 2. Għarfien dwar il-pjanijiet dwar l-istivar u l-istabbiltà. 3. Ħila li jifhem il-pjanijiet dwar l-istivar. 4. Għarfien dwar l-enumerazzjoni u t-taqsimiet tal-istivi tal-bastimenti ta' merkanzija xotta u tat-tankijiet tal-bastimenti tanker (N, C jew G), u għarfien dwar l-istivar tad-diversi tipi ta' merkanzija. 5. Ħila li jidentifika t-tikkettar ta' oġġetti perikolużi skont il-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Ilma Interni (ADN).
2. Jissorvelja l-istivar u l-irbit tal-merkanzija;	1. Għarfien dwar il-metodi ta' stivar tal-inġenju b'diversi merkanziji biex jiżgura t-trasport sikur u effiċjenti. 2. Għarfien dwar il-proċeduri biex l-inġenju jitħejja għal operazzjonijiet ta' tagħbija u ta' ħatt. 3. Ħila li japplika b'mod sikur il-proċeduri ta' tagħbija u ta' ħatt, jiġifieri billi jiftaħ jew jagħlaq l-istivi, jissorvelja l-gverta matul l-operazzjonijiet ta' tagħbija u ta' ħatt. 4. Ħila li jistabbilixxi u jżomm komunikazzjoni effettiva matul it-tagħbija u l-ħatt. 5. Għarfien dwar l-effett tal-merkanzija fuq l-istabbiltà tal-inġenju. 6. Ħila li jissorvelja u jirrapporta l-ħsara fil-merkanzija.
3. Jiddistingwi bejn diversi tipi ta' merkanziji u l-kwalitajiet tagħhom;	1. Għarfien dwar id-diversi tipi ta' merkanzija, pereżempju merkanzija li titgħabba individwalment, merkanzija likwida bl-ingrossa u oġġetti tqal, eċċ. 2. Għarfien dwar il-katina loġistika u t-trasport multimodali. 3. Ħila li jħejji l-operazzjoni tal-inġenju marbuta mal-proċeduri ta' tagħbija jew ta' ħatt, eż. jikkomunika mal-kontroparti fuq l-art u jħejji l-istiva.

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
4. juża s-sistema tas-saborra;	1. Għarfien dwar il-funzjoni u l-użu tas-sistema tas-saborra. 2. Ħila li juża s-sistema tas-saborra, pereżempju billi jimla jew ibattal it-tankijiet tas-saborra.
5. jivverifika l-ammont ta' merkanzija;	1. Għarfien dwar il-metodi manwali u tekniċi tad-determinazzjoni tal-piż tal-merkanzija fuq id-diversi tipi ta' inġenji. 2. Għarfien dwar il-metodi għad-determinazzjoni tal-ammont ta' merkanzija mgħobbija jew imħatta. 3. Għarfien dwar il-kalkolu tal-ammont ta' merkanzija likwida bl-użu tas-soundings jew tat-tabelli tat-tank, jew it-tnejn. 4. Ħila li jaqra l-marki tal-pixka u l-iskali tal-pixka.
6. jaħdem skont ir-regolamenti u r-regoli dwar ix-xogħol sikur.	1. Għarfien fuq ir-regoli u l-proċeduri dwar ix-xogħol sikur applikabbli matul il-fażi ta' thejġija, ta' tagħbija u ta' rilaxx tal-inġenju b'diversi tipi ta' merkanziji. 2. Ħila li jikkonforma mar-regoli u mal-proċeduri dwar ix-xogħol sikur applikabbli matul it-tagħbija u l-ħatt u li juża tagħmir ta' protezzjoni personali u tas-salvataġġ. 3. Ħila li jistabbilixxi u jżomm komunikazzjonijiet verbali u mhux verbali effettivi mas-šħab kollha involuti fil-proċeduri ta' tagħbija u ta' ħatt. 4. Għarfien dwar il-mezzi tekniċi għall-immaniġġjar tal-merkanziji fl-inġenju u fil-portijiet u mill-inġenju u mill-portijiet, u l-miżuri dwar is-sikurezza fix-xogħol matul l-użu tagħhom.

3.2. Il-baħħar għandu jkun kapaċi jassisti lill-maniġment tal-inġenju fil-provvista ta' servizzi lill-passiġġieri u jipprovdi assistenza diretta lil persuni b'diżabilità u lil persuni b'mobilità mnaqqsa skont ir-rekwiżiti ta' taħriġ u l-istruzzjonijiet tal-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.

Il-baħħar għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jirrispetta r-regolamenti u l-konvenzjonijiet rigward it-trasport tal-passiġġieri;	1. Għarfien dwar ir-regolamenti u l-konvenzjonijiet applikabbli rigward it-trasport tal-passiġġieri. 2. Ħila li jiprovdi assistenza diretta lil persuni b'diżabilità u lil persuni b'mobilità mnaqqsa skont ir-rekwiżiti ta' taħriġ u l-istruzzjonijiet tal-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru 1177/2010.
2. jassisti fil-moviment sikur tal-passiġġieri matul l-imbark u l-iżbark;	1. Għarfien dwar il-proċeduri li japplikaw qabel u matul l-imbark u l-iżbark tal-passiġġieri. 2. Ħila li jippożizzjona u jqiegħed it-tagħmir tal-imbark u tal-iżbark u li japplika l-miżuri ta' sikurezza.
3. jassisti fis-supervizzjoni fuq il-passiġġieri matul sitwazzjonijiet ta' emerġenza;	1. Għarfien dwar it-tagħmir eżistenti għas-salvataġġ tal-ħajja għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza, dwar proċeduri li jridu jiġu segwiti fil-każ ta' tnixxija, ta' nirien, ta' persuna li taqa' fl-ilma, ta' evalwazzjoni inkluża l-ġestjoni ta' kriżijiet u tal-folol u dwar l-ewwel għajnuna medika abbord bastiment. 2. Ħila li jassisti fil-każ ta' tnixxija, ta' nirien, ta' persuna li taqa' fl-ilma, ta' kollizzjoni u ta' evakwazzjoni inkluża l-ġestjoni ta' kriżijiet u tal-folol, li juża tagħmir tas-salvataġġ tal-ħajja f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u li jagħti l-ewwel għajnuna medika abbord il-bastiment.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 1).

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
4. jikkomunika b'mod effettiv mal-passiġġieri.	1. Għarfien dwar il-fażijiet ta' komunikazzjoni standardizzati għall-evakwazzjoni tal-passiġġieri fil-każ ta' emerġenza. 2. Ħila li juża mgħiba u lingwa orjentati lejn is-servizz.

4. Inġinerija marina u inġinerija elettrika, elettronika u ta' kontroll

4.1. Il-baħħar għandu jkun kapaċi jassisti lill-maniġment tal-inġenju fl-inġinerija marina, elettrika, elettronika u ta' kontroll biex jiżgura s-sikurezza teknika ġenerali.

Il-baħħar għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jassisti fil-monitoraġġ tal-magni u tas-sistema ta' propulsjoni;	1. Għarfien dwar il-prinċipji tas-sistema ta' propulsjoni. 2. Għarfien dwar it-tipi differenti ta' magni u l-konstruzzjoni, il-prestazzjoni u t-terminoloġija tagħhom. 3. Għarfien dwar il-funzjoni u l-operat tas-sistema ta' forniment tal-arja, ta' forniment tal-fjuwil, ta' tberrid, tal-lubrikazzjoni u tal-egżost tal-magna. 4. Għarfien dwar il-magni ewlenin u awżiljarji. 5. Ħila li jwettaq kontrolli bażiċi u jiżgura l-funzjonament regolari tal-magni.
2. iħejji l-magni ewlenin u t-tagħmir awżiljarju għall-operat;	1. Għarfien dwar is-sistemi ta' startjar tal-magni ewlenin, tat-tagħmir awżiljarju u tas-sistemi idrawliċi u pnevmatiċi skont l-istruzzjonijiet. 2. Għarfien dwar il-prinċipji tas-sistemi ta' riversjar. 3. Ħila li jħejji l-makkinarju fil-kamra tal-magni skont il-lista ta' kontroll għat-tluq. 4. Ħila li juża s-sistema ta' startjar u t-tagħmir awżiljarju skont l-istruzzjonijiet, eż. tagħmir tat-tmun. 5. Ħila li jstartja l-magni ewlenin skont il-proċeduri ta' startjar. 6. Ħila li juża sistemi idrawliċi u pnevmatiċi.
3. jirreaġixxi b'mod adegwat għal ħsarat fil-magni;	1. Għarfien dwar it-tagħmir ta' kontroll fil-kamra tal-magni u dwar il-proċeduri ta' rapportar għal ħsarat. 2. Ħila li jagħraf il-ħsarat u li jieħu l-miżuri xierqa fil-każ ta' ħsara li jinkludu r-rapportar lill-maniġment tal-inġenju.
4. iħaddem il-makkinarju li jinkludi pompi, sistemi ta' pajpijiet, sistemi tas-sentina u tas-saborra;	1. Għarfien dwar l-operat sikur u dwar il-kontroll tal-makkinarju fil-kamra tal-magni, fil-kompartimenti tas-saborra u fis-sentina skont il-proċeduri. 2. Ħila li jikkontrolla l-funzjoni sikura, l-operat tal-makkinarju fil-kamra tal-magni u li jmantni s-sistema tas-sentina u tas-saborra inklużi: ir-rapportar ta' inċidenti assoċjati mal-operazzjonijiet ta' trasferiment u l-ħila li jkejje l-jirrapporta kif suppost il-livelli tat-tank. 3. Ħila li jħejji u jħaddem operazzjonijiet ta' tifi tal-magni wara l-operat. 4. Ħila li jħaddem is-sistemi tal-ippumpjar tas-sentina, tas-saborra u tal-merkanzija.
5. jassisti fil-monitoraġġ tal-apparati elettroniċi u elettriċi;	1. Għarfien dwar is-sistemi u l-komponenti elettroniċi u elettriċi. 2. Għarfien dwar il-kurrent AC u DC. 3. Ħila li jissorvelja u jevalwa l-istrumenti ta' kontroll. 4. Għarfien dwar il-manjetiżmu u d-differenza bejn kalamiti naturali u artifiċjali. 5. Għarfien dwar is-sistema elettroidrawlika.

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
6. iħejji, jistartja, iqabba u jiċċarġja l-ġeneraturi, u jikkontrolla s-sistemi tagħhom u l-provvista tal-elettriku minn fuq l-art;	1. Għarfien dwar l-installazzjoni tal-enerġija. 2. Ħila li juża switchboard 3. Ħila li juża l-provvista tal-elettriku minn fuq l-art.
7. jiddefinixxi l-ħsarat u l-problemi komuni, u jiddeskrivi l-azzjonijiet għall-prevenzjoni tal-ħsara;	1. Għarfien dwar il-ħsarat barra l-kamra tal-magni u dwar il-proċeduri li jridu jiġu segwiti għall-prevenzjoni ta' ħsarat u dwar il-proċeduri li jridu jiġu segwiti jekk iseħħu ħsarat. 2. Ħila li jidentifika ħsarat komuni u jieħ u azzjoni biex jipprevjeni ħsara fis-sistemi mekkaniċi, elettriki, elettroniċi, idrawliċi u pneumatici.
8. juża l-għodod meħtieġa biex jiżgura s-sikurezza teknika ġenerali.	1. Għarfien dwar il-karatteristiċi u l-limitazzjonijiet tal-proċessi u tal-materjali użati għall-manutenzjoni u għat-tiswija ta' magni u ta' tagħmir. 2. Ħila li japplika prattiki tax-xogħol sikuri meta jmantni jew isewwi magni u tagħmir.

4.2. Il-baħħar għandu jkun kapaċi jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq it-tagħmir tal-inġinerija marina, elettrika, elektronika u ta' kontroll biex jiżgura s-sikurezza teknika ġenerali.

Il-baħħar għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. iwettaq ix-xogħol ta' manutenzjoni ta' kuljum fuq il-magni ewlenin, il-makkinarju awżiljarju u s-sistemi ta' kontroll;	1. Għarfien dwar il-proċeduri li jridu jiġu segwiti għall-manutenzjoni u għaż-żamma fi stat tajjeb tal-kamra tal-magni, tal-magna ewlenija, tal-makkinarju ewleni, tat-tagħmir awżiljarju u tas-sistemi ta' kontroll. 2. Ħila li jmantni l-magni ewlenin, it-tagħmir awżiljarju u s-sistemi ta' kontroll.
2. iwettaq ix-xogħol ta' manutenzjoni ta' kuljum fuq il-makkinarju li jinkludi pompi, sistemi ta' pajpijiet, sistemi tas-sentina u tas-saborra;	1. Għarfien dwar il-proċeduri ta' manutenzjoni ta' kuljum. 2. Ħila li jmantni u jieħ u ħsieb pompi, sistemi ta' pajpijiet, sistemi tas-sentina u tas-saborra.
3. juża l-għodod meħtieġa biex jiżgura s-sikurezza teknika ġenerali;	1. Għarfien dwar l-użu tal-materjal ta' manutenzjoni u tat-tagħmir tat-tiswija abbord, inklużi l-kwalitajiet u l-limitazzjonijiet tagħhom. 2. Ħila li jagħżel u juża l-materjal ta' manutenzjoni u t-tagħmir ta' tiswija abbord.
4. isegwi l-proċeduri ta' manutenzjoni u ta' tiswija;	1. Għarfien dwar il-manwali u l-istruzzjonijiet għall-manutenzjoni u għat-tiswija. 2. Ħila li jwettaq il-proċeduri ta' manutenzjoni u ta' tiswija skont il-manwali u l-istruzzjonijiet applikabbli.
5. juża informazzjoni teknika u jiddokumenta l-proċeduri tekniċi.	1. Għarfien dwar id-dokumentazzjoni u l-manwali tekniċi. 2. Ħila li jiddokumenta x-xogħol ta' manutenzjoni.

5. Manutenzjoni u Tiswija

5.1. Il-baħħar għandu jkun kapaċi jgħin lill-maniġment tal-inġenju fil-manutenzjoni u fit-tiswija tal-inġenju, tal-apparati tiegħu u tat-tagħmir tiegħu.

Il-baħħar għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jaħdem b'tipi differenti ta' materjali u ta' għodod użati għall-operazzjonijiet ta' manutenzjoni u ta' tiswija;	1. Għarfien dwar l-għodod meħtieġa u l-manutenzjoni tat-tagħmir u dwar ir-regoli fuq ix-xogħol sikur u l-ħarsien tal-ambjent. 2. Ħila li juża l-metodi rilevanti għall-manutenzjoni tal-inġenju li jinkludu l-ħila li jagħżel materjali differenti. 3. Ħila li jmantni u jistiva kif suppost l-għodod u t-tagħmir ta' manutenzjoni. 4. Ħila li jagħmel xogħol ta' manutenzjoni skont regoli dwar ix-xogħol sikur u l-ħarsien tal-ambjent.
2. jiproteġi s-saħħa u l-ambjent meta jagħmel manutenzjoni u tiswija;	1. Għarfien dwar il-proċeduri applikabbli dwar it-tindif u l-preservazzjoni u r-regoli dwar l-iġjene. 2. Ħila li jnaddaf l-ispazji ta' akkomodazzjoni kollha, il-kamra tat-tmunier u jżomm l-ambjent kif xieraq b'mod li jirrispetta r-regoli dwar l-iġjene, inkluż it-teħid ta' responsabbiltà għall-ispazju ta' akkomodazzjoni tiegħu stess. 3. Ħila li jnaddaf il-kmamar tal-magni u l-magni billi juża l-materjali tat-tindif meħtieġa. 4. Ħila li jnaddaf u jippreserva l-partijiet ta' barra, il-buq u l-gverti tal-inġenju kif suppost billi juża l-materjali meħtieġa skont ir-regoli dwar il-ħarsien ambjentali. 5. Ħila li jieħu ħsieb l-inġenju u r-rimi tal-iskart domestiku skont ir-regoli dwar il-ħarsien tal-ambjent.
3. imantni l-apparati tekniċi skont struzzjonijiet tekniċi;	1. Għarfien dwar l-istruzzjonijiet tekniċi għall-manutenzjoni u għall-programmi ta' manutenzjoni. 2. Ħila li jieħu ħsieb it-tagħmir tekniċu kollu skont l-istruzzjonijiet u juża l-programmi ta' manutenzjoni (inklużi dawk diġitali) taħt supervizzjoni.
4. jimmanipula l-wajers u l-ħbula b'mod sikur;	1. Għarfien dwar il-karatteristiċi tat-tipi differenti ta' ħbula u ta' wajers. 2. Ħila li jużaħom u jstivahom skont il-prattiki u r-regoli dwar ix-xogħol sikur.
5. jagħmel għoqiedi u ċombaturi skont l-użu tagħhom u jmantnihom;	1. Għarfien dwar il-proċeduri li jridu jiġu segwiti biex jiġu żgurati rmonkar u akkoppjar sikuri bil-mezzi disponibbli abbord. 2. Ħila li jiċċomba wajers u ħbula. 3. Ħila li japplika għoqiedi skont l-użu tagħhom. 4. Imantni l-wajers u l-ħbula.
6. iħejji u jwettaq pjanijiet ta' ħidma bħala membru ta' tim u jivverifika r-riżultati.	1. Għarfien dwar il-prinċipji tal-ħidma f'tim. 2. Ħila li jwettaq il-manutenzjoni u tiswijiet sempliċi indipendentement bħala parti mit-tim. 3. Ħila li jwettaq tiswijiet aktar kumplessi taħt supervizzjoni. 4. Japplika diversi metodi ta' ħidma inkluża ħidma f'tim skont l-istruzzjonijiet dwar is-sikurezza. 5. Ħila li jevalwa l-kwalità tax-xogħol.

6. Komunikazzjoni

6.1. Il-baħħar għandu jkun kapaċi jkkomunika b'mod ġenerali u professjonali. Dan jinkludi l-ħila li juża frażijiet ta' komunikazzjoni standardizzati f'sitwazzjonijiet bi problemi ta' komunikazzjoni.

Il-baħħar għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. juża sistemi ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni;	1. Għarfien dwar l-installazzjoni tal-intercom għall-komunikazzjoni bejn l-inġenji jew terminali, tat-telefown (mowbajl) tal-inġenju, tar-radju, tat-TV (satellitari) u tas-sistema tal-kamera. 2. Ħila li juża s-sistema tat-telefown (mowbajl) tal-inġenju, ir-radju tal-inġenju, it-TV (satellitari) u s-sistema tal-kamera. 3. Għarfien dwar il-prinċipji tal-operat tas-sistema tal-AIS Interna. 4. Ħila li juża d- <i>data</i> tal-AIS Interna biex jindirizza inġenji oħra.
2. isolvi kompiti differenti bl-ghajnunna ta' tipi differenti ta' apparati diġitali, ta' servizzi ta' informazzjoni (bħas-Servizzi tal-Infommazzjoni tax-Xmajjar (RIS)) u ta' sistemi ta' komunikazzjoni;	1. Għarfien dwar l-apparati diġitali disponibbli fit-trasport fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni. 2. Ħila li juża l-apparati diġitali tal-inġenju skont l-istruzzjonijiet biex iwettaq kompiti sempliċi.
3. jiġbor u jaħżen <i>data</i> inklużi kopji ta' riżerva u aġġornament tad- <i>data</i> ;	1. Għarfien dwar is-sistema ta' komunikazzjoni tal-inġenju għall-ġbir, għall-ħżin u għall-aġġornar tad- <i>data</i> . 2. Ħila li jipproċessa d- <i>data</i> taħt superviżjoni stretta.
4. isegwi l-istruzzjonijiet għall-protezzjoni tad- <i>data</i> ;	1. Għarfien tar-regolamenti dwar il-protezzjoni tad- <i>data</i> u s-segretezza professjonali. 2. Ħila li jipproċessa d- <i>data</i> skont ir-regolamenti dwar il-protezzjoni tad- <i>data</i> u s-segretezza professjonali.
5. jippreżenta l-fatti billi juża termini tekniċi;	1. Għarfien dwar it-termini tekniċi u nawtiċi meħtieġa kif ukoll it-termini relatati mal-aspetti soċjali fi frażijiet ta' komunikazzjoni standardizzati. 2. Ħila li juża t-termini tekniċi u nawtiċi meħtieġa kif ukoll it-termini relatati mal-aspetti soċjali fi frażijiet ta' komunikazzjoni standardizzati.
6. jikseb informazzjoni nawtika u teknika biex iżomm is-sikurezza tan-navigazzjoni.	1. Għarfien dwar is-sorsi ta' informazzjoni disponibbli. 2. Ħila li juża s-sorsi ta' informazzjoni biex jikseb l-informazzjoni nawtika u teknika neċessarja biex iżomm is-sikurezza tan-navigazzjoni.

6.2. Il-baħħar għandu jkun kapaċi jkun soċjevoli.

Il-baħħar għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. isegwi l-istruzzjonijiet u jikkomunika mal-oħrajn f'termini tad-dmirijiet abbord il-bastiment;	1. Għarfien dwar l-importanza tal-ordnijiet mogħtija mill-maniġment tal-inġenju, tal-istruzzjonijiet formali u informali, tar-regoli u tal-proċeduri u dwar l-importanza li jservi bħala ħaddiem eżemplari għal membri tal-ekwipaġġ nieqsa mill-esperjenza. 2. Ħila li jagħti segwitu għall-ordnijiet mogħtija mill-maniġment tal-inġenju u għal struzzjonijiet u regoli oħra, kif ukoll li jakkumpanja lill-membri tal-ekwipaġġ nieqsa mill-esperjenza. 3. Għarfien dwar ir-regoli tal-kumpanija jew dwar il-proċeduri abbord. 4. Ħila li jirrispetta r-regoli tal-kumpanija jew il-proċeduri abbord.
2. jikkontribwixxi għal relazzjonijiet soċjali tajbin u jikkoopera ma' oħrajn abbord;	1. Għarfien dwar id-diversità kulturali. 2. Ħila li jaċċetta standards, valuri u drawwiet kulturali differenti. 3. Ħila li jaħdem u jgħix f'tim.

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
	4. Ħila li jieħu sehem f'laqgħat tat-tim u jwettaq il-kompiti mqassmin. 5. Għarfien dwar l-importanza tar-rispett għall-ħidma f'tim. 6. Ħila li jirrispetta d-differenzi relatati mas-sess u mal-kultura u li jirrapporta problemi relatati inklużi fastidju morali u fastidju sesswali.
3. jaċċetta r-responsabbiltà soċjali, il-kundizzjonijiet tal-impjieg, id-drittijiet u d-dmirijiet individwali; jagħraf il-perikli tal-abbuż tal-alkoħol u tad-drogi u jwieġeb b'mod adegwat għal imġiba ħażina u għal perikli;	1. Ħila li jidentifika mġiba ħażina u perikli potenzjali. 2. Ħila li jwieġeb b'mod proattiv għal mġiba ħażina u għal perikli potenzjali. 3. Ħila li jaħdem b'mod indipendenti skont l-istruzzjonijiet. 4. Għarfien dwar id-drittijiet u d-dmirijiet tal-ħaddiema individwali. 5. Għarfien dwar il-perikli tal-użu tal-alkoħol tad-drogi fl-ambjent tax-xogħol u soċjali. (Għarfien dwar ir-regoli tal-pulizija dwar it-tossikoloġija). 6. Ħila li jidentifika l-perikli għall-operat sikur tal-inġenju b'rabta mal-alkoħol u mad-drogi.
4. jippjana, jixtri u jħejji ikliet sempliċi.	1. Għarfien dwar il-possibiltajiet għall-provvista tal-ikel u dwar il-prinċipji ta' nutrizzjoni sustanzjuża. 2. Ħila li jħejji ikliet sempliċi b'rispett għar-regoli dwar l-iġjene.

7. Saħħa u sikurezza u protezzjoni ambjentali

7.1. Il-baħħar għandu jkun kapaċi jaderixxi mar-regoli dwar ix-xogħol sikur, jifhem l-importanza tar-regoli dwar is-saħħa u s-sikurezza u l-importanza tal-ambjent.

Il-baħħar għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jaħdem skont l-istruzzjonijiet u r-regoli għas-sikurezza fuq ix-xogħol u l-prevenzjoni tal-aċċidenti;	1. Għarfien dwar il-vantaġġi ta' prattiki tax-xogħol sikur. 2. Għarfien dwar in-natura tal-perikli abbord. 3. Ħila li jipprevjeni perikli relatati mal-perikli abbord, pereżempju: <ul style="list-style-type: none"> • il-movimenti tal-inġenju; • il-provvista għal imbark sikur fuq l-inġenju u għal żbark sikur minnu (eż. passarella, dgħajsa tal-bastiment); <ul style="list-style-type: none"> • l-istivar sikur ta' oġġetti li jiċċaqalqu; • il-ħidma bil-makkinarju; • ir-rikonoxximent ta' perikli elettriċi; • prekawzjonijiet kontra n-nirien u t-tifi tan-nirien; • l-użu professjonali tal-għodod manwali; • l-użu professjonali tal-għodod motorizzati portabbli; • konformità mas-saħħa u mal-iġjene; • it-tneħħija ta' perikli ta' żliq, ta' waqgħat u ta' tfixkil. 4. Għarfien fuq l-istruzzjonijiet rilevanti dwar is-saħħa u x-xogħol sikur matul attivitajiet li jseħħu abbord. 5. Għarfien dwar ir-regolamenti applikabbli li jikkonċernaw kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u sostenibbli. 6. Ħila li jipprevjeni aċċidenti f'attivitajiet li jistgħu jkunu perikolużi għall-persunal jew għall-inġenju b'rabta ma' <ul style="list-style-type: none"> • it-tagħbija u l-ħatt ta' merkanziji; • l-irmiġġ u t-tneħħija tal-irmiġġ; • ix-xogħol fuq l-arbli; • ix-xogħol bis-sustanzi kimiċi; • ix-xogħol bil-batteriji; • il-preżenza fil-kamra tal-magna;

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
	<ul style="list-style-type: none"> • l-irfiġh ta' tagħbijiet (manwalment u mekkanikament); • id-dħul u x-xogħol fi spazji magħluqa. <p>7. Ħila li jifhem ordnijiet u jikkomunika ma' oħrajn b'rabta mad-dmirijiet abbord.</p>
2. juża tagħmir tal-protezzjoni personali biex jipprevjeni l-aċċidenti;	<p>1. Għarfien dwar it-tagħmir tal-protezzjoni personali.</p> <p>2. Ħila li juża tagħmir tal-protezzjoni personali, pereżempju:</p> <ul style="list-style-type: none"> • il-protezzjoni tal-għajnejn, • il-protezzjoni respiratorja, • il-protezzjoni tal-widnejn, • il-protezzjoni tar-ras, • ħwejjeġ tal-protezzjoni.
3. jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa qabel ma jidħol fi spazji magħluqin.	<p>1. Għarfien dwar il-perikli assoċjati mad-dħul fi spazji magħluqin.</p> <p>2. Għarfien dwar il-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu u t-testijiet jew il-kejliet li għandhom jitwettqu biex jiġi ddeterminat jekk spazju magħluq huwiex sikur għad-dħul, u filwaqt li jaħdem fi spazju magħluq.</p> <p>3. Ħila li japplika l-istruzzjonijiet dwar is-sikurezza qabel ma jidħol f'ċerti spazji abbord, pereżempju:</p> <ul style="list-style-type: none"> • l-istivi, • l-istrutturi għall-ilma, • il-buq doppju. <p>4. Ħila li jieħu prekawzjonijiet rigward ix-xogħol fi spazji magħluqin.</p>

7.2. Il-baħħar għandu jkun kapaċi jaġraf l-importanza tat-taħriġ abbord u jaġixxi minnufih fil-każ ta' emerġenzi.

Il-baħħar għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jaġixxi fil-każ ta' emerġenzi skont l-istruzzjonijiet u l-proċeduri applikabbli;	<p>1. Għarfien dwar id-diversi tipi ta' emerġenzi.</p> <p>2. Għarfien dwar ir-rutina li għandha tiġi segwita f'każ ta' allarm.</p> <p>3. Għarfien dwar il-proċeduri applikabbli fil-każ ta' aċċident.</p> <p>4. Ħila li jaġixxi skont l-istruzzjonijiet u l-proċeduri.</p>
2. jaġhti l-ewwel għajnuna medika;	<p>1. Għarfien dwar il-prinċipji ġenerali tal-ewwel għajnuna li jinkludu valutazzjoni tal-istruttura tal-body u l-funzjonijiet abbord inġenju wara valutazzjoni ta' sitwazzjoni.</p> <p>2. Ħila li jżomm kundizzjoni fiżika u mentali u iġjene personali tajba fil-każ tal-ewwel għajnuna.</p> <p>3. Għarfien dwar il-miżuri rilevanti fil-każ ta' aċċidenti skont l-aħjar prattiki rikonoxxuti.</p> <p>4. Ħila li jivvaluta l-ħtiġijiet tal-vittmi ta' diżgrazzja u ta' theddidiet għas-sikurezza personali.</p> <p>5. Ħila li jwettaq il-miżuri meħtieġa f'każijiet ta' emerġenza, inkluż li:</p> <ol style="list-style-type: none"> (a) jippożizzjona lill-vittmi ta' diżgrazzja, (b) japplika t-tekniki ta' risuxximent, (c) jikkontrolla l-emorraġġi, (d) japplika miżuri xierqa ta' ġestjoni bażika tax-xokkijiet, (e) japplika miżuri xierqa fil-każ ta' ħruq u ta' smit, inklużi aċċidenti kkawżati minn kurrent elettriku. (f) isalva u jittrasporta lil vittma ta' diżgrazzja.

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
	6. Ħila li jimprovizza faxex u juża l-materjali fil-kitt ta' emerġenza.
3. juża u jmantni t-tagħmir ta' protezzjoni personali u t-tagħmir tas-salvataġġ tal-ħajja abbord;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar il-kontrolli perjodiċi ta' protezzjoni personali, ir-rotot ta' ħruġ f'emerġenza u t-tagħmir tas-salvataġġ rigward il-funzjoni, il-ħsara, it-tkagħbir bl-użu u imperfezzjonijiet oħra. 2. Ħila li jirreaġixxi fil-każ ta' imperfezzjonijiet identifikati li jinkludu proċeduri ta' komunikazzjoni rilevanti. 3. Ħila li juża apparati personali għas-salvataġġ tal-ħajja, pereżempju: <ul style="list-style-type: none"> • bagi tas-salvataġġ li jinkludu t-tagħmir rilevanti, u • ġkieket tas-salvataġġ li jinkludu t-tagħmir rilevanti fuq il-ġkieket tas-salvataġġ, bħal dwal fissi jew ipetptu u suffara marbuta b'mod sikur bi spaga. 4. Għarfien dwar il-funzjonijiet tad-dgħajsa tal-bastiment. 5. Ħila li jħejji, iniedi, ibaħħar, jirkupra u jistiva d-dgħajsa tal-bastiment.
4. jipprovdi assistenza fil-każ ta' operazzjonijiet tas-salvataġġ u jgħum;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Ħila li jsalva u jittrasporta lil vittma ta' diżgrazzja. 2. Ħila li juża l-kapaċitajiet tal-għawm għal operazzjonijiet tas-salvataġġ.
5. juża r-rotot għall-ħruġ ta' emerġenza;	Ħila li jżomm ir-rotot għall-ħruġ f'emerġenza ħielsa mill-ostakli (skont il-karatteristiċi lokali abbord).
6. juża sistemi interni ta' komunikazzjoni u ta' allarm f'emerġenzi.	Ħila li juża s-sistemi u t-tagħmir ta' komunikazzjoni u ta' allarm f'emerġenzi

7.3. Il-baħħar għandu jkun kapaċi jieħu prekawzjonijiet biex jipprevjeni n-nirien u għandu juża t-tagħmir għat-tifi tan-nar kif suppost.

Il-baħħar għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jiddistingwi bejn l-elementi tan-nirien u t-tipi u s-sorsi tat-tqabbid;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar il-kawżi possibbli tan-nirien matul attivitajiet differenti kif ukoll għarfien dwar il-klassifikazzjoni tan-nirien skont l-Istandard Ewropew EN jew ekwivalenti. 2. Għarfien dwar l-elementi tal-proċess ta' kombustjoni. 3. Ħila li japplika l-approċċi bażiċi tat-tifi tan-nar.
2. juża tipi differenti ta' apparati tat-tifi tan-nar;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar il-karatteristiċi u l-klassijiet differenti ta' apparati tat-tifi tan-nar. 2. Ħila li japplika diversi metodi għat-tifi tan-nar u juża tagħmir għat-tifi tan-nar u installazzjonijiet fissi filwaqt li jqis, pereżempju: <ul style="list-style-type: none"> • l-użu ta' tipi differenti ta' apparati portabbli għat-tifi tan-nar, u • l-influenza tar-riħ hu u riesaq lejn in-nar.
3. jaġixxi skont il-proċeduri u l-organizzazzjoni tat-tifi tan-nar abbord il-bastiment;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar is-sistemi abbord għall-ġlieda kontra n-nirien. 2. Ħila li jindirizza n-nirien u jieħu miżuri ta' notifika rilevanti.
4. isegwi struzzjonijiet li jikkonċernaw: it-tagħmir personali, il-metodi, l-aġenti tat-tifi tan-nar u l-proċeduri matul l-operazzjonijiet ta' tifi tan-nar u tas-salvataġġ.	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar il-proċeduri biex jiġi evitat periklu personali. 2. Ħila li jaġixxi skont il-proċedura ta' emerġenza.

7.4. Il-baħħar għandu jkun kapaċi jwettaq id-dmirijiet filwaqt li titqies l-importanza tal-ħarsien tal-ambjent.

Il-baħħar għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. iħares l-ambjent skont ir-regolamenti rilevanti;	1. Għarfien dwar ir-regolamenti nazzjonali u internazzjonali rigward il-ħarsien tal-ambjent. 2. Ħila li juża d-dokumentazzjoni u s-sistemi ta' informazzjoni disponibbli rigward kwistjonijiet ambjentali skont l-istruzzjonijiet. 3. Għarfien dwar il-konsegwenzi ta' tnixxijiet, ta' tixrid jew ta' rilaxx possibbli ta' sustanzi niġġiesa fl-ambjent. 4. Għarfien dwar l-oġġetti perikolużi u l-klassifikazzjonijiet rigward l-aspetti ambjentali.
2. jieħu prekawzjonijiet biex jipprevjeni tniġġis fl-ambjent;	1. Għarfien dwar il-prekawzjonijiet ġenerali għall-prevenzjoni tat-tniġġis tal-ambjent. 2. Ħila li jsegwi prekawzjonijiet ġenerali u japplika proċeduri dwar il-bunkering sikur. 3. Ħila li jieħu miżuri skont l-istruzzjonijiet fil-każ ta' kollizzjoni, pereżempju billi jissiġilla t-tnixxijiet.
3. juża r-riżorsi b'mod effiċjenti;	1. Għarfien dwar l-użu effiċjenti tal-konsum tal-fjuwil. 2. Ħila li juża materjali b'mod ekonomiku u li jiffranka l-enerġija.
4. jarmi l-iskart b'mod ekoloġiku.	1. Għarfien dwar ir-regolamenti applikabbli rigward l-iskart. 2. Ħila li jwettaq il-ġbir, it-twassel u r-rimi ta': <ul style="list-style-type: none"> • żejt u xaħam tal-inġenju, • residwi tal-merkanzija, u • tipi oħra ta' oġġetti tal-iskart.

II. STANDARDS TAL-KOMPETENZA GĦAL-LIVELL MANIĠERJALI

0. Superviżjoni

Il-kaptan għandu jkun kapaċi jagħti struzzjonijiet lil membri oħra tal-ekwipaġġ ta' fuq il-gverta u jissorvelja l-kompiti li jeżerċitaw, kif imsemmi fit-Taqsima 1 tal-Anness II tad-Direttiva (UE) 2017/2397, li jimplikaw ħiliet adegwati għat-twertiq ta' dawn il-kompiti.

Persuni li jkunu lesti li jikkwalifikaw bħala kaptan għandhom jagħtu xieħda tal-kompetenzi elenkati fit-Taqsimiet 0.1 sa 7.4 li ġejjin sakemm ma jkunux ħadu wieħed minn dawn il-passi li ġejjin:

- wettqu programm ta' taħriġ approvat fuq il-bażi tal-istandards tal-kompetenza għal-livell operazzjonali;
- għaddew minn valutazzjoni tal-kompetenza mwettqa minn awtorità amministrattiva mmirata lejn il-verifika li l-istandards tal-kompetenza għal-livell operazzjonali jkunu ntlaħqu.

0.1. Navigazzjoni

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. juri operazzjonijiet ta' rmiġġ, ta' hall mill-irmiġġ u ta' ġbid (rmonk);	1. Għarfien dwar it-tagħmir, il-materjal u l-proċeduri użati għall-operazzjonijiet ta' rmiġġ, ta' hall mill-irmiġġ u ta' ġbid (rmonk). 2. Ħila li juża materjali disponibbli abbord bħal winċijiet, bollards, ħbula u wajers fid-dawl tal-miżuri rilevanti ta' sikurezza fix-xogħol li jinkludu l-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali u tas-salvataġġ. 3. Ħila li jikkomunika mal-kamra tat-tmunier billi juża s-sistemi ta' komunikazzjoni bl-intercom u s-sinjali bl-idejn.

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
	<ol style="list-style-type: none"> 4. Għarfien dwar l-effetti tal-moviment tal-ilma madwar l-inġenju u l-effetti lokali fuq iċ-ċirkustanzi tat-tbaħħir li jinkludu l-effetti tal-inklinazzjoni lonġitudinali, tal-ilma baxx b'rabta mal-pixka tal-inġenju. 5. Għarfien dwar il-moviment tal-ilma li jaffettwa l-inġenju matul l-immanuvrar, inklużi l-effetti ta' interazzjoni meta żewġ inġenji jgħaddu viċin xulxin jew jaqbz u lil xulxin f'passaġġi navigabbli dojoq, u l-effetti ta' interazzjoni fuq inġenju rmiġġat fil-ġenb meta inġenju ieħor jgħaddi mill-passaġġ intern fil-viċin.
<p>2. juri operazzjonijiet ta' akkoppjar ta' kombinamenti ta' barkuni mbuttati;</p>	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar it-tagħmir, il-materjal u l-proċeduri użati għall-operazzjonijiet ta' akkoppjar. 2. Ħila li jqabbad u jaqla' kombinamenti ta' barkuni mbuttati billi juża billi juża t-tagħmir u l-materjali meħtieġa. 3. Ħila li juża t-tagħmir u l-materjali disponibbli abbord għal operazzjonijiet ta' akkoppjar filwaqt li jqis il-miżuri rilevanti ta' sikurezza fix-xogħol li jinkludu l-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali u tas-salvataġġ. 4. Ħila li jikkomunika mal-membri tal-ekwipaġġ ta' fuq il-gverta involuti fl-operazzjonijiet ta' akkoppjar ta' kombinamenti ta' barkuni mbuttati.
<p>3. juri operazzjonijiet ta' ankraġġ;</p>	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar it-tagħmir, il-materjali u l-proċeduri użati għall-operazzjonijiet ta' ankraġġ. 2. Ħila li juri manuvri tal-ankra: iħejji t-tagħmir tal-ankra għal operazzjonijiet ta' ankraġġ, jippreżenta ankra, jagħti biżżejjed kejbil jew katina għall-bdil inizjali tad-direzzjoni u jiddetermina meta l-ankra żżomm l-inġenju fil-pożizzjoni tiegħu (orjentazzjoni tal-ankra) u jorbot l-ankri malli jitlestha l-ankraġġ u juża ankri tat-tkaxkir f'diversi manuvri u biex jimmaniġġja s-sinjali tal-ankri. 3. Ħila li juża t-tagħmir u l-materjali disponibbli abbord għal operazzjonijiet ta' ankraġġ filwaqt li jqis il-miżuri rilevanti ta' sikurezza fix-xogħol li jinkludu l-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali u tas-salvataġġ. 4. Ħila li jikkomunika mal-kamra tat-tmunier billi juża s-sistemi ta' komunikazzjoni bl-intercom u s-sinjali bl-idejn.
<p>4. jieħu l-azzjonijiet xierqa għas-sikurezza ta' navigazzjoni;</p>	<ol style="list-style-type: none"> 1. Ħila li jwissi minnufih lill-ekwipaġġ tal-inġenju u li juża tagħmir ta' protezzjoni personali u tas-salvataġġ. 2. Ħila li jissiġġilla l-inġenju biex ma jidħolx ilma fih. 3. Ħila li juri u jeżegwixxi x-xogħol skont il-lista ta' kontroll fuq il-gverta u fil-postijiet ta' għajxien bħall-protezzjoni kontra l-ilma u l-ghelug tal-bokkaporti u tal-istivi.
<p>5. jiddeskrivi d-diversi tipi ta' mgħalaq u ta' pontijiet b'rabta mal-operat tagħhom;</p>	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar il-forma, it-tiswira u l-faċilitajiet tal-maġhlaq u tal-pontijiet, il-operazzjoni tal-ghelug (il-proċess tat-tluġ u tal-inżul fil-maġhlaq), it-tipi ta' mgħalaq, ta' bollards u ta' turġien, eċċ. 2. Ħila li jispjega u juri l-proċeduri applikabbli lill-membri tal-ekwipaġġ ta' fuq il-gverta filwaqt li l-inġenju jkun għaddej minn imgħalaq, mid-digi u minn taħt il-pontijiet.
<p>6. jirrispetta d-dispożizzjonijiet ġenerali, is-senjalazzjonijiet, is-sinjali u s-sistema ta' markar.</p>	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar ir-regolamenti tal-pulizija li japplikaw għall-passaġġi fuq l-ilma interni rilevanti. 2. Ħila li jimmaniġġja u jmantni s-sistema ta' mmmarkar, tas-sinjali u tas-senjalazzjonijiet bil-ħoss ta' binhar u ta' billejl tal-inġenju. 3. Għarfien dwar is-sistema ta' baġi u ta' mmmarkar skont SIGNI u IALA parti A.

0.2. L-operat tal-inġenju

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jiddistingwi bejn id-diversi tipi ta' inġenji;	1. Għarfien dwar l-aktar tipi komuni ta' inġenji inklużi konvojs użati fl-IWT Ewropew u l-kostruzzjoni, id-dimensjonijiet u t-tunnellaġġ korrispondenti tagħhom. 2. Ħila li jispjega l-karatteristiċi tal-aktar tipi komuni ta' inġenji li jinkludu konvojs użati fl-IWT Ewropew.
2. japplika l-għarfien dwar id-dokumentazzjoni meħtieġa għall-operat tal-inġenju.	1. Għarfien dwar id-dokumentazzjoni obligatorja tal-inġenju. 2. Ħila li jispjega l-importanza tad-dokumentazzjoni b'rabta mar-rekwiżiti u mal-leġiżlazzjoni internazzjonali u nazzjonali.

0.3. Immaniġġar tal-merkanzija, stivar u trasport tal-passiġġieri

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jispjega l-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Ilma Interni (ADN), il-proċeduri ta' tikkettar u tas-sikurezza tat-trasport tal-passiġġieri;	1. Ħila li jispjega t-tikkettar tal-ADN ta' oġġetti perikolużi. 2. Ħila li jispjega l-proċeduri dwar is-sikurezza tat-trasport tal-passiġġieri li jinkludu l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1177/2010. 3. Ħila li jikkomunika b'mod effettiv mal-passiġġieri.
2. jispjega u juri l-użu tas-sistema tas-saborra;	1. Għarfien dwar il-funzjoni u l-użu tas-sistema tas-saborra. 2. Ħila li jispjega l-użu tas-sistema tas-saborra, pereżempju bil-mili jew bit-tbattil tat-tankijiet tas-saborra.
3. jivverifika l-ammont ta' merkanzija.	1. Għarfien dwar il-metodi manwali u tekniċi tad-determinazzjoni tal-piż tal-merkanzija fuq id-diversi tipi ta' inġenji. 2. Ħila li juża l-metodi għad-determinazzjoni tal-ammont ta' merkanzija mgħobbija jew rilaxxata. 3. Ħila li jikkalkula l-ammont ta' merkanzija likwida bl-użu tas-soundings u/jew tat-tabelli tat-tank.

0.4. Inġinerija marina u inġinerija elettrika, elettronika u ta' kontroll

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. iħaddem il-makkinarju li jinkludi pompi, sistemi ta' pajpijiet, sistemi tas-sentina u tas-saborra;	1. Għarfien dwar il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-operat sikur tal-makkinarju u tas-sistema tas-sentina u tas-saborra kif ukoll dwar ir-rimi kif suppost tal-iskart. 2. Ħila li jopera u jikkontrolla l-makkinarju fil-kamra tal-magni skont il-proċeduri. 3. Ħila li jispjega l-funzjoni, l-operat u l-manutenzjoni sikuri tas-sistema tas-sentina u tas-saborra inklużi: ir-rapportar ta' inċidenti assoċjati mal-operazzjonijiet ta' trasferiment u l-ħila li jkejje l-jirrapporta kif suppost il-livelli tat-tank.

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
	4. Ħila li jħejji u jħaddem operazzjonijiet ta' tifi tal-magni wara l-operat. 5. Ħila li jħaddem is-sistemi tal-ippumpjar tas-sentina, tas-saborra u tal-merkanzija. 6. Ħila li jispjega n-neċessità tal-ġbir, tal-ħżin u tat-twassil ta' prodotti tal-iskart b'mod korrett u sikur. 7. Ħila li juża sistemi idrawliċi u pnevmatiċi.
2. iħejji, jistartja, iqabbad u jiċċarġja l-ġeneraturi, u jikkontrolla s-sistemi taġġhom u l-provvista tal-elettriku minn fuq l-art;	1. Għarfien dwar l-installazzjoni tal-enerġija. 2. Ħila li juża switchboard 3. Ħila li juża l-provvista tal-elettriku minn fuq l-art.
3. juża l-ġhodod u l-materjali meħtieġa;	1. Għarfien dwar il-karatteristiċi u l-limitazzjonijiet tal-proċessi u tal-materjali u l-ġhodod użati għall-manutenzjoni u għat-tiswija ta' magni u ta' taġġmir. 2. Ħila li japplika proċeduri tax-xogħol sikur.
4. iwettaq ix-xogħol ta' manutenzjoni ta' kuljum fuq il-magni ewlenin, il-makkinarju awżiljarju u s-sistemi ta' kontroll;	Ħila li jmantni u jżomm fi stat tajjeb il-kamra tal-magni, il-magna ewlenija, il-makkinarju ewleni, it-taġġmir awżiljarju u s-sistemi ta' kontroll.
5. iwettaq ix-xogħol ta' manutenzjoni ta' kuljum fuq il-makkinarju li jinkludi pompi, sistemi ta' pajpijiet, sistemi tas-sentina u tas-saborra.	Ħila li jmantni u jżomm il-ħsieb pompi, sistemi ta' pajpijiet, sistemi tas-sentina u tas-saborra.

0.5. Manutenzjoni u tiswija

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jiproteġi s-saħħa u l-ambjent meta jaġġmel manutenzjoni u tiswija;	1. Għarfien dwar il-proċeduri applikabbli dwar it-tindif u l-preservazzjoni u r-regoli dwar l-iġjene. 2. Ħila li jnaddaf l-ispazji ta' akkomodazzjoni kollha, il-kamra tat-tmunier u jżomm l-ambjent kif xieraq b'mod li jirrispetta r-regoli dwar l-iġjene, inkluża r-responsabbiltà għall-ispazju ta' akkomodazzjoni tiegħu stess. 3. Ħila li jnaddaf il-kmamar tal-magni u l-magni billi juża l-materjali tat-tindif xierqa. 4. Ħila li jnaddaf u jippreserva l-partijiet ta' barra, il-buq u l-gverti tal-inġenju kif suppost billi juża l-materjali xierqa skont ir-regoli ambjentali. 5. Ħila li jżomm il-ħsieb l-inġenju u r-rimi tal-iskart domestiku skont ir-regoli ambjentali.
2. imantni l-apparati tekniċi skont struzzjonijiet tekniċi;	1. Għarfien dwar l-istruzzjonijiet tekniċi għall-manutenzjoni u għall-programmi ta' tiswija. 2. Ħila li jmantni u jżomm il-ħsieb it-taġġmir tekniku kollu skont l-istruzzjonijiet tekniċi. 3. Ħila li juża l-programmi ta' manutenzjoni (inklużi diġitali) taħt superviżjoni.
3. jimmanipula l-wajers u l-ħbula b'mod sikur;	1. Għarfien dwar il-karatteristiċi tat-tipi differenti ta' ħbula u ta' wajers. 2. Ħila li jużahom u jaħżinhom skont il-metodi u r-regoli dwar ix-xogħol sikur.

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
4. jagħmel għoqiedi u ċombaturi skont l-użu ta' tagħhom u jmantnihom.	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar il-proċeduri li jridu jiġu segwiti biex jiġu żgurati rmonkar u akkoppjar sikuri bil-mezzi disponibbli abbord. 2. Ħila li jiċċompa wajers u ħbula. 3. Ħila li japplika għoqiedi skont l-użu ta' tagħhom. 4. Ħila li jmantni wajers u ħbula.

0.6. Komunikazzjoni

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jippreżenta l-fatti billi juża termini tekniċi.	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar it-termini tekniċi u nawtiċi meħtieġa kif ukoll it-termini relatati mal-aspetti soċjali fi frażijiet ta' komunikazzjoni standardizzati. 2. Ħila li juża t-termini tekniċi u nawtiċi meħtieġa kif ukoll it-termini relatati mal-aspetti soċjali fi frażijiet ta' komunikazzjoni standardizzati.

0.7. Saħħa u sikurezza u protezzjoni ambjentali

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. japplika r-regoli għas-sikurezza fuq ix-xogħol u għall-prevenzjoni ta' aċċidenti;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar il-metodi tax-xogħol sikur. 2. Għarfien dwar in-natura tal-perikli abbord. 3. Ħila li jipprevjeni perikli relatati mal-perikli abbord, pereżempju: <ul style="list-style-type: none"> • movimenti tal-inġenju, • il-provvista ta' imbark sikur fuq l-inġenju u ta' żbank minnu (eż. passarella, dgħajsa tal-bastiment), • l-istivar sikur ta' oġġetti li jiċċaqalqu, • il-ħidma bil-makkinarju, • ir-rikonoxximent ta' perikli elettriċi, • prekawzjonijiet kontra nirien u t-tifi ta' nirien, • l-użu professjonali tal-għodod manwali, • l-użu professjonali tal-għodod motorizzati portabbli, • konformità mas-saħħa u mal-iġjene, • it-tneħħija ta' perikli ta' żliq, ta' waqgħat u ta' tfixkil. 4. Għarfien fuq l-istruzzjonijiet rilevanti dwar is-saħħa u x-xogħol sikur matul attivitajiet li jseħħu abbord. 5. Għarfien dwar ir-regolamenti applikabbli li jikkonċernaw kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u sostenibbli. 6. Ħila li jipprevjeni attivitajiet li jistgħu jkunu perikolużi għall-persunal jew għall-inġenju, pereżempju: <ul style="list-style-type: none"> • it-tagħbija jew il-ħatt ta' merkanziji, • l-irmiġġ u t-tneħħija tal-irmiġġ, • ix-xogħol fuq l-arbli, • ix-xogħol bis-sustanzi kimiċi, • ix-xogħol bil-batteriji, • matul il-preżenza fil-kamra tal-magni, • l-irfigħ ta' tagħbijiet (manwalment u mekkanikament), • id-dħul u x-xogħol fi spazji magħluqa.

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
2. juża tagħmir tal-protezzjoni personali biex jipprevjeni l-aċċidenti;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar il-proċeduri biex jintuża t-tagħmir meħtieġ għax-xogħol sikur abbord. 2. Ħila li juża tagħmir tal-protezzjoni personali, pereżempju: <ul style="list-style-type: none"> • il-protezzjoni tal-għajnejn, • il-protezzjoni respiratorja, • il-protezzjoni tal-widnejn, • il-protezzjoni tar-ras, • ħwejjeġ tal-protezzjoni.
3. jgħum u jassisti fil-każ ta' operazzjonijiet tas-salvataġġ;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Ħila li juża l-kapaċitajiet tal-għawm għal operazzjonijiet tas-salvataġġ. 2. Ħila li juża t-tagħmir tas-salvataġġ fil-każ ta' operazzjonijiet tas-salvataġġ. 3. Ħila li jsalva u jittrasporta lil vittma ta' diżgrazzja.
4. juża rotot għall-ħruġ ta' emerġenza;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti f'sitwazzjoni ta' evakwazzjoni (skont il-karatteristiċi lokali abbord). 2. Ħila li jżomm ir-rotot ta' ħruġ f'emerġenza ħielsa minn ostakli.
5. juża sistemi interni ta' komunikazzjoni u ta' allarm f'emerġenzi;	Ħila li juża s-sistemi u t-tagħmir ta' komunikazzjoni u ta' allarm f'emerġenzi.
6. jiddistingwi bejn l-elementi ta' nar u t-tipi u s-sorsi tat-tqabbid;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar il-kawżi possibbli tan-nirien matul attivitajiet differenti kif ukoll dwar il-klassifikazzjoni tan-nirien skont l-istandard Ewropew EN jew ekwivalenti. 2. Għarfien dwar l-elementi tal-proċess ta' kombustjoni. 3. Ħila li japplika l-proċeduri bażiċi tat-tifi tan-nar.
7. jiddistingwi u juża tipi differenti ta' apparati tat-tifi tan-nar.	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar il-karatteristiċi u l-klassijiet differenti ta' apparati tat-tifi tan-nar. 2. Ħila li japplika diversi metodi għat-tifi tan-nar u tagħmir għat-tifi tan-nar u installazzjonijiet fissi, pereżempju: <ul style="list-style-type: none"> • klassijiet ta' apparati tat-tifi tan-nar, • użu ta' tipi differenti ta' apparati portabbli tat-tifi tan-nar, • l-inflwenza tar-riħ hu u riesaq lejn in-nar.
8. Jagħti l-ewwel għajjnuna medika	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar il-prinċipji ġenerali tal-ewwel għajjnuna li jinkludu valutazzjoni tal-istruttura tal-body u l-funzjonijiet abbord inġenju wara valutazzjoni ta' sitwazzjoni. 2. Ħila li jżomm kundizzjoni fiżika u mentali u iġjene personali tajba fil-każ tal-ewwel għajjnuna. 3. Għarfien dwar il-miżuri rilevanti fil-każ ta' aċċidenti skont l-aħjar prattiki rikonossuti. 4. Ħila li jivvaluta l-ħtiġijiet tal-vittmi ta' diżgrazzja u ta' theddidiet għas-sikurezza personali. 5. Ħila li jwettaq il-miżuri meħtieġa f'każijiet ta' emerġenza, inkluż li: <ol style="list-style-type: none"> (a) jippożizzjona lill-vittmi ta' diżgrazzja, (b) japplika t-tekniki ta' risuxximent, (c) jikkontrolla l-emorraġġi, (d) japplika miżuri xierqa ta' ġestjoni bażika tax-xokkijiet, (e) japplika miżuri xierqa fil-każ ta' ħruq u ta' tismit, inklużi aċċidenti kkawżati minn kurrent elettriku, (f) isalva u jittrasporta lil vittma ta' diżgrazzja. 6. Ħila li jimprovizza faxex u l-materjali fil-kitt ta' emerġenza.

1. Navigazzjoni

1.1. Il-kaptan għandu jkun kapaċi jippjana vjaġġ u jmexxi n-navigazzjoni f'passaġġi fuq l-ilma interni, inkluż li jkun kapaċi jagħmel l-aktar rotta tat-tbajhir loġika, ekonomika u ekoloġika biex jasal fid-destinazzjonijiet tat-tagħbija u tal-ħatt filwaqt li jqis ir-regolamenti tat-traffiku applikabbli u ġabra ta' regoli miftiehma applikabbli fin-navigazzjoni interna.

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jinnaviga fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni Ewropej inklużi fil-imgħalaq u fil-lifts skont il-ftehimiet dwar in-navigazzjoni mal-aġent;	<ol style="list-style-type: none"> Għarfien dwar il-passaġġi fuq l-ilma interni nazzjonali u internazzjonali użati min-navigazzjoni interna, il-post ġeografiku tax-xmajjar, tal-kanali, tal-portijiet tal-baħar, tal-portijiet interni u r-relazzjoni mal-flussi tal-merkanzija. Għarfien dwar il-klassifikazzjoni tal-Forum Internazzjonali tat-Trasport (CEMT, Konferenza tal-Ministri Ewropej tat-Trasport) tal-passaġġi fuq l-ilma interni, id-dimensjonijiet tal-passaġġi fuq l-ilma b'rabta mad-dimensjonijiet tal-inġenju bl-użu ta' sistemi moderni ta' informazzjoni. Ħila li jikkalkula bil-livelli tal-ilma, bil-fond u bil-pixka (tal-arja) billi juża s-sorsi ta' informazzjoni rilevanti. Ħila li jikkalkula d-distanzi u l-ħin tat-tbaħħir billi juża s-sorsi ta' informazzjoni rigward id-distanzi, l-imgħalaq, ir-restrizzjonijiet u l-veloċità jew il-ħin tat-tbaħħir. Għarfien dwar ir-responsabbiltà u l-assigurazzjoni. Ħila li jagħti ordnijiet lill-membri tal-ekwipaġġ u lill-persunal abbord il-bastiment biex iwettaq il-kompiti b'mod sikur.
2. jirrispetta u japplika r-regolamenti tat-traffiku applikabbli għan-navigazzjoni fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni biex jevita l-ħsara;	<ol style="list-style-type: none"> Għarfien dwar ir-regoli tat-triq bħas-sett miftiehem ta' regoli applikabbli fin-navigazzjoni interna għall-passaġġi fuq l-ilma interni li jkunu qed jitbaħħru biex jevita l-ħsara (eż. kollizzjoni). Ħila li japplika r-regolamenti rilevanti dwar it-traffiku applikabbli għall-passaġġ fuq l-ilma li jkun qed jitbaħħar.
3. jikkunsidra l-aspetti ekonomiċi u ekoloġiċi tal-operat tal-inġenju biex juża l-inġenju b'mod effiċjenti u jirrispetta l-ambjent;	<ol style="list-style-type: none"> Għarfien dwar l-aspetti ambjentali meta jbaħħar fil-passaġġi fuq l-ilma interni. Ħila li jwettaq navigazzjoni sostenibbli b'mod ambjentali u ekonomika, eż. fir-rigward tal-effiċjenza fil-fjuwil, il-bunkering, il-livelli ta' emissjonijiet, l-effetti tal-ilma baxx, il-konnessjoni mas-sorsi tal-elettriku fuq l-art u l-immaniġġjar tal-iskart.
4. iqis l-istrutturi u l-profilu tekniċi tal-passaġġi fuq l-ilma, u juża l-prekawzjonijiet;	<ol style="list-style-type: none"> Għarfien dwar l-influwenza tal-istrutturi tal-inġinerija, tal-profilu tal-passaġġi fuq l-ilma u tax-xogħlijiet ta' protezzjoni fuq in-navigazzjoni. Ħila li jinnaviga l-passaġġ minn diversi tipi ta' magħlaq u l-proċeduri tat-tluġ u tal-inżul fil-magħlaq, diversi tipi ta' pontijiet, profili ta' kanali u ta' xmajjar u li jagħmel użu minn "portijiet sikuri" u portijiet għal-lejl.
5. jaħdem b'ċarts jew mapep aġġornati, Avvizi għal skippers jew għal baħħara u pubblikazzjonijiet oħra;	<ol style="list-style-type: none"> Għarfien dwar l-ġhajnuniet għan-navigazzjoni. Ħila li juża ġhajnuniet għan-navigazzjoni kif ikun applikabbli, eż. sistema ta' navigazzjoni bis-satellita. Ħila li juża ċarts nawtiċi filwaqt li jqis fatturi relatati mal-preċiżjoni u mal-qari taċ-ċarts bħad-data taċ-ċarts, is-simboli, is-soundings, id-deskrizzjoni tal-qiegħ, il-fond u d-datums (WGS84) u li juża ċarts internazzjonali standards bħall-ECDIS Interna. Ħila li juża pubblikazzjonijiet nawtiċi bħal avviżi għal skippers jew għal baħħara biex jiġbor l-informazzjoni neċessarja meħtieġa għan-navigazzjoni sikura, għas-sejbien tal-għoli ta' marea fi kwalunkwe waqt, informazzjoni dwar is-silġ, il-livelli għoljin jew baxxi tal-ilma, il-postijiet ta' rmiġġ u d-direttorju portwali.

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
6. Juża l-għodod rilevanti ta' superviżjoni tat-traffiku u jkun kapaċi japplikahom;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar is-sinjali. 2. Ħila li juża s-sinjali ta' binhar u billejl bħad-dwal għall-iggwidar tal-inġenji. Għarfien dwar l-AIS Interna, l-ECDIS Interna, ir-rapportar elettroniku u l-avviżi għall-iskippers jew għall-baħħara, l-RIS, is-sistemi ta' servizzi tat-traffiku tal-bastimenti (VTS) issorveljati u mhux issorveljati u tal-komponenti tagħhom. 3. Ħila li juża għodod ta' informazzjoni dwar it-traffiku.

1.2. Il-kaptan għandu jkun kapaċi japplika għarfien fuq ir-regoli applikabbli dwar l-arranġamenti tal-persunal tal-inġenju, inkluż għarfien dwar il-ħin tal-mistrieħ u dwar il-kompożizzjoni tal-ekwipaġġ ta' fuq il-gverta;

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jżgura l-adegwatezza, f'termini ta' sikurezza, tal-arranġamenti tal-persunal skont ir-regoli applikabbli inkluż għarfien dwar il-ħin tal-mistrieħ u dwar il-kompożizzjoni tal-ekwipaġġ ta' fuq il-gverta.	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar ir-rekwiżiti minimi tal-arranġamenti tal-persunal u l-kwalifiki professjonali obbligatorji tal-membri tal-ekwipaġġ u tal-persunal abbord il-bastiment. 2. Għarfien dwar ir-rekwiżiti tal-istat mediku u tal-kontrolli mediċi tal-membri tal-ekwipaġġ. 3. Għarfien dwar il-proċedura amministrattiva għar-reġistrazzjoni ta' <i>data</i> fil-ġurnali ta' żamma ta' rekords dwar is-servizz. 4. Għarfien dwar il-modalitajiet applikabbli ta' użu u l-ħin minimu tal-mistrieħ. 5. Għarfien dwar il-proċedura amministrattiva għar-reġistrazzjoni ta' <i>data</i> fil-ġurnali ta'abbord. 6. Għarfien fuq ir-regoli dwar il-ħin tax-xogħol. 7. Għarfien dwar ir-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni speċifiċi. 8. Għarfien dwar ir-rekwiżiti speċifiċi dwar l-arranġamenti tal-persunal fir-rigward tal-bastimenti koperti mill-ADN, tal-bastimenti tal-passiġġieri u għall-inġenji bl-LNG fejn applikabbli. 9. Ħila li jagħti struzzjonijiet lill-membri tal-ekwipaġġ meta jibdeu u jspicċaw mix-xogħol.

1.3. Il-kaptan għandu jkun kapaċi jbaħħar u jimmanuvra filwaqt li jżgura t-tħaddim sigur tal-inġenju fil-kundizzjonijiet kollha fil-passaġġi fuq l-ilma interni, inkluż f'sitwazzjonijiet li jinvolvu traffiku qawwi jew meta inġenji oħrajn iġorru merkanzija perikoluża u li jeħtieġu għarfien bażiku dwar il-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Ilma Interni (ADN).

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jinnaviga u jimmanuvra filwaqt li jqis il-karatteristiċi ġeografiki, idroloġiki, meteoroloġiki u morfoloġiki tal-passaġġi fuq l-ilma interni ewlenin;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar il-karatteristiċi idroloġiki u morfoloġiki tal-passaġġi fuq l-ilma interni ewlenin, eż. magħqad tal-ilma u baċir tal-iskular, tipi ta' xmajjar skont is-sors tal-ilma, il-pendil u s-sodda ta' xmara, il-veloċità tal-fluss u t-tendenza tal-kurrent, l-intervent uman fir-rotta ta' xmara. 2. Għarfien dwar l-effetti meteoroloġiki fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni ewlenin, eż. servizzi ta' tbassir u ta' twissija tat-temp, l-iskala ta' Beaufort, id-diviżjoni distrettwali għat-twissijiet dwar ir-riħ u l-maltempati b'fatturi bħall-pressjoni tal-arja, ir-riħ, iż-żoni bi pressjoni għolja u baxxa, is-šhab, iċ-ċpar, it-tipi u l-passaġġ ta' fronti, twissija dwar is-silġ u twissija dwar livell għoli tal-ilma. 3. Ħila li japplika informazzjoni ġeografika, idroloġika, meteoroloġika u morfoloġika.

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
2. jagħti ordni għall-irmiġġ u għat-tneħħija tal-irmiġġ ta' ingenu u għal operazzjonijiet ta' rmunkar tat-tagħbijiet;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar ir-rekwiżiti u d-dokumenti tekniċi dwar l-operazzjonijiet ta' rmiġġ u ta' ġarr. 2. Ħila li jniedi proċeduri ta' manuvra ta' rmiġġ u ta' tneħħija ta' rmiġġ u li jiżgura li t-tagħmir fuq tipi differenti ta' ingeni jikkonforma mar-rekwiżiti taċ-ċertifikat tal-ingenu. 3. Ħila li jikkomunika mal-persunal ta' fuq il-gverta, eż., li juża s-sistemi ta' komunikazzjoni u sinjali bl-idejn.
3. jipprovdi aċċess sikur għall-ingenu;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien fuq ir-rekwiżiti tekniċi dwar il-faċilitajiet għall-aċċessar tal-ingenu. 2. Ħila li jorganizza aċċess sikur għall-ingenu, kemm jekk waqt it-tbaħħir, irmiġġat jew ankrat u li juża, eż. taraġ, passarella, id-dgħajsa ta' bastiment, protezzjoni kontra waqgħat u illuminazzjoni.
4. juża għajnuniet elettroniċi moderni għan-navigazzjoni;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar il-funzjonijiet u l-operazzjoni ta' għajnuniet għan-navigazzjoni. 2. Għarfien dwar il-prinċipji operazzjonali, il-limitazzjonijiet u s-sorsi ta' żball tal-għajnuniet għan-navigazzjoni. 3. Ħila li juża sensuri u indikaturi nawtiċi li jipprovdu informazzjoni dwar in-navigazzjoni, eż. (D) GPS, pożizzjoni, direzzjoni, rotta, veloċità, distanza, fond, ECDIS Interna, radar. 4. Ħila li juża s-Servizzi tal-Infurmazzjoni tax-Xmajjar (RIS) u teknoloġiji, eż. AIS Interna, ECDIS Interna, Rapportar Elettroniku u avviżi għall-iskipper, FIS (Servizzi ta' Informazzjoni dwar il-Passaġġi Navigabbli), TIS (Servizzi ta' Informazzjoni dwar it-Traffiku), TMS (Servizzi ta' Ġestjoni tat-Traffiku), CAS (Servizzi ta' Tnaqqis tal-Kalamitajiet), ITL (Informazzjoni għal-Loġistika tat-Trasport), ILE (Informazzjoni għall-Infurzar tal-Liġi), ST (Statistiki), WCHD (Imposti tal-Passaġġi fuq l-Ilma u Ħlasijiet Portwarji), distanza, fond, anki b'rabta mar-radar. 5. Ħila li jindividwa rappreżentazzjoni żbaljata tal-informazzjoni u li japplika metodi ta' korrezzjoni.
5. jirrispetta r-rekwiżiti tekniċi għan-navigazzjoni interna;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar l-istruttura u l-kontenut tar-rekwiżiti tekniċi applikabbli u dwar il-kontenut taċ-ċertifikat tal-ingenu. 2. Ħila li jniedi kontrolli u proċeduri ta' ċertifikazzjoni.
6. iqis l-effetti tal-kurrent, tal-mewġ, tar-riħ u tal-livelli tal-ilma b'rabta mal-interazzjonijiet meta l-bastiment jaqsam quddiem, jiltaqa' ma' u jaqbeż ingenu kif ukoll ship-shore (effett tal-kanal);	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar l-influwenza tal-mewġ, tar-riħ u tal-kurrent fuq it-tbaħħir, l-immanuvrar jew l-ingenu wieqaf, inkluż l-effett tar-riħ, eż. riħ trasversali meta jimmanuvra, anki f-sovrastrutturi nawtiċi jew mad-dħul jew mal-ħruġ minn portijiet, imgħalaq u passaġġi fuq l-ilma sekondarji. 2. Għarfien dwar l-influwenza tal-kurrent fuq it-tbaħħir, l-immanuvrar u l-ingeni wieqfa fuq il-passaġġi tal-ilma użati min-navigazzjoni interna bħall-effett tal-kurrent, eż. matul manuvri fid-direzzjoni favur u kontra x-xmara jew b'ingenu vojti jew mgħobbi u matul, eż. dħul u ħruġ minn portijiet, imgħalaq jew passaġġi fuq l-ilma sekondarji. 3. Għarfien dwar l-influwenza tal-moviment tal-ilma matul it-tbaħħir, l-immanuvrar u meta wieqaf bħall-influwenza tal-moviment tal-ilma rigward il-pixka soġġetta għall-fond tal-ilma u r-reazzjoni għall-effetti tal-ilma baxx, eż. billi titnaqqas il-veloċità tat-tbaħħir.

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
	4. Ħila li jirrispetta l-effetti ta' interazzjoni matul it-tbajhir, l-immanuvrar u meta wieqaf f'passaġġ fuq l-ilma dejjaq u li jagħraf l-effetti ta' interazzjoni relatati ma' inġenju vojti jew mgħobbi. 5. Għarfien dwar l-effett tal-kundizzjonijiet ta' mmaniġġjar u ta' stivar tal-merkanzija matul it-tbajhir, l-immanuvrar u meta wieqaf fir-rigward tal-istabbiltà. 6. Ħila li jqis l-inklinazzjoni lonġitudinali, l-angolu tal-inklinazzjoni trasversali, it-tluġ tal-ilma abbord, il-prinċipju tal-lieva, il-punti ta' gravità.
7. Juża s-sistemi ta' propulsjoni u ta' mmanuvrar kif ukoll sistemi ta' komunikazzjoni u ta' twissija xierqa;	1. Għarfien dwar is-sistemi ta' propulsjoni, tat-tmun u ta' mmanuvrar u l-influenza tagħhom fuq il-manuvrabbiltà. 2. Ħila li juża s-sistemi ta' propulsjoni, tat-tmun u ta' mmanuvrar. 3. Għarfien dwar l-apparati tal-ankraġġ. 4. Ħila li juża l-ankri f'diversi ċirkustanzi. 5. Għarfien dwar is-sistemi ta' komunikazzjoni u ta' allarm. 6. Ħila li jagħti struzzjonijiet jekk ikun hemm bżonn fil-każ ta' allarm.
8. Ibaħħar u jimmanuvra anki f'sitwazzjonijiet li jinvolvu densità għolja tat-traffiku jew fejn inġenju ieħor ikun qed iġorr oġġetti perikolużi, li jeħtieġ għarfien bażiku tal-ADN.	1. Għarfien bażiku dwar l-istruttura tal-ADN, id-dokumenti u l-istruzzjonijiet tal-ADN u s-sinjali viżwali meħtieġa mill-ADN. 2. Ħila li jsib struzzjonijiet fl-ADN u li jidentifika sinjali viżwali għall-inġenju soġġett għall-ADN.

1.4. Il-kaptan għandu jkun kapaċi jwieġeb għal emerġenzi navigazzjonali fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni.

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. Jieħu prekawzjonijiet f'emerġenza meta jinkalja bastiment apposta biex jipprevjeni ħsara akbar;	1. Għarfien dwar il-postijiet baxxi u x-xtut ta' karattru ramli li jistgħu jintużaw biex l-inġenju jjiġi inkaljat. 2. Ħila li juża b'mod adegwat magni jew apparati ta' ankraġġ jekk ikun meħtieġ li l-bastiment jiġi nkaljat.
2. Jerġa' jniżżel inġenju fuq l-ilma bl-assistenza u mingħajr;	1. Għarfien dwar il-miżuri li għandu jieħu f'każ li jinkalja inkluż l-issiġillar tat-tnixxijiet u l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu biex l-inġenju jerġa' jaqbad il-passaġġ fuq l-ilma. 2. Ħila li jissiġilla tnixxijiet, li jmxexxi l-inġenju lura għad-direzzjoni t-tajba bl-assistenza ta' inġenju ieħor, eż. bastimenti tal-irmonk jew li jimbuttaw.
3. Jieħu azzjonijiet xierqa jekk tkun imminenti kollizzjoni;	1. Għarfien dwar ir-regoli applikabbli jekk kollizzjoni jew aċċident ikunu imminenti. 2. Ħila li jinnaviga l-inġenju meta jkun f'sitwazzjoni ta' kollizzjoni inevitabbli b'tali mod li l-ħsara tkun minima għall-persuni, eż. passiġġieri u membri tal-ekwipaġġ, l-inġenju dieħel f'kollizzjoni u inġenju ieħor, il-merkanzija u l-ambjent.
4. Jieħu azzjonijiet xierqa wara kollizzjoni u jagħmel valutazzjoni tal-ħsara.	1. Għarfien dwar ir-regoli applikabbli wara kollizzjoni jew aċċident. 2. Ħila li jieħu l-miżuri xierqa fil-każ ta' ħsara, ta' kollizzjoni u ta' inkaljar, inklużi valutazzjoni tal-ħsara, komunikazzjoni mal-awtorità kompetenti u kisba ta' permess ta' tbajhir f'pożizzjoni ta' rkupru.

2. L-operat tal-inġenju

2.1. Il-kaptan għandu jkun kapaċi japplika għarfien dwar il-metodi ta' bini tal-bastimenti u ta' kostruzzjoni tal-passaġġi fuq l-ilma interni għall-operat ta' diversi tipi ta' inġenji u jkollu għarfien bażiku dwar ir-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, kif imsemmija fid-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾.

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jirrispetta l-prinċipji tal-bini tal-bastimenti u tal-kostruzzjoni tal-passaġġi fuq l-ilma interni;	1. Għarfien dwar l-importanza u l-impatt tad-dimensjonijiet tal-inġenju u tad-dimensjonijiet tal-passaġġ fuq l-ilma intern skont ir-regoli applikabbli. 2. Ħila li jopera inġenju skont id-dimensjonijiet tiegħu u l-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-kostruzzjoni. 3. Ħila li jissorvelja l-konformità tal-inġenju mal-leġiżlazzjoni applikabbli b'kunsiderazzjoni tax-xogħol ta' kostruzzjoni.
2. jiddistingwi bejn il-metodi ta' kostruzzjoni ta' inġenju għall-passaġġi fuq l-ilma intern u l-imġiba tiegħu fl-ilma, speċjalment f'termini ta' stabbiltà u ta' saħħa;	1. Għarfien dwar il-karatteristiċi tal-inġenju kif stabbiliti fit-tpinġijiet tal-kostruzzjoni ta' diversi tipi ta' inġenji u dwar l-effett tal-kostruzzjoni fuq l-imġiba tal-inġenju u l-istabbiltà u s-saħħa tiegħu. 2. Għarfien dwar l-imġiba tal-inġenju f'diversi kundizzjonijiet u ambjenti. 3. Ħila li jissorvelja l-istabbiltà tal-inġenju u jagħti struzzjonijiet kif xieraq.
3. jifhem il-partijiet strutturali tal-inġenju u l-kontroll u l-analiżi tal-ħsarat;	1. Għarfien dwar l-elementi ewlenin tal-inġenju u t-tipi differenti ta' inġenju inkluż għarfien bażiku dwar ir-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti ta' navigazzjoni interna, kif imsemmija fid-Direttiva (UE) 2016/1629. 2. Ħila li jissorvelja l-elementi ewlenin tal-inġenju għat-tipi differenti ta' trasport u jagħti struzzjonijiet kif xieraq. 3. Għarfien dwar l-istruttura lonġitudinali u trasversali u r-rinforzi lokali biex jipprevjeni u janalizzza l-ħsara. 4. Ħila li jifhem u jikkontrolla l-funzjonijiet tat-tagħmir u l-użu ta' stivi u ta' kompartimenti differenti biex jipprevjeni u janalizzza l-ħsara.
4. jieħu azzjoni biex jipproteġi l-integrità tal-impermeabbiltà tal-ilma tal-inġenju.	1. Għarfien dwar l-impermeabbiltà tal-ilma tal-inġenju. 2. Ħila li jissorvelja l-integrità tal-impermeabbiltà tal-ilma tal-inġenju u li jagħti struzzjonijiet kif xieraq.

2.2. Il-kaptan għandu jkun kapaċi jikkontrolla u jimmonitorja t-tagħmir obligatorju kif imsemmi fiċ-ċertifikat applikabbli tal-inġenju.

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jifhem il-funzjonalitajiet tat-tagħmir tal-inġenju;	1. Għarfien dwar it-tagħmir obligatorju tal-inġenju. 2. Ħila li juża u jikkontrolla t-tagħmir kollu b'rabta mal-funzjonalitajiet tiegħu skont il-leġiżlazzjoni applikabbli, u jagħti struzzjonijiet u jissorvelja kif xieraq.
2. jirrispetta r-rekwiżiti speċifiċi għat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri.	1. Għarfien dwar ir-rekwiżiti speċifiċi relatati mal-kostruzzjoni tal-inġenju u t-tagħmir meħtieġ għat-trasport ta' merkanzija u ta' passiġġieri differenti b'tipi differenti ta' inġenji skont il-leġiżlazzjoni applikabbli.

⁽²⁾ Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 118).

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
	2. Ħila li jagħti struzzjonijiet u jissorvelja kif xieraq. 3. Ħila li jagħti struzzjonijiet u jissorvelja l-applikazzjoni korretta tar-rekwiżiti taċ-ċertifikat.

3. Immaniġġar tal-merkanzija, stivar u trasport tal-passiġġieri

3.1 Il-kaptan għandu jkun kapaċi jippjana u jiżgura t-tagħbija, l-istivar, l-irbit, il-ħatt u l-indukrar sikuri tal-merkanziji matul il-vjaġġ.

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jifhem ir-regolamenti, il-kodiċijiet u l-istandards nazzjonali, Ewropej u internazzjonali rilevanti rigward l-operazzjoni ta' trasport tal-merkanziji;	1. Għarfien dwar ir-regolamenti nazzjonali, Ewropej u internazzjonali li jinvolvu l-operazzjonijiet ta' tagħbija, ta' ħatt u ta' trasport. 2. Japplika r-regoli u l-istandards rilevanti għal-loġistika u għat-trasport multimodali.
2. ifassal pjanijiet dwar l-istivar inkluż għarfien dwar it-tagħbija tal-merkanziji u s-sistemi tas-saborra biex iżomm l-istress fuq il-buq fi ħdan limiti aċċettabbli;	1. Għarfien dwar il-limitazzjonijiet operazzjonali u tad-disinn tal-inġenji għall-merkanzija xotta (eż. kontejner) u tal-bastimenti tanker (N, C, G). 2. Ħila li jinterpreta l-limiti għall-mumentu ta' dawran u l-forzi tal-forzi direzzjonali laterali. 3. Għarfien dwar l-użu ta' softwer dwar l-istivar u l-istabbiltà. 4. Ħila li jibni pjanijiet dwar l-istivar, inkluż l-użu ta' softwer dwar l-istivar u l-istabbiltà.
3. jikkontrolla l-proċeduri ta' tagħbija u ta' ħatt fir-rigward tat-trasport sikur;	1. Għarfien dwar il-pjanijiet ta' stivar u d-data disponibbli miksuba mill-bastiment u l-implimentazzjoni tagħha. 2. Ħila li jistiva u jorbot il-merkanzija inkluż l-irkaptu neċessarju għall-immaniġġjar tal-merkanzija u t-tagħmir tal-irbit u tal-għeluq. 3. Għarfien dwar id-diversi metodi ta' determinazzjoni tal-piż tal-merkanzija fuq il-bastimenti tal-merkanzija u l-bastimenti tat-tank u fuq inġenji oħra. 4. Għarfien dwar id-determinazzjoni tal-ammont ta' merkanzija mgħobbija jew rilaxxata u dwar il-kalkolu tal-ammont ta' merkanzija xotta u likwida. 5. Għarfien dwar l-effetti detrimental possibbli tal-immaniġġjar tal-merkanzija. 6. Ħila li juża l-mezzi tekniċi għall-immaniġġjar tal-merkanziji f'inġenji u f'portijiet jew minn dawn, u l-miżuri ta' sikurezza fix-xogħol matul l-użu tagħhom.
4. jagħmel distinzjoni bejn diversi oġġetti u l-karatteristiċi tagħhom biex jissorvelja u jiżgura t-tagħbija sikura u sigura tal-oġġetti kif stabbilit fil-pjan ta' stivar.	1. Ħila li jistabilixxi proċeduri għall-immaniġġjar sikur tal-merkanzija skont id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti rilevanti dwar ix-xogħol sikur. 2. Għarfien dwar il-komunikazzjoni u r-relazzjonijiet tax-xogħol effettivi mas-sħab kollha involuti fil-proċeduri ta' tagħbija u ta' ħatt.

3.2. Il-kaptan għandu jkun kapaċi jippjana u jiżgura l-istabbiltà tal-inġenju.

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jirrispetta l-effett fuq l-inclinazzjoni lonġitudinali u l-istabbiltà tal-merkanziji u tal-operazzjonijiet tal-merkanzija;	1. Għarfien dwar l-integrità tal-impermeabbiltà kontra l-ilma u l-istabbiltà għat-tipi kollha ta' merkanzija u ta' inġenji. 2. Ħila li juża strumenti biex jikkoreġi l-inclinazzjoni lonġitudinali u l-istabbiltà.

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
2. jivverifika t-tunnellaġġ effettiv tal-inġenju, juża d-dijagrammi tal-istabbiltà u tal-inklinazzjoni lonġitudinali u tagħmir għall-kalkolu tal-istress, inkluża l-ADB (Bażi ta' Data Awtomatika) biex jivverifika pjan dwar l-istivar.	1. Għarfien dwar is-softwer dedikat għall-kalkolu tal-istabbiltà, tal-inklinazzjoni lonġitudinali u tal-istress. 2. Ħila li jiddetermina l-istabbiltà, l-inklinazzjoni lonġitudinali u li juża t-tabelli tal-istress, id-dijagrammi u t-tagħmir li jikkalkula l-istress.

3.3. Il-kaptan għandu jkun kapaċi jippjana u jiżgura t-trasport sikur tal-passiġġieri u li jittieħed ħsieb tagħhom matul il-vjaġġ, inkluż billi tingħata assistenza diretta lill-persuni b'diżabilità u lill-persuni b'mobilità mnaqqsa skont ir-rekwiżiti ta' taħriġ u struzzjonijiet tal-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru 1177/2010.

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jifhem ir-regolamenti, il-kodiċijiet u l-istandards nazzjonali, Ewropej u internazzjonali rilevanti rigward it-trasport tal-passiġġieri;	1. Għarfien dwar ir-regolamenti u l-konvenzjonijiet applikabbli rigward it-trasport tal-passiġġieri. 2. Ħila li jiżgura l-imbark u l-iżbark sikuri tal-passiġġieri u l-indukrar tagħhom matul il-vjaġġ, b'attenzjoni speċjali għall-persuni li jeħtieġu assistenza, u assistenza diretta lill-persuni b'diżabilità u lill-persuni b'mobilità mnaqqsa skont ir-rekwiżiti ta' taħriġ u struzzjonijiet tal-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru 1177/2010. 3. Ħila li jikkontrolla l-proċedimenti fil-każ ta' tnixxija, ta' nirien, ta' persuna li taqa' fl-ilma, ta' kolliżjoni u ta' evakwazzjoni, inkluża l-ġestjoni ta' kriżijiet u tal-fofol.
2. jorganizza u jissorvelja eżerċizzji regolari dwar is-sikurezza kif stabbiliti fil-lista (tas-sikurezza) ta' rwoli f'każ ta' emerġenza biex jigarantixxi l-imġiba sikura f'sitwazzjonijiet potenzjali ta' periklu;	1. Għarfien dwar ir-responsabbiltajiet skont ir-regolamenti internazzjonali u nazzjonali li jaffettwaw is-sikurezza tal-bastiment, tal-passiġġieri u tal-ekwipaġġ. 2. Ħila li jimplementa ġestjoni u taħriġ tal-persunal abbord il-bastiment b'rabta mas-sikurezza. 3. Jagħti l-ewwel għajjuna medika abbord il-bastiment.
3. jirrispetta l-impatti fuq l-istabbiltà tal-bastimenti tal-passiġġieri b'rabta mad-distribuzzjoni tal-piż tal-passiġġieri, mal-imġiba u mal-komunikazzjoni mal-passiġġieri;	1. Għarfien dwar ir-regoli u r-regolamenti fir-rigward tal-istabbiltà. 2. Ħila li japplika l-miżuri rilevanti rigward l-integrità tal-impermeabbiltà kontra l-ilma, inkluża l-influenza fuq l-inklinazzjoni lonġitudinali u l-istabbiltà tal-bastimenti tal-passiġġieri. 3. Għarfien dwar id-disinn tal-bastiment b'rabta mal-inklinazzjoni lonġitudinali u mal-istabbiltà, u l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu f'każ ta' telf parzjali tal-kapaċità intatta taż-żamma f'wiċċ l-ilma/stabbiltà fi ħsara tal-bastimenti tal-passiġġieri. 4. Ħila li juża frażijiet ta' komunikazzjoni standardizzati.
4. jiddefinixxi u jissorvelja analiżi tar-riskju abbord ta' aċċess limitat għall-passiġġieri kif ukoll jikkompila sistema ta' protezzjoni effettiva abbord biex jipprevjeni aċċess mhux awtorizzat;	1. Għarfien dwar il-limitazzjoni tan-numru ta' passiġġieri skont iċ-ċertifikat tal-bastiment tal-passiġġieri u r-rispett ta' din. 2. Għarfien dwar is-sistemi ta' sikurezza u ta' sigurtà li jipprevjenu aċċess mhux awtorizzat. 3. Ħila li jorganizza sistemi ta' sorveljanza (jiġifieri superviżjoni matul il-lejl) fir-rigward tas-sikurezza u tas-sigurtà.
5. janalizza rapporti mogħtija mill-passiġġieri (jiġifieri okkorrenzi imprevisti, malafama, vandaliżmu) biex jirreaġixxi kif xieraq.	1. Għarfien dwar id-drittijiet tal-passiġġieri u dwar l-ilmenti mill-passiġġieri, u dwar ir-riskji marbuta mat-trasport tal-passiġġieri għall-ambjent. 2. Ħila li jipprevjeni tniġġis ambjentali mill-passiġġieri u mill-ekwipaġġ.

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
	3. Ħila li jimmaniġġja lmenti u kunflitti. 4. Ħila li jikkomunika mal-persunal abbord il-bastiment u mal-partijiet kollha li jinteraġixxu.

4. Inġinerija marina u inġinerija elettrika, elettronika u ta' kontroll

4.1. Il-kaptan għandu jkun kapaċi jippjana l-fluss tax-xogħol tal-inġinerija marina u tal-inġinerija elettrika, elettronika u ta' kontroll.

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. Juża l-funzjonalità tal-magni ewlenin u tat-tagħmir awżiljarju u tas-sistemi ta' kontroll tagħhom;	1. Għarfien dwar l-operat tal-magna ewlenija u tal-installazzjonijiet tat-tagħmir awżiljarju. 2. Għarfien dwar il-karatteristiċi tal-fjuwils u tal-lubrikanti. 3. Għarfien dwar is-sistemi ta' kontroll. 4. Ħila li juża diversi sistemi ta' sistemi ta' propulsjoni differenti u ta' makkinarju u ta' tagħmir awżiljarji.
2. Jimmonitorja u jissorvelja lill-membri tal-ekwipaġġ meta jopera u jmantni l-magni ewlenin, il-makkinarju u t-tagħmir awżiljarji.	1. Ħila li jimmaniġġja l-ekwipaġġ fir-rigward tal-operar u tal-manutenzjoni tat-tagħmir tekniku. 2. Ħila li jimmaniġġjal-istartjar u t-tifi tal-propulsjoni ewlenija, tal-makkinarju u tat-tagħmir awżiljarji.

4.2. Il-kaptan għandu jkun kapaċi jimmonitorja l-magni ewlenin u l-makkinarju u t-tagħmir awżiljarji.

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. Jagħti struzzjonijiet għat-tħejjija tal-magni ewlenin u tal-makkinarju u tat-tagħmir awżiljarji;	1. Ħila li jagħti struzzjonijiet lill-ekwipaġġ fit-tħejjija u fl-operar tal-makkinarju u tat-tagħmir ewlenin u awżiljarji. 2. Ħila li jistabbilixxi u jimmonitorja listi ta' kontroll u jagħti struzzjonijiet għall-użu xieraq tat-tali listi ta' kontroll. 3. Ħila li jagħti struzzjonijiet lill-ekwipaġġ dwar il-prinċipji li għandhom jiġu osservati matul is-sorveljanza tal-magna.
2. Jindividwa l-ħsarat, il-problemi komuni u jieħu azzjonijiet għall-prevenzjoni tal-ħsara;	1. Għarfien dwar il-metodi għall-individwazzjoni ta' ħsarat fil-magni u fil-makkinarju. 2. Ħila li jindividwa ħsarat, sorsi spessi ta' żbalji jew trattamenti inadegwat, u li jwieġeb b'mod adegwat. 3. Ħila li jagħti struzzjonijiet għat-teħid ta' azzjonijiet għall-prevenzjoni ta' ħsarat jew għat-teħid ta' miżuri għall-kontroll tal-ħsara.
3. Jifhem il-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi taż-żejt u ta' lubrikanti oħra;	1. Għarfien dwar il-karatteristiċi tal-materjali użati. 2. Ħila li juża ż-żejt u lubrikanti oħra skont l-ispeċifikazzjonijiet tagħhom. 3. Ħila li jifhem il-manwali tal-makkinarju. 4. Għarfien dwar il-karatteristiċi operazzjonali tat-tagħmir u tas-sistemi.
4. Jevalwa l-prestazzjoni tal-magni.	Ħila li juża u jinterpreta l-manwali biex jevalwa l-prestazzjoni tal-magna u jħaddem il-magni kif xieraq.

4.3. Il-kaptan għandu jkun kapaċi jippjana u jagħti struzzjonijiet b'rabta mal-pompa u mas-sistema ta' kontroll tal-pompa tal-inġenju.

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jimmonitorja x-xogħlijiet ta' rutina fuq il-pompa, is-sistemi tas-saborra u ta' ri-forniment tal-pompa.	1. Għarfien dwar is-sistemi tal-pompa u l-operazzjonijiet ta' ppumpjar. 2. Ħila li jiżgura l-monitoraġġ tal-operat sikur tas-sistemi tas-sentina, tas-saborra u tal-pompa tal-merkanzija inklużi struzzjonijiet adegwati lill-ekwipaġġ, b'kunsiderazzjoni tal-effetti tas-superfiċje libera fuq l-istabbiltà.

4.4. Il-kaptan għandu jkun kapaċi jorganizza l-użu u l-applikazzjoni, il-manutenzjoni u t-tiswija sikuri tal-apparati elettrotekniki tal-inġenju.

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jipprevjeni ħsara potenzjali fl-apparati elettriċi u elettroniċi abbord;	1. Għarfien dwar l-elettroteknoloġija, it-tagħmir elettroniku u elettriku u l-apparati ta' sikurezza, eż. awtomatizzazzjoni, strumentazzjoni u sistemi ta' kontroll għall-prevenzjoni ta' ħsarat. 2. Ħila li japplika prattiki tax-xogħol sikuri.
2. jittestja s-sistemi u l-istrumenti ta' kontroll biex jagħraf ħsarat u fl-istess ħin jieħu azzjonijiet biex jissewva u jiġi mantnut it-tagħmir elettriku jew elettroniku ta' kontroll;	1. Għarfien dwar l-apparati ta' ttestjar elettrotekniku tal-inġenju. 2. Ħila li jopera, jittestja u jmantni s-sistemi ta' kontroll u jieħu miżuri xierqa.
3. jagħti struzzjonijiet qabel u jagħti segwitu għall-attivitajiet ta' tqabbid jew ta' skollegar minn ma' faċilitajiet tekniċi bbażati fuq l-art.	1. Għarfien dwar ir-rekwiżiti ta' sikurezza għall-ħidma b'sistemi elettriċi. 2. Għarfien dwar il-konstruzzjoni u l-karatteristiċi operazzjonali tas-sistemi u tat-tagħmir elettriċi abbord il-bastiment b'rabta mal-faċilitajiet ibbażati fuq l-art. 3. Ħila li jagħti struzzjonijiet biex jiggarantixxi l-konnessjoni sikura mal-faċilitajiet ibbażati fuq l-art fi kwalunkwe ħin u li jagħraf sitwazzjonijiet perikolużi relatati mal-faċilitajiet ibbażati fuq l-art.

4.5. Il-kaptan għandu jkun kapaċi jikkontrolla l-manutenzjoni u t-tiswija sikuri tal-apparati tekniċi.

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jiżgura l-użu xieraq tal-għodod għall-manutenzjoni u għat-tiswija ta' apparati tekniċi;	1. Għarfien dwar il-proċeduri ta' manutenzjoni u ta' tiswija għall-apparati tekniċi. 2. Ħila li jorganizza u jagħti struzzjonijiet dwar il-manutenzjoni u t-tiswija sikuri billi juża l-proċeduri (kontroll), it-tagħmir u s-software adattati.
2. jivvaluta l-karatteristiċi u l-limitazzjonijiet tal-materjali kif ukoll il-proċeduri neċessarji użati għall-manutenzjoni u għat-tiswija tal-apparati tekniċi;	1. Għarfien dwar il-karatteristiċi tal-materjal ta' manutenzjoni u ta' tiswija għall-apparati tekniċi. 2. Ħila li japplika proċeduri ta' manutenzjoni u ta' tiswija fuq l-apparati skont il-manwali.

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
3. jevalwa dokumentazzjoni teknika u interna.	<ol style="list-style-type: none"> Għarfien dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-kostruzzjoni u d-dokumentazzjoni teknika. Ħila li jstabbilixxi listi ta' kontroll għall-manutenzjoni u għat-tiswija tal-apparati tekniċi.

5. Manutenzjoni u tiswija

5.1. Il-kaptan għandu jkun kapaċi jorganizza l-manutenzjoni u t-tiswija sikuri tal-inġenju u tat-tagħmir tiegħu.

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jiżgura l-imġiba sikura tal-membri tal-ekwipaġġ fir-rigward tal-użu tal-materjali u tal-addittivi;	<ol style="list-style-type: none"> Għarfien dwar il-proċeduri sikuri u effettivi ta' manutenzjoni u ta' tiswija. Ħila li jimmonitorja u jissorvelja lill-ekwipaġġ biex japplika prekawzjonijiet u jikkontribwixxi għall-prevenzjoni tat-tniġġis tal-ambjent tal-baħar. Ħila li japplika u josserva r-regolamenti applikabbli dwar ix-xogħol u r-regoli dwar ix-xogħol sikur u jiżgura li dawn jiġu rrispettati.
2. jiddefinixxi, jissorvelja u jiżgura ordnijiet tax-xogħol biex il-membri tal-ekwipaġġ ikunu jistgħu jwettqu x-xogħol ta' manutenzjoni u ta' tiswija b'mod indipendenti;	<ol style="list-style-type: none"> Għarfien dwar xogħol ta' manutenzjoni kosteffettiv u effiċjenti u dwar ir-rekwiżiti legali applikabbli. Ħila li juża l-programmi ta' ppjanar tal-manutenzjoni (diġitali) b'mod effettiv. Ħila li jikkontrolla l-manutenzjoni u t-tiswija tal-partijiet interni u esterni tal-inġenju b'kunsiderazzjoni tar-rekwiżiti legali applikabbli bħall-iskedi ta' <i>data</i> ta' sikurezza. Ħila li jimmaniġġja l-iġjene tal-inġenju. Ħila li jorganizza l-immaniġġjar tal-iskart b'kunsiderazzjoni tar-regolamenti ambjentali bħall-Konvenzjoni dwar il-Ġbir, id-Depożitu u r-Riċezzjoni ta' Skart matul in-Navigazzjoni fir-Renu u fil-Passaġġi fuq l-Ilma Interni (Konvenzjoni CDNI). Ħila li jiżviluppa l-programm perjodiku ta' manutenzjoni għall-inġenju. Ħila li jimmonitorja u jikkontrolla d-dokumenti tekniċi tal-inġenju u jżomm logs tal-manutenzjoni.
3. jixtri u jikkontrolla materjal u għodod fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent;	<ol style="list-style-type: none"> Ħila li jamministra l-ħażniet tal-inġenju. Ħila li jorganizza sistema ta' xogħol sikur abbord inkluż l-użu ta' materjali perikolużi għal xogħol ta' tindif u ta' preservazzjoni. Ħila li jivverifika l-kwalità tat-tiswijiet.
4. jiżgura li l-wajers u l-ħbula jintużaw skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur u l-iskop maħsub.	Ħila li jagħti struzzjonijiet u jissorvelja l-ekwipaġġ skont il-proċeduri ta' ħidma u l-limitazzjonijiet tas-sikurezza meta juża ħbula u wajers skont iċ-ċertifikat u l-iskedi ta' <i>data</i> tal-inġenju.

6. Komunikazzjoni

6.1. Il-kaptan għandu jkun kapaċi jimmaniġġja r-riżorsi umani, ikun soċjalment responsabbli, u jieħu ħsieb l-organizzazzjoni tal-fluss tax-xogħol u tat-taħriġ abbord l-inġenju.

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jorganizza u jstimola l-bini tat-tim u jikkowċja lill-membri tal-ekwipaġġ ri-gward id-dmirijiet tagħhom abbord il-bastiment u, jekk ikun hemm bżonn, jieħu miżuri dixxiplinari;	<ol style="list-style-type: none"> Għarfien dwar il-ġestjoni tar-riżorsi umani. Ħila li jagħti struzzjonijiet lill-ekwipaġġ b'mod xieraq u professjonali. Ħila li jispjega l-istruzzjonijiet mogħtija lill-ekwipaġġ. Ħila li jagħti rispons lill-ekwipaġġ dwar imġiba professjonali u soċjali abbord. Ħila li japplika l-ġestjoni tal-kompiti u tal-volum tax-xogħol, inkluż: l-ippjanar u l-koordinazzjoni, l-assenjament tal-persunal, ir-restrizzjonijiet tal-ħin u tar-riżorsi, il-prijoritizzazzjoni. Ħila li jagħraf u jipprevjeni l-għeja.
2. jagħti struzzjonijiet lill-ekwipaġġ dwar is-sistemi ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni;	<ol style="list-style-type: none"> Għarfien dwar is-sistemi ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni disponibbli abbord. Ħila li jagħti struzzjonijiet lill-ekwipaġġ dwar l-użu tas-sistemi ta' komunikazzjoni, medjatiċi u tal-IT tal-inġenju.
3. jiġbor, jissejvja u jimmaniġġja d-data fid-dawl tal-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-data.	<ol style="list-style-type: none"> Għarfien dwar l-użu tas-sistemi tal-kompjuter kollha tal-inġenju. Ħila li jiġbor u jaħżen <i>data</i> skont il-leġiżlazzjoni applikabbli.

6.2. Il-kaptan għandu jkun kapaċi jiżgura komunikazzjoni tajba f'kull ħin, li tinkludi l-użu ta' frażijiet ta' komunikazzjoni standardizzati f'sitwazzjonijiet bi problemi ta' komunikazzjoni.

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jiddeskrivi ċ-ċirkustanzi billi juża t-terminoloġija teknika u nawtika rilevanti;	<ol style="list-style-type: none"> Għarfien dwar l-użu korrett tat-termini tekniċi u nawtiċi rilevanti. Ħila li jsir profiċjenti fil-komunikazzjoni.
2. isib, jevalwa u juża informazzjoni b'rilevanza għas-sikurezza abbord kif ukoll kwistjonijiet nawtiċi tekniċi.	<ol style="list-style-type: none"> Għarfien dwar il-proċeduri li jridu jiġu segwiti f'kull komunikazzjoni f'diffikultà, f'emerġenza u ta' sikurezza. Ħila li juża l-frażijiet ta' komunikazzjoni standard.

6.3 Il-kaptan għandu jkun kapaċi jrawwem ambjent tax-xogħol ibbilanċjat sew u soċjevola abbord.

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jiżgura ambjent tax-xogħol soċjali tajjeb;	<ol style="list-style-type: none"> Ħila li jieħu r-responsabbiltà primarja fl-organizzazzjoni ta' laqgħat tat-tim biex iżomm l-atmosfera soċjali abbord ibbilanċjata sew. Għarfien u sensibilizzazzjoni dwar id-differenzi relatati mas-sessi u mal-kultura. Għarfien dwar ir-regoli rilevanti li japplikaw għat-taħriġ u għall-educazzjoni ta' studenti, ta' apprendisti u ta' trainees. Ħila li jiggwida lil studenti, lil apprendisti u lil trainees fuq diversi livelli. Ħila li japplika prinċipji bażiċi u Prattika ta' ħidma f'tim inkluża l-ġestjoni tal-kunflitti.

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
2. japplika l-leġislazzjoni soċjali nazzjonali, Ewropea u internazzjonali;	1. Għarfien dwar id-diversi liġijiet soċjali nazzjonali, Ewropej u internazzjonali. 2. Ħila li jagħti struzzjonijiet lill-membri tal-ekwipaġġ fl-użu tal-partijiet rilevanti tal-leġislazzjoni soċjali applikabbli.
3. isegwi projbizzjoni stretta ta' alkoħol u ta' drogi u jirreaġixxi kif xieraq f'każijiet ta' ksur, jerfa' r-responsabbiltà u jispjega l-konsegwenzi ta' mgħiba ħażina;	1. Għarfien dwar ir-regoli applikabbli fuq l-alkoħol u d-drogi. 2. Ħila li jikkomunika u jiżgura l-konformità mal-leġislazzjoni applikabbli u għarfien dwar ir-regoli tal-kumpanija rigward l-alkoħol u d-drogi. 3. Ħila li jirreaġixxi kif xieraq meta jinkisru l-leġislazzjoni jew ir-regoli tal-kumpanija.
4. jorganizza l-forniment u t-tħejija tal-ikliet abbord.	1. Għarfien dwar il-prinċipji ta' nutrizzjoni sustanzjuża. 2. Ħila li jagħti struzzjonijiet lill-membri tal-ekwipaġġ fl-ippjanar u fit-tħejija tal-ikliet. 3. Ħila li jagħti struzzjonijiet u jissorvelja lill-membri tal-ekwipaġġ rigward l-istandards iġjeniċi. 4. Ħila li jagħti struzzjonijiet lill-membri tal-ekwipaġġ fl-ippjanar tal-possibbiltajiet ta' xiri.

7. Is-saħħa u s-sikurezza, id-drittijiet tal-passiġġieri u l-protezzjoni ambjentali

7.1. Il-kaptan għandu jkun kapaċi jimmonitorja r-rekwiżiti legali applikabbli u jieħu miżuri għall-iżgurar tas-sikurezza tal-ħajja.

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. japplika leġislazzjoni nazzjonali u internazzjonali u jieħu miżuri xierqa għall-protezzjoni tas-saħħa u għall-prevenzjoni ta' aċċidenti;	1. Għarfien dwar il-leġislazzjoni għall-protezzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni ta' aċċidenti. 2. Ħila li japplika l-proċeduri ta' sikurezza fuq il-bażi tal-leġislazzjoni applikabbli fil-qasam tas-sikurezza u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol.
2. jikkontrolla u jimmonitorja l-validità taċ-ċertifikat tal-inġenju u dokumenti oħra rilevanti għall-inġenju u għall-operat tiegħu;	1. Għarfien dwar il-leġislazzjoni fuq il-kontrolli perjodiċi tat-tagħmir u tal-partijiet tal-kostruzzjoni. 2. Ħila li jivverifika l-validità taċ-ċertifikati u ta' dokumenti oħra rilevanti għall-inġenju u għall-operat tiegħu.
3. jikkonforma mar-regolamenti dwar is-sikurezza matul il-proċeduri ta' ħidma kollha billi juża l-miżuri rilevanti dwar is-sikurezza biex jevita aċċidenti;	1. Għarfien dwar Prattiki tax-xogħol sikur u l-proċeduri tax-xogħol sikur. 2. Ħila li jorganizza proċeduri tax-xogħol sikur, biex jimmotiva u jimmonitorja lill-membri tal-ekwipaġġ bl-għan li japplika regoli tax-xogħol sikur.
4. jikkontrolla u jimmonitorja l-miżuri ta' sikurezza kollha li huma neċessarji għat-tindif ta' spazji magħluqa qabel ma l-persuni jifihom u jnaddfu dawk il-faċilitajiet u jidħlu fihom.	1. Ħila li jorganizza l-kontroll tas-sikurezza u jimmonitorja l-proċeduri ta' sikurezza jekk l-ekwipaġġ jew persuni oħra jidħlu fi spazji magħluqa (eż. tankijiet tas-saborra, strutturi għall-ilma, spazji f'buq doppju) inkluża s-sorveljanza. 2. Ħila li jagħmel valutazzjoni tar-riskju qabel id-dħul fi spazji magħluqin. 3. Għarfien dwar il-prekawzzjonijiet li għandhom jittieħdu qabel id-dħul fi spazju magħluq u filwaqt li jkun qed isir xogħol fi spazju magħluq, pereżempju: <ul style="list-style-type: none"> • il-perikli ta' spazji magħluqin, • testijiet tal-atmosfera qabel id-dħul, • il-kontroll tad-dħul fi spazji magħluqin, • salvagwardji għad-dħul fi spazji magħluqin, • tagħmir ta' protezzjoni (eż. irbit tas-sikurezza u tagħmir respiratorju), • ix-xogħol fi spazji magħluqin. 4. Ħila li jieħu azzjonijiet xierqa fil-każ ta' emerġenza

7.2. Il-kaptan għandu jkun kapaċi jżomm is-sikurezza u s-sigurtà għall-persuni abbord inkluża l-assistenza diretta lill-persuni b'diżabilità u lill-persuni b'mobilità mnaqqsa skont ir-rekwiżiti ta' taħriġ u struzzjonijiet tal-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru 1177/2010.

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. juża apparati għas-salvataġġ tal-ħajja u japplika proċeduri tas-salvataġġ tal-ħajja għas-sikurezza personali tal-vittmi u tiegħu stess;	1. Għarfien dwar it-tagħmir disponibbli għas-salvataġġ tal-ħajja. 2. Ħila li juża apparati għas-salvataġġ tal-ħajja u li japplika proċeduri tas-salvataġġ tal-ħajja għas-sikurezza personali tal-vittmi u tiegħu stess.
2. jorganizza eżerċizzji ta' taħriġ fil-ġestjoni ta' kriżijiet għall-imġiba f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, eż. nar, twissija dwar tnixxija, splużjoni, kollizzjoni, "persuna li taqa' fl-ilma" u evakwazzjoni;	1. Għarfien dwar il-proċeduri ta' emerġenza. 2. Ħila li jagħti struzzjonijiet lill-membri tal-ekwipaġġ dwar il-proċeduri ta' emerġenza. 3. Ħila li jorganizza taħriġ perjodiku tal-ekwipaġġ abbord il-bastiment bi tħejjija għal sitwazzjoni ta' emerġenza inkluża l-organizzazzjoni ta' provi ta' tifi tan-nar u ta' abbandun tal-bastiment.
3. jagħti struzzjonijiet relatati mal-prevenzjoni tan-nirien, mat-tagħmir ta' protezzjoni personali, mal-metodi, mal-materjal tat-tifi tan-nar, mar-respiraturi u mal-applikazzjoni possibbli ta' dawn l-apparati f'emerġenzi;	1. Għarfien dwar il-liġijiet applikabbli dwar il-prevenzjoni tan-nirien u r-regolament dwar l-użu tat-tabakk u ta' sorsi ta' tqabbid possibbli. 2. Ħila li jikkonforma mar-regolamenti rilevanti dwar is-sistemi tad-detezzjoni tan-nirien; tagħmir fiss u mobbli għat-tifi tan-nar u l-apparati relatati, eż. tagħmir tal-ippumpjar, tas-salvataġġ, ta' sopravivenza, ta' protezzjoni personali u ta' komunikazzjoni. 3. Ħila li jikkontrolla l-monitoraġġ u l-manutenzjoni ta' sistemi u ta' tagħmir għad-detezzjoni u għat-tifi tan-nirien. 4. Ħila li jagħti struzzjonijiet lill-ekwipaġġ u lill-persunal abbord il-bastiment biex japplika regoli dwar xogħol sikur u jmantni t-tagħmir ta' protezzjoni personali u ta' sikurezza personali.
4. jagħti l-ewwel għajnuna;	1. Ħila li jaġixxi f'konformità mal-istandards u l-prattiki dwar l-ewwel għajnuna.
5. jistabbilixxi sistema abbord effettiva għall-kontroll ta' apparati tas-salvataġġ tal-ħajja u għall-applikazzjoni korretta ta' tagħmir ta' protezzjoni personali.	1. Għarfien dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli għall-apparati tas-salvataġġ tal-ħajja u dwar ir-regolamenti fuq il-kundizzjonijiet operazzjonali sikuri. 2. Ħila li jżomm u jagħmel kontrolli perjodiċi tal-kundizzjoni operazzjonali ta' tagħmir u ta' sistemi tas-salvataġġ tal-ħajja, ta' tifi tan-nar u ta' kwalunkwe tagħmir u sistemi ta' sikurezza oħrajn. 3. Ħila li jagħti struzzjonijiet dwar l-użu korrett ta' tagħmir ta' sikurezza (personali) minn membri tal-ekwipaġġ u minn persunal abbord, u l-ħila li jimmotivahom u jissorveljahom f'dan.
6. jorganizza assistenza għall-persuni b'diżabilità u għall-persuni b'mobilità mnaqqsa.	1. Għarfien dwar ir-rekwiżiti u l-istruzzjonijiet ta' taħriġ tal-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru 1177/2010. 2. Ħila li jagħti u jorganizza assistenza diretta għall-persuni b'diżabilità u għall-persuni b'mobilità mnaqqsa.

7.3. Il-kaptan għandu jkun kapaċi jistabbilixxi pjani jiet ta' kontroll ta' emerġenza u ta' hsrat, u jimmaniġġja sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jagħti bidu għal preparamenti għall-pjanijiet tas-salvataġġ ta' tipi differenti ta' emerġenzi;	1. Għarfien dwar it-tipi differenti ta' emerġenzi li jistgħu jseħħu bħal kollizzjoni, nirien, għargħar, għeriq. 2. Ħila li jorganizza pjani jiet ta' kontinġenza abbord il-bastiment għal rispons għal emerġenzi u jassenja dmirijiet speċifiċi lill-membri tal-ekwipaġġ inklużi l-monitoraġġ u l-kontroll.

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
2. jagħti taħriġ dwar metodi għall-prevenzjoni tan-nirien, ir-rikonossiment tal-orijini ta' nar u t-tifi tan-nar skont il-ħiliet differenti tal-membri tal-ekwipaġġ;	1. Għarfien dwar il-proċeduri tat-tifi tan-nar b'enfasi partikolari fuq it-tattiki u l-kmand. 2. Għarfien dwar l-użu tal-ilma għat-tifi tan-nar fir-rigward tal-effett fuq l-istabbiltà tal-bastiment, u l-ħila li jittieħdu miżuri xierqa. 3. Ħila li jikkomunika u jikkoordina matul l-operazzjonijiet ta' qabel it-titjira inkluża l-komunikazzjoni ma' organizzazzjonijiet esterni u li jieħu sehem b'mod attiv fl-operazzjonijiet tas-salvataġġ u ta' tifi tan-nar.
3. jagħti taħriġ dwar l-użu ta' apparati għas-salvataġġ tal-ħajja;	1. Għarfien dwar karatteristiċi u faċilitajiet partikolari tal-apparati tas-salvataġġ. 2. Ħila li jvara u jirkupra dgħajsa ta' bastiment u jagħti struzzjonijiet lill-membri tal-ekwipaġġ u lill-persunal abbord il-bastiment dwar l-użu tad-dgħajsa tal-bastiment.
4. jagħti struzzjonijiet dwar pjanijiet tas-salvataġġ, rotot ta' ħruġ f'emerġenza u sistemi interni ta' komunikazzjoni u ta' allarm.	1. Għarfien dwar il-leġiżlazzjoni li tapplika għall-pjanijiet tas-salvataġġ u lista ta' kompiti ta' sikurezza tal-persunal. 2. Ħila li jagħti struzzjonijiet dwar pjanijiet tas-salvataġġ, rotot ta' ħruġ f'emerġenza u sistemi interni ta' komunikazzjoni u ta' allarm.

7.4. Il-kaptan għandu jkun kapaċi jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti għall-ħarsien ambjentali.

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jieħu prekawzjonijiet biex jipprevjeni tniġġis ambjentali u juża t-tagħmir rilevanti;	1. Għarfien dwar il-proċeduri għall-prevenzjoni tat-tniġġis fl-ambjent. 2. Ħila li jieħu prekawzjonijiet biex jipprevjeni tniġġis fl-ambjent. 3. Ħila li japplika proċeduri tal-bunkering. 4. Ħila li jieħu miżuri u jagħti struzzjonijiet f'każ ta' ħsara, ta' kollizzjoni u ta' tluġh l-art inkluż l-issiġillar tat-tnixxijiet.
2. japplika l-liġijiet dwar il-ħarsien tal-ambjent;	1. Għarfien dwar ir-regolamenti ambjentali. 2. Ħila li jimmotiva lill-membri tal-ekwipaġġ u lill-persunal tal-bord biex jieħdu l-miżuri rilevanti għal imġiba ekoloġika jew li jgħib ruħu b'mod li jiffavorixxi l-ambjent.
3. juża tagħmir u materjali b'mod ekonomiku u ekoloġiku.	1. Għarfien dwar il-proċeduri biex isir użu sostenibbli mir-riżorsi. 2. Ħila li jagħti struzzjonijiet lill-ekwipaġġ dwar kif juża tagħmir u materjali b'mod ekonomiku u ekoloġiku.
4. jagħti struzzjonijiet u jimmonitorja r-rimi sostenibbli tal-iskart.	1. Għarfien dwar il-leġiżlazzjoni fuq ir-rimi tal-iskart. 2. Ħila li jiżgura r-rimi sostenibbli tal-iskart u li jagħti struzzjonijiet lill-membri tal-ekwipaġġ u lill-persunal tal-bord kif xieraq.

III. STANDARDS TAL-KOMPETENZA GĦAT-TBAĦĦIR FUQ PASSAĠĠI TAL-ILMA INTERNI B'KARATTRU MARITTIMU

1. Il-kaptan li jbaħħar fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni b'karattru marittimu għandu jkun kapaċi jaħdem b'ċarts u b'mapep aġġornati, b'avviżi għall-iskippers u għall-baħħara u b'pubblikazzjonijiet oħra speċifiċi għall-passaġġi fuq l-ilma b'karattru marittimu.

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
<p>1. juża l-informazzjoni pprovduta minn sorsi ta' informazzjoni nawtika speċifiċi u r-regoli applikabbli għall-passaġġi fuq l-ilma interni b'karattru marittimu.</p>	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar l-użu taċ-ċarts u tal-mapep nawtiċi tal-passaġġi fuq l-ilma interni b'karattru marittimu. 2. Ħila li juża u japplika kif support iċ-ċarts u l-mapep tal-passaġġi fuq l-ilma interni b'karattru marittimu għall-kunsiderazzjoni ta' fatturi relatati mal-precizzjoni tal-qari taċ-ċarts bħad-data taċ-ċarts, is-simboli, is-soundings, id-deskrizzjoni tal-qiegħ, il-fond u d-datums u standards ta' ċarts internazzjonali bħall-ECDIS. 3. Għarfien dwar in-navigazzjoni terrestri u satellitari għad-determinazzjoni ta' navigazzjoni fuq stima, pilotaġġ, koordinati, tal-litudni u tal-lonġitudni ġeodetiċi, id-datum ġeodetiku orizzontali, id-differenza fil-litudni u fil-lonġitudni, id-distanza u l-veloċità fuq l-art, id-direzzjonijiet fid-dinja, id-direzzjoni, id-direzzjoni fuq l-art, id-direzzjoni skont il-kumpass ikkoreġuta skont id-deriva bħala riżultat tad-direzzjoni u tal-forza tar-riħ, id-direzzjoni u l-pożizzjoni, għad-determinazzjoni tar-rotta, għad-determinazzjoni tar-rotta bl-effett tar-riħ u tal-kurrent, għad-determinazzjoni tar-rotta bl-effett tat-tbaħħir tal-pożizzjoni kurrenti u tal-ipplojtjar fuq ir-rotta u l-pożizzjoni. 4. Ħila li juża l-avviżi għall-iskippers u għall-baħħara u servizzi ta' informazzjoni oħra bħad-direzzjonijiet tat-tbaħħir, il-gwidi tal-ippjanar, il-listi tad-dwal, l-informazzjoni dwar is-sikurezza marittima (MSI). 5. Għarfien dwar ir-regolamenti tat-traffiku li japplikaw fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni b'karattru marittimu li jinkludi l-partijiet rilevanti tar-Regolamenti Internazzjonali għall-Prevenzjoni ta' Kollizzjonijiet fuq il-Baħar. 6. Għarfien dwar ir-regoli li japplikaw f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni b'karattru marittimu. 7. Ħila li juża t-tagħmir marittimu previst mir-regolament speċifiku.

2. Il-kaptan li jbaħħar fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni b'karattru marittimu għandu jkun kapaċi juża d-datums tal-mareat, il-kurrenti tal-mareat, il-perjodi u ċ-ċikli, il-ħin tal-kurrenti tal-mareat u l-mareat u l-varjazzjonijiet fi ħdan estwarju.

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
<p>1. jirrispetta l-mareat, it-tbassir u l-kundizzjonijiet tal-mareat u tat-temp qabel it-tluq u matul it-tbaħħir.</p>	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar il-pubblikazzjonijiet u l-informazzjoni għat-tbassir ta' mareat u ta' kurrenti, bħal tabelli tal-mareat, tbassir tal-mareat għal stazzjonijiet subordinati, informazzjoni dwar is-silġ, livelli għoljin/baxxi tal-ilma, postijiet ta' rmiġġ u d-direttorji tal-portijiet għad-determinazzjoni tal-livell tal-ilma, tad-direzzjoni u l-forza tal-kurrent u tal-fond disponibbli. 2. Għarfien dwar l-effetti tal-kundizzjonijiet tat-temp, il-forma tal-art u fatturi oħra fuq il-kurrenti tal-mareat. 3. Ħila li jiddetermina l-impatt tal-livell tal-mareat, tal-kurrent, tal-kundizzjonijiet tat-temp u tal-mewġ, fuq il-vjaġġ ippjanat għan-navigazzjoni sikura.

3. Il-kaptan li jbaħħar fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni b'karattru marittimu għandu jkun kapaċi juża SIGNI (Signalisation de voies de Navigation Intérieure) u IALA (Assoċjazzjoni Internazzjonali ta' Għajnuniet Marittimi lil Awtoritajiet ta' Navigazzjoni u ta' Fanal tal-Portijiet) għan-navigazzjoni sikura fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni b'karattru marittimu.

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. juża SIGNI (Signalisation de voies de Navigation Intérieure), IALA (Assoċjazzjoni Internazzjonali ta' Għajnuniet Marittimi lil Awtoritajiet ta' Navigazzjoni u ta' Fanal tal-Portijiet) jew sistemi lokali oħra ta' mmarkar u ta' sinjali.	1. Għarfien dwar is-sistema tal-bagi, l-IALA, ir-reġjun A, is-sistemi ta' mmarkar u ta' sinjali bħad-direzzjoni tal-bagi, l-enumerar tal-bagi, l-immarkar ta' oġġetti u ta' sovrastrutturi, il-marki laterali u kardinali, il-bagi ta' bifurkazzjonijiet, il-marki supplementari, l-immarkar ta' punti ta' periklu u ta' ostakoli, l-immarkar tar-rotta tal-passaġġ fuq l-ilma intern kif ukoll tal-kanal, id-daħliet tal-portijiet, il-bagi u l-illuminazzjoni u l-karatteristiċi tal-illuminazzjoni. 2. Ħila li juża s-sistemi ta' mmarkar u ta' sinjali biex jiddetermina l-pożizzjoni xierqa tal-inġenji fil-passaġġ fuq l-ilma fir-rigward taċ-ċirkustanzi u tal-kundizzjonijiet lokali.

IV. STANDARDS TAL-KOMPETENZA GĦAT-TBAĦĦIR BL-GĦAJNUNA TAR-RADAR

1. Il-kaptan li jbaħħar bl-ghajnunja tar-radar għandu jkun kapaċi jieħu azzjoni xierqa b'rabta man-navigazzjoni bl-ghajnunja tar-radar qabel it-tluq.

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. iħejji l-bidu ta' vjaġġ u l-użu tal-installazzjonijiet tar-radar navigazzjonali u l-indikaturi tar-rata tad-dawran għan-navigazzjoni speċjalment f'kundizzjonijiet ta' viżibbiltà mnaqsa.	1. Għarfien ġenerali dwar il-mewġiet tar-radju u għarfien tal-prinċipji tal-operazzjoni bir-radar u b'mod aktar speċifiku <ul style="list-style-type: none"> • l-veloċità tal-propagazzjoni tal-mewġ tar-radju, • ir-riflessjoni tal-mewġ tar-radju • il-parametri ewlenin tal-installazzjonijiet tar-radar navigazzjonali (il-medda tal-frekwenzi operazzjonali, il-potenza tat-trażmissjoni, id-durata tal-pulsazzjoni, ir-rata ta' rivoluzzjonijiet tal-antenna, il-karatteristiċi tal-antenna, id-dimensjonijiet tad-displej u l-iskali tal-meded, il-medda minima, ir-riżoluzzjoni radjali u r-riżoluzzjoni ażimutali eċċ.). 2. Għarfien ġenerali tal-prinċipju operazzjonali tal-indikaturi tar-rata tad-dawran u l-applikazzjoni tagħhom. 3. Ħila li jixgħel, jaġġusta u jikkontrolla installazzjonijiet tar-radar navigazzjonali bħal Tune, Gain, Brilliance, On/Standby, Range u li juża l-indikaturi tar-rata tad-dawran fin-navigazzjoni interna u jassigura l-użu korrett.

2. Il-kaptan li jbaħħar bl-ghajnunja tar-radar għandu jkun kapaċi jinterpreta d-displej tar-radar u janalizza l-informazzjoni fornita mir-radar.

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jinterpreta d-displej tar-radar kif suppost fir-rigward tal-pożizzjonijiet tal-inġenju tiegħu stess u ta' inġenji oħra;	1. Ħila li jinterpreta d-displej tar-radar billi jidentifika kif suppost <ul style="list-style-type: none"> • il-pożizzjoni tal-antenna fuq l-iskrin u l-linja tal-intestatura, • l-issettar tal-pożizzjoni, tar-rotta u tad-direzzjoni tat-tidwir tal-inġenju tiegħu stess, • jiddetermina d-distanzi u l-ilħiq. 2. Ħila li jinterpreta l-imġiba ta' parteċipanti oħra fit-traffiku (inġenji weqfin, inġenji resqin lej u inġenji mixjin fl-istess direzzjoni).

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
2. janalizza informazzjoni oħra fornita mir-radar.	<ol style="list-style-type: none"> 1. Ħila li janalizza l-informazzjoni fornita mir-radar b'hal-linja tal-intestatura (HL), l-electronic bearing line (EBL), iċ-ċrieki tal-medda u l-markatur tal-medda varjabbli (VRM), il-linji tal-mira, id-diċentrar, il-linji paralleli (Linji-P) u li jispjega l-istampa tar-radar. 2. Għarfien dwar il-limitazzjoni tal-informazzjoni fornita mill-installazzjonijiet tar-radar navigazzjonali. 3. Ħila li jinterpreta oġġetti weqfin u li jiċċaqalqu murija fuq ir-radar.

3. Il-kaptan li jbaħħar bl-għajnuna tar-radar għandu jkun kapaċi jnaqqas l-interferenza b'oriġini li tvarja.

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jidentifika u jnaqqas id-disturbi li jkunu ġejjin mill-inġenju tiegħu stess;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar id-disturbi li jistgħu jkunu kkawżati minn tkissir jew qsim tar-raġġ tal-antenna, minn effetti tad-dell (setturi mhux fil-kamp viżwali) jew minn riflessjonijiet multipli (eż. fiż-żona tal-kompartimenti tat-tagħbija). 2. Ħila li jieħu azzjoni biex inaqqas id-disturbi li jiġu mill-inġenju tiegħu stess.
2. jidentifika u jnaqqas id-disturbi li jkunu ġejjin mill-ambjent;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar id-disturbi mix-xita jew mill-mewġ, kampijiet mifruxa (eż. pontijiet), riflessjonijiet multipli, eki foloz/fantażma, linji ta' trażmissjoni tad-dawl, effetti tad-dellijiet u tal-propagazzjoni ta' diversi perkorsi fuq ir-radar. 2. Ħila li jieħu azzjoni biex inaqqas id-disturbi li jiġu mill-ambjent (billi juża l-Anti-Rain Clutter (FTC) u l-Anti-Sea Clutter (STC)).
3. jidentifika u jnaqqas id-disturbi li jkunu ġejjin minn installazzjonijiet oħra tan-navigazzjoni bir-radar.	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar id-dehra ta' disturbi kkawżati minn installazzjonijiet oħra tan-navigazzjoni bir-radar. 2. Ħila li jieħu azzjoni biex ineħħi d-disturbi li jkunu ġejjin minn installazzjonijiet oħra tan-navigazzjoni bir-radar (rifjut tal-interferenza/IR).

4. Il-kaptan li jbaħħar bl-għajnuna tar-radar għandu jkun kapaċi jinnaviga bir-radar filwaqt li jqis is-sett miftiehem ta' regoli applikabbli għan-navigazzjoni interna u skont ir-regolamenti li jispeċifikaw ir-reqwiziti għan-navigazzjoni bir-radar (bħar-reqwiziti tal-arranġamenti tal-persunal jew ir-reqwiziti tekniċi għall-bastimenti).

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. japplika r-regoli li jirregolaw l-użu tar-radar.	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar ir-regoli speċjali għall-użu tar-radar fis-sett miftiehem ta' regoli applikabbli fin-navigazzjoni interna u fir-regolament applikabbli tal-pulizija (eż. tbaħħir f'sitwazzjonijiet b'viżibbiltà mnaqqsa, l-użu ta' radar meta l-viżibbiltà ma tkunx imnaqqsa u l-użu obligatorju tar-radar matul it-tbaħħir), l-użu tal-VHF, is-sinjali akustiċi u l-ftehimiet dwar id-direzzjoni li għandha tittieħed. 2. Għarfien dwar ir-reqwiziti tekniċi ta' inġenju li juża installazzjoni tar-radar navigazzjonali skont ir-reqwiziti tekniċi applikabbli b'hal ES-TRIN (Standard Ewropew li jstabbilixxi r-Reqwiziti Tekniċi għall-bastimenti tan-Navigazzjoni Interna). 3. Ħila li juża kif suppost installazzjoni tar-radar navigazzjonali, indikaturi tar-rata tad-dawran u ECDIS Interna flimkien ma' radar. 4. Għarfien dwar ir-reqwiziti ta' forniment tal-ekwipaġġ f'sitwazzjonijiet b'viżibbiltà mnaqqsa u b'viżibbiltà tajba. 5. Ħila li jattribwixxi b'mod adegwat il-kompiti lill-membri tal-ekwipaġġ u jagħti struzzjonijiet xierqa.

5. Il-kaptan li jbaħħar bl-għajnuna tar-radar għandu jkun kapaċi jimmaniġġja ċirkustanzi speċifiċi, bħad-densità tat-traffiku, ħsara fl-apparati, sitwazzjonijiet perikolużi.

Il-kaptan għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jirreaġixxi kif xieraq f'ċirkustanzi eċċez-zjonali bħal densità għolja tat-traffiku, ħsara fl-apparati u sitwazzjonijiet tat-traffiku mhux ċari jew perikolużi oħra.	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar il-possibiltajiet ta' reazzjoni f'densità għolja tat-traffiku. 2. Ħila li jieħu miżuri xierqa f'densità għolja tat-traffiku. 3. Għarfien dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni u xejriet adegwati ta' reazzjonijiet f'każ ta' ħsara fl-apparati. 4. Ħila li jirreaġixxi f'każ ta' ħsara fl-apparati. 5. Għarfien dwar l-azzjonijiet possibbli li għandhom jittieħdu f'każ ta' kwalunkwe sitwazzjoni tat-traffiku mhux ċara jew perikoluża. 6. Ħila li jirreaġixxi f'każ ta' kwalunkwe sitwazzjoni tat-traffiku mhux ċara jew perikoluża.

V. STANDARDS TAL-KOMPETENZA GĦALL-ESPERTI FIN-NAVIGAZZJONI TAL-PASSIĠĠIERI

1. L-espert għandu jkun kapaċi jorganizza l-użu tat-tagħmir tas-salvataġġ tal-ħajja abbord il-bastimenti tal-passiġġieri.

L-espert għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jorganizza l-użu tat-tagħmir tas-salvataġġ tal-ħajja.	<ol style="list-style-type: none"> 1. Għarfien dwar il-pjanijiet ta' kontroll tas-sikurezza li jinkludu: <ul style="list-style-type: none"> • lista ta' kompiti ta' sikurezza tal-persunal u pjan ta' sikurezza, • pjanijiet u proċeduri ta' emerġenza. 2. Għarfien dwar it-tagħmir tas-salvataġġ tal-ħajja u l-funzjonijiet tiegħu u ħila li juri l-użu tat-tagħmir tas-salvataġġ tal-ħajja. 3. Għarfien dwar iż-żoni aċċessibbli għall-passiġġieri b'mobilità mnaqqsa. 4. Ħila li juri l-użu tat-tagħmir tas-salvataġġ tal-ħajja għall-passiġġieri li jinkludu passiġġieri b'mobilità mnaqqsa.

2. L-espert għandu jkun kapaċi japplika l-istruzzjonijiet dwar is-sikurezza u jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiproteġi l-passiġġieri b'mod ġenerali, speċjalment f'każ ta' emerġenza (eż. evakwazzjoni, ħsara, kollizzjoni, inkaljar, nar, splużjoni jew sitwazzjonijiet oħra li jstgħu joħolqu paniku), inkluż billi tingħata assistenza diretta lil persuni b'diżabbiltà u persuni b'mobbiltà mnaqqsa f'konformità mar-rekwiżiti tat-taħriġ u l-istruzzjonijiet tal-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru 1177/2010.

L-espert għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. japplika l-istruzzjonijiet dwar is-sikurezza;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Ħila li jimmonitorja s-sistemi u t-tagħmir ta' sikurezza u li jorganizza l-verifiki u l-kontroll tat-tagħmir ta' sikurezza tal-bastimenti tal-passiġġieri li jinkludi apparat għat-teħid tan-nifs. 2. Ħila li jmexxi eżerċizzji dwar sitwazzjonijiet ta' emerġenza. 3. Ħila li jagħti struzzjonijiet lill-membri tal-ekwipaġġ u lill-persunal abbord il-bastimenti bi rwol skont il-lista ta' kompiti ta' sikurezza tal-persunal dwar l-użu tat-tagħmir tas-salvataġġ tal-ħajja, ir-rotot ta' ħruġ f'emerġenza, iż-żoni fejn jinġabru n-nies u iż-żoni ta' evakwazzjoni fil-każ ta' emerġenza. 4. Ħila li jipprovdri informazzjoni lill-passiġġieri fil-bidu tal-vjaġġ dwar il-kodiċi ta' kondotta u l-kontenut tal-pjan ta' sikurezza.
2. jieħu l-miżuri neċessarji biex jiproteġi lill-passiġġieri b'mod ġenerali u f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza;	<ol style="list-style-type: none"> 1. Ħila li jimplementa ppjanar b'lista ta' kompiti ta' sikurezza tal-persunal għall-evalwazzjoni ta' partijiet mill-bastiment jew tal-bastiment sħiħ, filwaqt li jqis sitwazzjonijiet ta' emerġenza differenti (eż. duħħan, nar, tnixxija, periklu għall-istabbiltà tal-bastiment u perikli li jirriżultaw mill-merkanzija ttrasportata abbord). 2. Għarfien dwar il-prinċipji ta' ġestjoni ta' kriżijiet u tal-folol u ta' ġestjoni tal-kunflitti.

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
	3. Ħila li jipprovdi l-informazzjoni neċessarja lill-kaptan, lill-passiġġieri u lill-forzi esterni tas-salvataġġ.
3. jipprovdi assistenza u jaġhti struzzjonijiet biex il-persuni b'diżabilità u l-passiġġieri b'mobilità mnaqqsa jkunu jistgħu jimbarkaw, jibqgħu abbord u jiżbarkaw b'mod sikur.	1. Għarfien dwar l-aċċessibilità tal-bastiment, iż-żoni abbord adattati għal persuni b'diżabilità u għal persuni b'mobilità mnaqqsa inklużi l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom fir-rigward ta', eż., ir-rotot ta' ħruġ f'emerġenza u d-deżinjazzjoni korretta tat-tali żoni fil-pjanijiet ta' sikurezza. 2. Ħila li jimplementa regoli dwar l-aċċess nondiskriminatorju u l-ippjanar b'lista ta' kompiti ta' sikurezza tal-persunal għal persuni b'diżabilità u għal persuni b'mobilità mnaqqsa u r-rekwiżiti ta' taħriġ kollha msemmija fl-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru 1177/2010.

3. L-espert għandu jkun kapaċi jikkomunika b'Ingliż elementari.

L-espert għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jikkomunika kwistjonijiet relatati mas-sikurezza b'Ingliż elementari.	1. Għarfien ta' vokabolarju elementari u ta' pronunzja ta' frażijiet xierqa bl-Ingliż biex jiggwida lill-persuni kollha abbord f'sitwazzjonijiet standard u biex iwissihom u jiggwidahom fil-każ ta' emerġenzi; 2. Ħila li juża vokabolarju u ta' pronunzja ta' Ingliż elementari rigward frażijiet xierqa biex jiggwida lill-persuni kollha abbord f'sitwazzjonijiet standard u biex iwissihom u jiggwidahom fil-każ ta' emerġenzi.

4. L-espert għandu jkun kapaċi jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 1177/2010

L-espert għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jipprovdi assistenza lill-passiġġieri rigward id-drittijiet tal-passiġġieri.	1. Għarfien dwar ir-regoli għat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 1177/2010, b'mod partikolari rigward inondiskriminazzjoni bejn il-passiġġieri fir-rigward tal-kundizzjonijiet tat-trasport offruti mit-trasportaturi, id-drittijiet tal-passiġġieri f'każijiet ta' tħassir jew ta' dewmien, l-informazzjoni minima li trid tiġi pprovduta lill-passiġġieri, l-immaniġġjar tal-ilmenti u r-regoli ġenerali dwar l-infurzar. 2. Ħila li jinforma lill-passiġġieri dwar id-drittijiet applikabbli tal-passiġġieri. 3. Ħila li jimplementa l-proċeduri applikabbli biex jipprovdi aċċess u assistenza professjonali.

VI. STANDARDS TAL-KOMPETENZA GĦALL-ESPERTI FIL-GASS NATURALI LIKWIFIKAT (LNG)

1. L-espert għandu jkun kapaċi jiżgura l-konformità mal-leġiżlazzjoni u mal-istandards applikabbli għal inġenji li juża l-LNG bħala fjuwil, kif ukoll ma' regolamenti rilevanti oħra dwar is-saħħa u s-sikurezza.

L-espert għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jiżgura l-konformità mal-leġiżlazzjoni u mal-istandards rilevanti applikabbli għal inġenji li juża l-LNG bħala fjuwil;	1. Għarfien dwar ir-regolamenti relatati ma' inġenji li jużaw l-LNG bħala fjuwil bħal regolamenti rilevanti tal-pulizija, regolamenti rilevanti dwar ir-rekwiżiti tekniċi u l-ADN. 2. Għarfien dwar ir-regoli tas-soċjetà dwar il-klassifikazzjoni.

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
	3. Ħila li jagħti struzzjonijiet u jimmonitorja l-operazzjonijiet tal-membri tal-ekwipaġġ biex jiżgura l-konformità mal-leġislazzjoni u mal-istandards applikabbli għal inġenji li jużaw l-LNG bħala fjuwil abbord l-inġenji u b'mod partikolari mal-proċedura ta' bunkering.
2. Jiżgura l-konformità ma' regolamenti rilevanti oħra dwar is-saħħa u s-sikurezza matul it-tbaħħir u matul l-irmiġġ.	1. Għarfien fuq ir-regolamenti rilevanti dwar is-saħħa u s-sikurezza li jinkludu r-rekwiżiti u l-awtorizzazzjonijiet lokali rilevanti b'mod partikolari f'żoni portwali. 2. Ħila li jagħti struzzjonijiet u jimmonitorja l-operazzjonijiet tal-membri tal-ekwipaġġ biex jiżgura l-konformità ma' regolamenti rilevanti oħra dwar is-saħħa u s-sikurezza.

2. L-espert għandu jkun kapaċi jkun konxju dwar punti speċifiċi ta' attenzjoni relatati mal-LNG, jagħraf ir-riskji u jimmaniġġjahom.

L-espert għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jirrikonoxxi punti speċifiċi ta' attenzjoni relatati mal-karatteristiċi speċifiċi tal-LNG;	1. Għarfien dwar id-definizzjoni, il-kompożizzjoni u l-attributi tal-kwalità tal-LNG, Skeda ta' <i>Data</i> ta' Sigurtà (SDS): proprjetajiet fiżiċi u karatteristiċi tal-prodott u karatteristiċi ambjentali. 2. Għarfien dwar it-temperatura ta' ħżin adegwata, il-punt ta' fjamabbiltà, il-limiti ta' splużjoni u l-karatteristiċi tal-pressjoni, it-temperaturi kritiċi, il-perikli relatati, il-kundizzjonijiet atmosferiċi, il-proprjetajiet krijoġeniċi, l-imġiba tal-LNG fl-arja, l-evaporazzjoni u l-gass inert, eż. in-nitroġenu.
2. jagħraf ir-riskji u jimmaniġġjahom.	1. Għarfien dwar il-pjanijiet, il-perikli u r-riskju ta' sikurezza, inkluż għarfien dwar il-lista tar-rwoli f'każ ta' emerġenza u l-kompiti ta' sikurezza relatati tagħha. 2. Ħila li jimmaniġġja r-riskji, jiddokumenta dwar is-sikurezza abbord (inkluż il-pjan ta' sikurezza u l-istruzzjonijiet ta' sikurezza), li jivvaluta u jikkontrolla ż-żoni perikolużi, is-sikurezza tan-nirien u li juża t-tagħmir ta' protezzjoni personali.

3. L-espert għandu jkun kapaċi jopera s-sistemi speċifiċi għal-LNG b'mod sikur.

L-espert għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jopera s-sistemi speċifiċi għal-LNG abbord u mqabnda mas-sistemi abbord b'mod sikur.	1. Għarfien dwar l-aspetti tekniċi tas-sistema tal-LNG bħal <ul style="list-style-type: none"> • konfigurazzjoni ġenerali u l-manwal operazzjonali, • is-sistema ta' bunkering tal-LNG, • it-tagħmir li jikkontrolla t-tifrix, • is-sistema ta' konteniment tal-LNG, • is-sistema ta' tħejjija tal-gass, • is-sistema tal-pajpijiet tal-LNG, • is-sistema ta' provvista tal-gass, • il-kunċett tal-kamra tal-magni, • is-sistema ta' ventilazzjoni, • it-temperatura u l-pressjoni (kif taqra ċart ta' distribuzzjoni tal-pressjoni u tat-temperatura), • valvs (b'mod partikolari l-valv ewlieni tal-fjuwil tal-gass), il-valvi ghattnaqqs tal-pressjoni, • is-sistemi ta' kontroll, ta' sorveljanza u ta' sikurezza, l-allarms, sistemi tad-detezzjoni tal-gass u l-akkoppjamenti ta' distakkament fix-xott.

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
	2. Ħila li jippreżenta l-modalità ta' azzjoni tal-LNG, jaqra l-pessjoni u t-temperatura, jopera s-sistemi ta' strippaġġ, ta' konteniment, ta' provvista tal-gass, ta' ventilazzjoni, u tal-pajpijiet u ta' sikurezza, il-valvi u jimmaniġġja l-evaporazzjoni tal-LNG.

4. L-espert għandu jkun kapaċi jiżgura l-verifika regolari tas-sistema tal-LNG.

L-espert għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. iwettaq u jimmonitorja l-kontrolli regolari tas-sistema tal-LNG.	1. Għarfien dwar il-manutenzjoni u l-monitoraġġ tas-sistema tal-LNG. 2. Għarfien dwar il-ħsarat possibbli u l-allarmi. 3. Ħila li jwettaq il-manutenzjoni ta' kuljum, il-manutenzjoni ta' kull ġimgħa, il-manutenzjoni perjodika regolari, li jikkoreġi ħsarat u li jiddokumenta x-xogħol ta' manutenzjoni.

5. L-espert għandu jkun jaf kif iwettaq l-operazzjonijiet ta' bunkering tal-LNG b'mod sikur u kkontrollat.

L-espert għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. iwettaq u jimmonitorja l-proċeduri ta' bunkering b'mod sikur.	1. Għarfien dwar <ul style="list-style-type: none"> • l-immakar ta' identifikazzjoni skont ir-regolament tal-pulizija u portwali rilevanti, • kundizzjonijiet għall-irmiġġ għall-finijiet ta' bunkering, • il-proċedura ta' bunkering tal-LNG, • it-tneħħija tal-gass mis-sistema tal-LNG, • il-listi ta' kontroll rilevanti u ċ-ċertifikat tal-kunsinna, • il-miżuri ta' sikurezza tal-bunkering u l-proċeduri ta' evakwazzjoni. 2. Ħila li jniedi u jimmonitorja l-proċeduri ta' bunkering inklużi miżuri għall-garanzija ta' rmiġġ sikur, il-pożizzjoni korretta tal-kejls u tal-pajpijiet biex tiġi evitata tniġġija u li jieħu miżuri biex jaqla' l-konnessjoni tal-LNG u l-konnessjoni tal-bunkering b'mod sikur jekk ikun hemm bżonn fi kwalunkwe waqt. 3. Ħila li jiżgura l-konformità mar-regolamenti rilevanti dwar iż-żona ta' sikurezza. 4. Ħila li jirrapporta l-bidu tal-proċedura ta' bunkering u li jwettaq bunkering sikur skont il-manwal li jinkludi l-ħila li jimmonitorja l-pessjoni, it-temperatura u l-livell ta' LNG fit-tankijiet. 5. Ħila li jbattal is-sistemi tal-pajpijiet, jagħlaq il-valvi u jaqla' l-konnessjoni bejn l-installazzjoni tal-bunkering u jirrapporta t-tmiem tal-proċedura wara l-bunkering.

6. L-espert għandu jkun kapaċi jħejji s-sistema tal-LNG għall-manutenzjoni tal-inġenju.

L-espert għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. iħejji s-sistema tal-LNG għall-manutenzjoni tal-inġenju u għall-użu mgēded.	1. Għarfien dwar il-proċeduri korretti ta' tneħħija bħall-użu tat-tbattil tal-gass u tal-iflaxxjar tas-sistema tal-LNG qabel permanenza f'tarzna.

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
	2. Ħila li jwettaq <ul style="list-style-type: none"> • l-inerzjar tas-sistema tal-LNG, • il-proċedura ta' tbatil tat-tank tal-fjuwil tal-LNG, • l-ewwel mili tat-tank tal-fjuwil tal-LNG (tnixxif u tberrid) • bidu tas-servizz wara perjodu wieqaf f'tarzna.

7. L-espert għandu jkun kapaċi jimmaniġġja s-sitwazzjonijiet ta' emerġenza relatati mal-LNG.

L-espert għandu jkun kapaċi:

KOLONNA 1 KOMPETENZA	KOLONNA 2 GĦARFIEN U HILJET
1. jirreaġixxi kif xieraq f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza (bħal tixrid u tnixxijiet tal-LNG, kuntatt ta' sustanza b' temperatura baxxa mal-ġilda, nirien, inċidenti relatati mat-trasport ta' oġġetti perikolużi b'perikli speċifiċi jew inġenju li jitla' l-art).	1. Għarfien dwar il-miżuri ta' emerġenza u d-dokumentazzjoni dwar is-sikurezza abbord (inklużi l-pjan ta' sikurezza u l-istruzzjonijiet dwar is-sikurezza). 2. Ħila li jirreaġixxi kif xieraq f'każ ta' emerġenzi bħal <ul style="list-style-type: none"> • tifrix tal-LNG abbord, • kuntatt tal-ġilda mal-LNG, • tifrix tal-LNG fi spazji magħluqa (eż. fil-kmamar tal-magni), • tifrix tal-LNG jew tnixxijiet ta' gass naturali fi spazji bejn l-ilqugħ (eż. tankijiet tal-fjuwil b'qafas doppju, pajpijiet b'ħajt doppju), • nar fil-viċin tat-tankijiet tal-fjuwil tal-LNG jew fil-kmamar tal-magni • pressjoni akkumulata fis-sistemi tal-pajpijiet wara attivazzjoni tat-Tifi ta' Emerġenza fil-każ ta' rilaxx imminenti jew ta' ventilazzjoni. 3. Għarfien dwar il-perikli speċifiċi relatati mat-trasport ta' oġġetti perikolużi u ta' inġenji li jinkaljaw jew li jaħbtu. 4. Ħila li jieħu miżuri ta' emerġenza u miżuri ta' emerġenza ta' sorveljanza mill-bogħod, eż. biex jikkontrolla kif xieraq nirien tal-LNG, nirien f'għadajjar, nirien f'ġettijiet u nirien li jaħtfu.

ANNEX II

STANDARD GĦAL EŻAMIJET PRATTIĊI

I. STANDARDS GĦALL-EŻAMI PRATTIKU GĦALL-KISBA TA' AWTORIZZAZZJONI SPEĊIFIKA GĦAT-TBAĦĦIR BL-GĦAJNUNA TAR-RADAR

1. Kompetenzi speċifiċi u sitwazzjonijiet ta' valutazzjoni

L-eżaminaturi huma liberi li jiddeċiedu dwar il-kontenut tal-elementi tal-eżamijiet individwali.

L-eżaminaturi għandhom jittestjaw l-elementi 1-16 u tal-anqas wieħed mill-elementi 17 sa 19. L-applikanti jridu jiksbu minimu ta' 7 minn 10 punti f'kull element.

Nru	Kompetenzi	Element tal-eżami
1	1.1.	ixgħel, aġġusta u kkontrolla l-funzjonament tal-installazzjonijiet tar-radar navigazzjonali;
2	1.1.	ixgħel, aġġusta u kkontrolla l-funzjonament tal-indikatur tar-rata tad-dawran;
3	1.1.	interpreta d-displej tar-radar kif suppost billi tissettja l-medda, ir-risoluzzjoni, il-luminożità, il-gain, il-kuntrast, apparat konness ieħor, iċċentra u rfinja;
4	1.1.	uża l-indikatur tar-rata tad-dawran, eż. billi tistabbilixxi r-rata tad-dawran skont ir-rata massima tad-dawran tal-inġenju;
5	2.1	identifika l-pożizzjoni tal-antenna fuq l-iskrin u l-linja tal-intestatura, l-issettjar tal-pożizzjoni, ir-rotta u d-direzzjoni tad-dawran tal-inġenju proprju u d-distanzi u l-ilħuq determinanti;
6	2.1	interpreta l-imġiba ta' parteċipanti oħra fit-traffiku (inġenji weqfin, inġenji resqin u inġenji mexjin fl-istess direzzjoni);
7	2.2	analizza l-informazzjoni fornuta mir-radar bħal-linja tal-intestatura, l-electronic bearing line, iċ-ċrieki tal-medda u l-markatur tal-medda varjabbli, il-linji tal-mira, id-diċentrar u l-linji paralleli u li jispjega l-istampa tar-radar;
8	3.1	naqqas id-disturbi li ġejjin mill-inġenju proprju billi tivverifika l-antenna, billi tnaqqas id-dellijiet u r-riflessjonijiet multipli, eż. fiż-żona tal-istivi;
9	3.2	ħu azzjoni biex tnaqqas id-disturbi mill-ambjent billi tnaqqas l-influwenza mix-xita u mill-mewġ, billi tindirizza kif suppost il-kampi mifruxa (eż. mill-pontijiet), l-eki foloz/fantażma mil-linji tat-trażmissjoni tal-elettriku u mill-kejbils kif ukoll b'effetti ta' dellijiet u ta' diversi perikorsi;
10	3.3	neħħi d-disturbi li ġejjin minn installazzjonijiet tar-radar navigazzjonali oħra billi tuża r-rifjut tal-interferenza;
11	4.1.	attribwixxi kif suppost il-kompiti lill-membri tal-ekwipaġġ ta' fuq il-gverta;
12	4.1.	żgura l-kooperazzjoni bejn it-tmunier u l-persuna li tuża l-installazzjonijiet tar-radar navigazzjonali skont il-viżibbiltà u l-karatteristiċi tal-kamra tat-tmunier;
13	4.1	uża l-indikaturi tar-rata tad-dawran u l-ECDIS interna jew displejs simili flimkien mar-radar;
14	4.1.	aġixxi skont ir-regolamenti tal-pulizija f'każ ta' viżibbiltà mnaqqsa u fil-każ ta' viżibbiltà tajba;
15	4.1.	uża r-radju u sinjali akustiċi biex taqbel fuq rotta billi tuża l-informazzjoni fornuta mir-radar;
16	4.1.	agħti kmandi lit-tmunier inkluż billi tivverifika l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa tal-persuna
17	5.1	ħu miżuri xierqa f'densità għolja tat-traffiku;
18	5.1.	ħu miżuri xierqa fil-każ ta' ħsara fl-apparati;
19	5.1.	irreaġixxi kif xieraq f'sitwazzjonijiet tat-traffiku li ma jkunux ċari jew li jkunu perikolużi.

2. Rekwiżiti tekniċi għall-inġenji użati għall-eżami Prattiku

Inġenju użat għal eżami Prattiku għandu jkun kopert mill-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2017/2397.

Inġenju użat għall-eżamijiet Prattiki għall-valutazzjoni tal-kompetenza ta' kaptan li jbaħħar bl-għajjnuna tar-radar għandu jissodisfa r-rekwiżit tekniċi stabbilit fl-Artikolu 7.06 tal-istandard ES-TRIN 2017/1 ⁽¹⁾. L-inġenju għandu jkun mgħammar b'ECDIS interna operabbli jew b'apparat komparabbli għall-wiri ta' ċarts elettroniċi.

II. STANDARDS GĦALL-EŻAMI PRATTIKU GĦALL-KISBA TA' ĊERTIFIKAT TA' KWALIFIKAZZJONI BĦALA ESPERT FIN-NAVIGAZZJONI TAL-PASSIĠĠIERI

1. Kompetenzi speċifiċi u sitwazzjonijiet ta' valutazzjoni

L-eżaminaturi huma liberi li jiddeċiedu dwar il-kontenut tal-elementi tal-eżamijiet individwali.

L-eżaminaturi għandhom jittestjaw 11 mill-14-il element tal-kategorija I, dment li: jiġu vvalutati l-element 16 u l-element 20.

L-eżaminaturi għandhom jittestjaw 7 minn 8 elementi tal-kategorija II.

L-applikanti jistgħu jiksbu 10 punti f'kull element bħala riżultat massimu.

Għall-kategorija I, l-applikanti jridu jiksbu minimu ta' 7 minn 10 punti f'kull element. Għall-kategorija II, l-applikanti jridu jiksbu punteġġ minimu totali ta' 45 punt.

Nru	Kompetenzi	Elementi tal-eżami	Kategorija I-II
1	1.1.	uri l-użu tal-bagi tas-salvataġġ għall-passiġġieri;	I
2	1.1.	uri l-użu tal-ġkieket tas-salvataġġ għall-passiġġieri u għall-membri tal-ekwipaġġ ta' fuq il-gverta u l-persunal abbord il-bastiment inkluż tagħmir individwali speċifiku tas-salvataġġ tal-ħajja għal persuni li ma jwettqux kompiti għal-lista ta' kompiti ta' sikurezza tal-persunal;	I
3	1.1.	uri l-użu ta' tagħmir xieraq għall-evakwazzjoni f'ilma baxx, għal fuq ix-xatt jew fuq inġenju ieħor;	I
4	1.1.	uri l-użu tad-dgħajjes tal-bastiment inklużi l-magna u d-dawl tat-tiftix ta' emerġenza jew il-pjattaforma tagħhom skont l-Artikolu 19.15 ES-TRIN 2017/1, biddel l-apparati tas-salvataġġ tal-ħajja tad-dgħajsa tal-bastiment jew daww kollettivi skont l-Artikolu 19.09(5) sa (7) ES-TRIN 2017/1;	I
5	1.1.	uri l-użu ta' streċer xieraq;	I
6	1.1.	uri l-użu tal-kits tal-ewwel għajjnuna;	I
7	1.1.	uri l-użu ta' settijiet awtonomi ta' apparati tat-teħid tan-nifs u ta' settijiet ta' tagħmir kif ukoll ta' kappi tad-duħħan skont l-Artikolu 19.12(10) ES-TRIN 2017/1 jew ta' taħlita ta' dawn;	I
8	2.1.	ivverifika u mmonitorja l-intervalli tal-ispezzjonijiet għat-tagħmir imsemmi fin-nri 1 - 7 ta' din it-tabella;	II
9	2.1.	ivverifika u mmonitorja l-kwalifika neċessarja tal-persuni li jużaw il-kits tal-ewwel għajjnuna u s-settijiet ta' apparati awtonomi għat-teħid tan-nifs u s-settijiet ta' tagħmir kif ukoll il-kappi tad-duħħan;	II
10	2.1.	stiva kif xieraq u qassam l-apparati tas-salvataġġ tal-ħajja;	I
11	2.3.	identifika ż-żoni aċċessibbli għall-passiġġieri b'mobilità mnaqqsa;	II
12	1.1.	uri l-użu tat-tagħmir tas-salvataġġ tal-ħajja għall-passiġġieri b'mobilità mnaqqsa;	I
13	2.1	spjega l-elementi tal-lista ta' kompiti ta' sikurezza tal-persunal u l-pjan ta' sikurezza;	II

(1) L-Istandards Ewropej li jistabbilixxu r-Rekwiżiti Tekniċi għal bastimenti ta' Navigazzjoni Interna huma disponibbli fuq <https://www.cesni.eu>.

Nru	Kompetenzi	Elementi tal-eżami	Kategorija I-II
14	2.1.	agħti l-kompiti lill-persunal abbord il-bastiment skont il-lista ta' kompiti ta' sikurezza tal-persunal u l-pjan ta' sikurezza;	II
15	2.3	agħti l-kompiti lill-persunal abbord il-bastiment fir-rigward tal-aċċess nondiskriminatorju u l-ippjanar tal-lista ta' kompiti ta' sikurezza tal-persunal għall-passiġġieri b'mobilità mnaqqsa;	II
16	2.3	organizza t-taħriġ u l-istruzzjonijiet għall-persuni b'mobilità mnaqqsa skont l-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru 1177/2010;	I
17	2.2	organizza l-evakwazzjoni ta' żona tal-passiġġieri billi tispjega l-miżuri speċifiċi li għandhom jittieħdu f'każ ta' kollizzjoni, ta', inkaljar, ta' dħaħen u ta' nirien;	I
18	2.2.	itfi nar li għadu kif tkebbes u mmaniġġja bibien impermeabbli għall-ilma u reżistenti għan-nar;	I
19	2.2.	ipprovdvi l-informazzjoni neċessarja lill-kaptan, lill-passiġġieri u lill-forzi tas-salvataġġ esterni f'emerġenza simulata;	II
20	3.1	uża vokabolarju elementari bl-Ingliż u lissen frażijiet xierqa biex tiggwida lill-passiġġieri u lill-persunal abbord il-bastiment f'sitwazzjonijiet standard u biex twissihom u tiggwidahom fil-każ ta' emerġenzi;	I
21	4.1	spjega liema drittijiet tal-passiġġieri huma applikabbli;	I
22	4.1	implimenta l-proċeduri applikabbli biex tipprovdvi aċċess u assistenza professjonali lill-passiġġieri skont ir-Regolament (UE) Nru 1177/2010.	II

2. Rekwiżiti tekniċi għall-inġenji u għall-installazzjoni fuq l-art użati għall-eżami prattiku

Il-post fejn isseħħ il-valutazzjoni għandu jkun mgħammar b'tagħmir tas-salvataġġ tal-ħajja għall-bastimenti tal-passiġġieri neċessarju biex jintwera l-element nru 2 tal-eżami inkluż tagħmir speċifiku tas-salvataġġ tal-ħajja għal bastimenti bil-kabina skont l-ES-TRIN 2017/1 applikabbli. Dan għandu jkun mgħammar b'lista ta' kompiti ta' sikurezza tal-persunal u bi pjan ta' sikurezza li jikkonformaw mal-ES-TRIN 2017/1 u spazji u tagħmir xierqa għall-valutazzjoni tal-ħila ta' organizzazzjoni tal-evakwazzjoni u tal-imġiba għall-ġlieda kontra n-nar u għar-reazzjonijiet f'każ ta' nar.

Inġenju użat għal eżami prattiku għandu jkun kopert mill-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2017/2397.

III. STANDARDS GĦALL-EŻAMI PRATTIKU GĦALL-KISBA TA' ĊERTIFIKAT TA' KWALIFIKAZZJONI BĦALA ESPERT FIL-GASS NATURALI LIKWIFIKAT (LNG)

1. Kompetenzi speċifiċi u sitwazzjonijiet ta' valutazzjoni

L-eżaminaturi huma liberi li jiddeċiedu dwar il-kontenut tal-elementi tal-eżamijiet individwali. L-eżaminaturi għandhom jittestjaw 9 mill-11-il element tal-kategorija I.

L-eżaminaturi għandhom jittestjaw 5 mis-7 elementi tal-kategorija II.

L-applikanti jistgħu jiksbu 10 punti f'kull element bħala riżultat massimu.

Għall-kategorija I, l-applikanti jridu jiksbu minimu ta' 7 minn 10 punti f'kull element ittestjat. Għall-kategorija II, l-applikanti jridu jiksbu punteġġ minimu totali ta' 30 punt.

Nru.	Komp.	Elementi tal-eżami	Kategorija I-II
1	1.1	agħti struzzjonijiet u mmonitorja l-operazzjonijiet tal-membri tal-ekwipaġġ biex tiżgura l-konformità mal-leġiżlazzjoni u mal-istandards applikabbli għal inġenji li jużaw l-LNG bħala fjuwil abbord l-inġenji u b'mod partikolari mal-proċedura ta' bunkering;	II
2	1.2	agħti struzzjonijiet u mmonitorja l-operazzjonijiet tal-membri tal-ekwipaġġ biex tiżgura l-konformità ma' regolamenti rilevanti oħra dwar is-saħħa u s-sikurezza;	II

Nru.	Komp.	Elementi tal-eżami	Kategorija I-II
3	2.2	immaniġġja r-riskji, iddokumenta dwar is-sikurezza abbord (inkluż il-pan ta' sikurezza u l-istruzzjonijiet ta' sikurezza), biex tivvaluta u tikkontrolla ż-żoni perikolużi, is-sikurezza tan-nirien u biex tuża t-tagħmir ta' protezzjoni personali;	II
4	3.1	ippreżenta l-modalità ta' azzjoni tal-LNG;	II
5	3.1	aqra l-pessjoni u t-temperatura, opera s-sistemi ta' stripping, ta' konteniment, tal-pajpijiet ta' provvista tal-gass, ta' ventilazzjoni, ta' sikurezza, il-valvi u mmaniġġja l-evaporazzjoni tal-LNG;	I
6	4.1	agħmel il-manutenzjoni ta' kuljum, ta' kull ġimgħa u dik perjodika regolari,	I
7	4.1	irranġa l-ħsarat individwati matul il-manutenzjoni;	I
8	4.1	iddokumenta x-xogħol ta' manutenzjoni;	II
9	5.1	niedi u mmonitorja l-proċeduri ta' bunkering inklużi miżuri għall-garanzija ta' rmiġġ sikur, il-pożizzjoni korretta tal-kejbils u tal-pajpijiet biex tiġi evitata tnixxija u li hu miżuri biex taqla' l-konnessjoni tal-LNG u l-konnessjoni tal-bunkering b'mod sikur jekk ikun hemm bżonn fi kwalunkwe waqt;	I
10	5.1	żgura l-konformità mar-regolamenti rilevanti dwar iż-żona ta' sikurezza;	II
11	5.1	irrapporta l-bidu tal-proċedura ta' bunkering;	II
12	5.1	wettaq bunkering sikur skont il-manwal li jinkludi l-ħila li timmonitorja l-pessjoni, it-temperatura u l-livell ta' LNG fit-tankijiet;	I
13	5.1	battal is-sistemi tal-pajpijiet, agħlaq il-valvi u aqla' l-konnessjoni bejn l-installazzjoni tal-bunkering u rrapporta t-tmiem tal-proċedura wara l-bunkering;	I
14	6.1	agħmel <ul style="list-style-type: none"> • l-inerzjar tas-sistema tal-LNG, • il-proċedura ta' tbatil tat-tank tal-fjuwil tal-LNG, • l-ewwel mili tat-tank tal-fjuwil tal-LNG (tnixxif u tberrid), • il-bidu tas-servizz wara perjodu wieqaf f'tarzna; 	I
15	7.1	irreaġixxi kif xieraq f'każ ta' emerġenzi bħal <ul style="list-style-type: none"> <input type="checkbox"/> tifrix tal-LNG abbord, <input type="checkbox"/> kuntatt tal-ġilda mal-LNG, <input type="checkbox"/> tifrix tal-LNG fi spazji magħluqa (eż. fil-kmamar tal-magni), <input type="checkbox"/> tifrix tal-LNG jew tnixxijiet ta' gass naturali fi spazji bejn l-ilqugħ (eż. tankijiet tal-fjuwil b'qafas doppju, pajpijiet b'qoxra doppja); 	I
16	7.1	irreaġixxi kif xieraq fil-każ ta' nar fil-viċin tat-tankijiet tal-fjuwil tal-LNG jew fil-kmamar tal-magni;	I
17	7.1	irreaġixxi kif xieraq fil-każ ta' pressjoni akkumulata fis-sistemi tal-pajpijiet wara attivazzjoni tat-tifi ta' emerġenza fil-każ ta' rilaxx imminenti jew ta' ventilazzjoni;	I
18	7.1	ħu miżuri ta' emerġenza u miżuri ta' emerġenza ta' sorveljanza mill-bogħod, eż. biex tikkontrolla kif xieraq nirien tal-LNG, nirien f'għadajjar, nirien f'ġettijiet u nirien li jaħtfu.	I

2. Rekwiżiti tekniċi għall-inġenji u għall-faċilitajiet fuq l-art użati għall-eżami prattiku

L-inġenju u l-faċilitajiet fuq l-art iridu jkun mgħammra b'

1. Dokumentazzjoni użata għall-valutazzjoni bħal

- 1.1. Lista ta' kompiti ta' sikurezza tal-persunal (inklużi pan ta' sikurezza u struzzjonijiet ta' sikurezza) skont l-Artikolu 30.03 ES-TRIN 2017/1,

- 1.2. Valutazzjoni tar-riskju skont l-Anness 8, Taqsima I 1.3. ES-TRIN 2017/1,
- 1.3. Id-dokumenti l-oħra kollha meħtieġa mill-Artikolu 30.01(5) ES-TRIN 2017/1 inkluż manwal operazzjonali dettaljat skont l-Anness 8 Taqsima I 1.4.9 ES-TRIN 2017/1,
2. Speċifika s-sistemi għall-użu tal-LNG
 - 2.1. sistema ta' bunkering tal-LNG li tinkludi stazzjon tal-bunkering,
 - 2.2. sistema ta' konteniment tal-LNG,
 - 2.3. sistema tal-pajpijiet tal-LNG,
 - 2.4. sistema ta' provvista tal-gass,
 - 2.5. sistema ta' tħejjija tal-gass,
3. Kamra tal-magna xierqa,
 - 3.1. sistema ta' ventilazzjoni,
 - 3.2. sistema ta' prevenzjoni u ta' kontroll tat-tnixxijiet,
 - 3.3. sistema ta' monitoraġġ u ta' sikurezza u
 - 3.4. s-sistemi addizzjonali ta' tifi tan-nar.

Inġenju użat għal eżami prattiku għandu jkun kopert mill-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2017/2397.

IV. STANDARDS GĦALL-EŻAMI PRATTIKU GĦALL-KISBA TA' ĊERTIFIKAT TA' KWALIFIKAZZJONI BĦALA KAPTAN

1. Kompetenzi speċifiċi u sitwazzjonijiet ta' valutazzjoni

L-eżami jinkludi żewġ partijiet: waħda dwar l-ippjanar tal-vjaġġi u t-tieni dwar l-eżekuzzjoni tal-vjaġġ. Il-valutazzjoni għall-eżekuzzjoni tal-vjaġġ għandha sseħħ f'sessjoni waħda. Kull parti mill-eżami tikkonsisti f'diversi elementi.

Għall-kaptani, li la lestep programm ta' taħriġ approvat fuq il-bażi tal-istandards tal-kompetenza għal-livell operazzjonali u li lanqas m'għaddew minn valutazzjoni tal-kompetenza minn awtorità amministrattiva mmirata lejn il-verifikar li l-istandards tal-kompetenza għal-livell operazzjonali huma ssodisfati, ir-rekwiżiti huma supplimentati bl-elementi speċifiċi stabbiliti fl-istandards stabbiliti fit-Taqsima V (modulu addizzjonali dwar is-superviżjoni fil-kuntest tal-eżami prattiku għall-kisba ta' ċertifikat ta' kwalifika bħala kaptan).

Fir-rigward tal-kontenut, l-eżami għandu jikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

Ippjanar tal-vjaġġ

Il-parti tal-eżami dwar l-ippjanar tal-vjaġġ tinkludi l-elementi elenkati fit-tabella fl-Appendiċi 1. L-elementi huma raggruppati fil-kategoriji I u II skont l-importanza tagħhom. 10 elementi minn kull kategorija għandhom jintgħażlu minn dik il-lista u jiġu ttestjati fl-eżami.

Eżekuzzjoni tal-vjaġġ

L-applikanti huma meħtieġa juru li huma kapaċi jeżegwixxu vjaġġ. Prekundizzjoni indispensabbli għal dan hu li l-applikanti jimmaniġġjaw l-inġenju huma stess. L-elementi individwali li jridu jiġu ttestjati jistgħu jinstabu fit-tabella fl-Appendiċi 2 u – għall-kuntrarju tal-parti tal-ippjanar tal-vjaġġ – dawn ikoll dejjem għandhom jiġu ttestjati.

L-eżaminaturi huma liberi li jiddeċiedu dwar il-kontenut ta' kull element individwali tal-eżami.

Appendiċi 1

Kontenut tal-parti tal-eżami dwar l-ippjanar tal-vjaġġ

F'kull kategorija għandhom jiġu ttestjati 10 elementi. L-applikant jista' jikseb 10 punti f'kull element bħala riżultat massimu.

Għall-kategorija I, l-applikanti jridu jiksbu minimu ta' 7 minn 10 punti f'kull element ittestjat. Għall-kategorija II, l-applikanti jridu jiksbu punteġġ minimu totali ta' 60 punt.

Nru.	Kompetenzi	Elementi tal-eżami	Kategorija I-II
1	1.1.1	innaviga fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni Ewropej inklużi l-imgħalaq u l-lifts skont il-ftehimiet dwar in-navigazzjoni mal-aġent;	I
2	1.1.3	ikkunsidra l-aspetti ekonomiċi u ekoloġiċi tal-operat tal-inġenju biex tuża l-inġenju b'mod effiċjenti u tirrispetta l-ambjent;	II

Nru.	Kompetenzi	Elementi tal-eżami	Kategorija I-II
3	1.1.4	qis l-istrutturi u l-profilu tekniċi tal-passaġġi fuq l-ilma, u hu l-prekawzjonijiet;	I
4	1.2.1	żgura l-adegwatezza, f'termini ta' sikurezza, tal-arranġamenti tal-persunal skont ir-regoli applikabbli;	I
5	1.3.3	żgura aċċess sikur għall-inġenju;	II
6	2.1.1	irrispetta l-prinċipji tal-bini tal-bastimenti u tal-kostruzzjoni tal-passaġġi fuq l-ilma interni;	II
7	2.1.2	iddistingwi bejn il-metodi ta' kostruzzjoni ta' inġenju għall-passaġġi fuq l-ilma intern u l-imġiba tiegħu fl-ilma, speċjalment f'termini ta' stabbiltà u ta' saħħa;	II
8	2.1.3	ifhem il-partijiet strutturali tal-inġenju u l-kontroll u l-analiżi tal-ħsar;	II
9	2.1.4	hu azzjoni biex tiproteġi l-integrità tal-impermeabbiltà tal-ilma tal-inġenju;	I
10	2.2.1	ifhem il-funzjonalitajiet tat-tagħmir tal-inġenju;	II
11	2.2.2	irrispetta r-rekwiżiti speċifiċi għat-trasport ta' merkanzija u ta' passaġġieri;	I
12	3.1.1	ifhem ir-regolamenti, il-kodiċijiet u l-istandards nazzjonali, Ewropej u internazzjonali rilevanti rigward l-operazzjoni ta' trasport tal-merkanziji;	II
13	3.1.2	fassal pjanijiet dwar l-istivar inkluż għarfien dwar it-tagħbija tal-merkanziji u s-sistemi tas-saborra biex iżżomm l-istress fuq il-buq fi ħdan limiti aċċettabbli;	I
14	3.1.3.	ikkontrolla l-proċeduri ta' tagħbija u ta' ħatt fir-rigward tat-trasport sikur;	I
15	3.1.4	agħmel distinzjoni bejn diversi oġġetti u l-karatteristiċi tagħhom biex tissorvelja u tiżgura t-tagħbija sikura u sigura tal-oġġetti kif stabbilit fil-pjan ta' stivar;	II
16	3.2.1	irrispetta l-effett fuq l-inklinazzjoni lonġitudinali u l-istabbiltà tal-merkanziji u tal-operazzjonijiet tal-merkanzija;	I
17	3.2.2	ivverifika t-tunnellaġġ effettiv tal-inġenju, uża d-dijagrammi tal-istabbiltà u tal-inklinazzjoni lonġitudinali u tagħmir għall-kalkolu tal-istress, inkluża l-ADB (Bażi tad-Data Awtomatika) biex tivverifika pjan ta' stivar;	I
18	3.3.1	ifhem ir-regolamenti, il-kodiċijiet u l-istandards nazzjonali, Ewropej u internazzjonali rilevanti rigward it-trasport tal-passaġġieri;	II
19	3.3.2	organizza u ssorvelja eżerċizzji dwar is-sikurezza kif stabbiliti fil-lista (tas-sikurezza) ta' rwoli f'każ ta' emerġenza biex tiggarrantixxi l-imġiba sikura f'sitwazzjonijiet potenzjali ta' periklu;	II
20	3.3.3	ikkomunika mal-passaġġieri f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza;	I
21	3.3.4	iddefinixxi u ssorvelja analiżi tar-riskju abbord ta' aċċess limitat għall-passaġġieri kif ukoll ikkumpila sistema ta' protezzjoni effettiva abbord biex tipprevjeni aċċess mhux awtorizzat;	II
22	3.3.5	analizza rapporti mogħtija mill-passaġġieri (jiġifieri okkorrenzi imprevisi, malafama, vandaliżmu) biex tirreaġixxi kif jixraq;	II
23.	4.4.1	ipprevjeni ħsara potenzjali lill-apparati elettriċi u elettroniċi abbord;	II
24	4.5.3	evalwa dokumentazzjoni teknika u interna;	II

Nru.	Kompetenzi	Elementi tal-eżami	Kategorija I-II
25	5.1.1	żgura l-imġiba sikura tal-membri tal-ekwipaġġ fir-rigward tal-użu tal-materjali u tal-addittivi;	II
26	5.1.2	iddefinixxi, issorvelja u żgura ordnijiet tax-xogħol biex il-membri tal-ekwipaġġ ikunu jistgħu jwettqu x-xogħol ta' manutenzjoni u ta' tiswija b'mod indipendenti;	II
27	5.1.3	ixtri u kkontrolla materjal u għodod fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent;	II
28	5.1.4	żgura li l-wajers u l-ħbula jintużaw skont l-ispeċifikazzjonijiet u l-iskop maħsub tal-manifattur;	II
29	6.3.2	applika l-leġiżlazzjoni soċjali nazzjonali, Ewropea u internazzjonali;	II
30	6.3.3	segwi projbizzjoni stretta ta' alkoħol u ta' drogi u rreaġixxi kif xieraq f'każijiet ta' ksur, erfa' r-responsabbiltà u spjega l-konsegwenzi ta' mġiba ħażina;	II
31	6.3.4	organizza l-forniment u t-tnejn tal-ikket abbord;	II
32	7.1.1	applika leġiżlazzjoni nazzjonali u internazzjonali u hu miżuri xierqa għall-protezzjoni tas-saħħa u għall-prevenzjoni ta' aċċidenti;	II
33	7.1.2	ikkontrolla u mmonitorja l-validità ta' ċertifikat tal-inġenju u dokumenti oħra rilevanti għall-inġenju u għall-operat tiegħu;	I
34	7.1.3	ikkonforma mar-regolamenti dwar is-sikurezza matul il-proċeduri ta' ħidma kollha billi tuża l-miżuri rilevanti dwar is-sikurezza biex tevita aċċidenti;	I
35	7.1.4	ikkontrolla u mmonitorja l-miżuri ta' sikurezza kollha li huma neċessarji għat-tindif ta' spazji magħluqa qabel ma l-persuni jiftħu u jnaddfu dawk il-faċilitajiet u jidħlu fihom;	II
36	7.2.5	ikkontrolla l-apparati tas-salvataġġ tal-ħajja u l-applikazzjoni korretta tat-tagħmir ta' protezzjoni personali;	II
37	7.3.1	agħti bidu għal preparamenti għall-pjanijiet tas-salvataġġ ta' tipi differenti ta' emerġenzi;	II
38	7.4.1	hu prekawzjonijiet biex tipprevjeni t-tniġġis ambjentali u uża t-tagħmir rilevanti;	II
39	7.4.2	applika l-liġijiet dwar il-ħarsien tal-ambjent;	II
40	7.4.3	uża tagħmir u materjali b'mod ekonomiku u ekoloġiku.	II

Appendiċi 2

Kontenut tal-parti tal-eżami dwar l-eżekuzzjoni tal-vjaġġ

L-elementi kollha elenkati f'din il-parti tal-eżami għandhom jiġu ttestjati. F'kull element, l-applikant irid jikseb tal-anqas 7 punti minn massimu ta' 10.

Nru.	Kompetenzi	Elementi tal-eżami
1	1.1.1	Innaviga u mmanuvra l-inġenju kif xieraq għas-sitwazzjoni u skont ir-rekwiżiti statutorji tal-liġi navigazzjonali (bħala funzjoni tal-veloċità u tad-direzzjoni kurrenti, filwaqt li tivverifika l-fond tal-ilma u l-pixka tal-bastiment mgħobbi, id-distanza taħt il-propella, id-densità tat-traffiku, l-interazzjoni ma' inġenji oħra, eċċ.);
2	1.1.4	Trakka u vara l-inġenju tal-passaġġ fuq l-ilma intern, b'mod korrett u xieraq u f'konformità mar-rekwiżiti statutorji u/jew relatati mas-sikurezza;
3	1.1.5	Erga' aġġusta jew irrisettja l-għajnuniet għan-navigazzjoni jekk hemm bżonn;
4	1.1.5	Igħbor l-informazzjoni kollha rilevanti għan-navigazzjoni fornita mill-għajnuniet għan-navigazzjoni u użaha biex tadatta l-immaniġġjar tal-inġenju;
5	1.1.6	Ixgħel l-apparati neċessarji fil-pożizzjoni tas-sewqan (għajnuniet għan-navigazzjoni bħall-AIS Interna, ECDIS Interna) u aġġustahom;
6	2.2.2	Ara li l-inġenju hu lest għall-vjaġġ skont ir-regolamenti, u li l-merkanzija u oġġetti oħra ġew stivati b'mod sikur skont ir-regolamenti;
7	4.2.2	Wieġeb kif xieraq għall-ħsarat (li għandhom jiġu ssimulati, fejn xieraq) matul in-navigazzjoni (eż. żieda fit-temperatura tal-ilma tat-tberrid, tnaqqis fil-pressjoni taż-żejt tal-magna, ħsara fil-magna/i ewlenija, ħsara fit-tmun, komunikazzjonijiet disturbati tar-radju, ħsara fl-apparat tat-telefown tar-radju, direzzjoni inċerta ta' inġenji oħra), iddeċiedi fuq il-passi li jmiss u organizza jew hu l-passi xierqa rigward ix-xogħol ta' manutenzjoni biex tiżgura navigazzjoni sikura;
8	5.1.2	Immaniġġja l-inġenju b'tali mod li tkun tista' tantiċipa l-possibbiltà ta' aċċident u tevita tkagħbir bl-użu għalxejn; verifika frekwenti tal-indikaturi disponibbli;
9	6.1.1	Stabbilixxi komunikazzjoni speċifika mal-membri tal-ekwipaġġ (komunikazzjoni abbord) rigward diversi manuvri u bħala parti mil-laqgħat mal-persunal (pereżempju briefings) jew ma' persuni li magħhom hu meħtieġ li jkun hemm kooperazzjoni (billi tuża n-netwerks ta' komunikazzjoni tar-radju kollha);
10	6.2.2	Ikkomunika mal-persuni kkonċernati (abbord) u ma' atturi oħra (ċentru tat-traffiku tas-settur, inġenji oħra, eċċ.) matul dawn l-attivitajiet skont ir-regolamenti (netwerks, passaġġi fuq l-ilma tul ir-rotta vvaġġata): użu tat-telefown tar-radju, tat-telefown;
11	7.3.3	Indirizza sitwazzjoni ta' emerġenza (li tiġi ssimulata, fejn xieraq – eż. persuna taqa' fl-ilma, inċident ta' ħsara, nar abbord, il-ħruġ ta' sustanzi perikolużi, tnixxijiet) permezz ta' manuvri jew miżuri fil-pront u prudenti tas-salvataġġ u/jew ta' limitazzjoni tal-ħsarat. Innotifika u informa lill-individwi rilevanti u lill-awtoritajiet kompetenti f'każ ta' emerġenza;
12	7.3.4	Ikkomunika mal-persuni kkonċernati f'każ ta' ħsarat (abbord) u ma' atturi oħra (użu tat-telefown tar-radju, tat-telefown) biex il-problemi jkunu jistgħu jiġu solvuti.

2. Rekwiżiti tekniċi għall-inġenji użati għall-eżami prattiku

L-inġenju użat għal eżami prattiku għandu jkun kopert mill-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2017/2397.

V. STANDARDS GĦALL-MODULU ADDIZZJONALI DWAR IS-SUPERVIŻJONI FIL-KUNTEST TAL-EŻAMI PRATTIKU GĦALL-KISBA TA' ĊERTIFIKAT TA' KWALIFIKAZZJONI BĦALA KAPTAN

Il-kandidati li la lesteu programm ta' taħriġ approvat fuq il-bażi tal-istandards tal-kompetenza għal-livell operazzjonali u li lanqas ma għaddeu minn valutazzjoni tal-kompetenza minn awtorità amministrattiva mmirata biex tivverifika li l-istandards tal-kompetenza għal-livell operazzjonali huma ssodisfati, iridu jgħaddu minn dan il-modulu.

Ir-rekwiżiti ta' hawn taħt iridu jiġu ssodisfati b'mod supplimentari għal dawk imsemmija taħt l-istandards għall-eżami prattiku għall-kisba ta' ċertifikat ta' kwalifika bħala kaptan.

1. Kompetenzi speċifiċi u sitwazzjonijiet ta' valutazzjoni

L-eżaminaturi huma liberi li jiddeċiedu dwar il-kontenut tal-elementi tal-eżamijiet individwali. L-eżaminaturi għandhom jittestjaw 20 mill-25 element tal-kategorija I.

L-eżaminaturi għandhom jittestjaw 8 mit-12-il element tal-kategorija II.

L-applikanti jistgħu jiksbu 10 punti f'kull element bħala riżultat massimu.

Għall-kategorija I, l-applikanti jridu jiksbu minimu ta' 7 minn 10 punti f'kull element. Għall-kategorija II, l-applikanti jridu jiksbu punteġġ minimu totali ta' 40 punt.

Nru.	Kompetenzi	Elementi tal-eżami	Kategorija I-II
1	0.1.1	uża materjali disponibbli abbord bħal winċijiet, bollards, ħbula u wajers fid-dawl tal-miżuri rilevanti ta' sikurezza fix-xogħol li jinkludu l-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali u tas-salvataġġ;	I
2	0.1.2	qabbad u aqla' kombinamenti ta' barkuni mbuttati billi tuża t-tagħmir u l-materjali meħtieġa;	I
3	0.1.2	uża t-tagħmir u l-materjali disponibbli abbord għal operazzjonijiet ta' akkoppjar filwaqt li tqis il-miżuri rilevanti ta' sikurezza fix-xogħol li jinkludu l-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali u tas-salvataġġ;	I
4	0.1.3	uri manuvri ta' ankraġġ;	I
5	0.1.3	uża t-tagħmir u l-materjali disponibbli abbord għall-operazzjonijiet ta' ankraġġ filwaqt li tqis il-miżuri ta' sikurezza fix-xogħol inkluż dwar l-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali u tas-salvataġġ;	I
6	0.1.4	issiġilla l-inġenju b'tali mod li ma jidħolx ilma;	I
7	0.1.4	aħdem skont il-lista ta' kontroll fuq il-gverta u fil-postijiet ta' għajxien bħall-protezzjoni kontra l-ilma u l-għeluq tal-bokkaporti u tal-istivi;	I
8	0.1.5	spjega u uri l-proċeduri applikabbli lill-membri tal-ekwipaġġ ta' fuq il-gverta filwaqt li l-inġenju jkun għaddej minn imġhalaq, minn digi u minn taħt pontijiet;	II
9	0.1.6	immaniġġja u mantni s-sistema ta' mmarkar, tas-sinjali u tas-senjalazzjonijiet bil-ħoss ta' binhar u billejl tal-inġenju;	I
10	0.3.3	uża l-metodi għad-determinazzjoni tal-ammont ta' merkanzija mgħobbija jew rilaxxata;	II
11	0.3.3	ikkalkula l-ammont ta' merkanzija likwida bl-użu tas-soundings jew tat-tabelli tat-tank, jew it-tnejn;	II
12	0.4.1	opera u kkontrolla l-makkinarju fil-kamra tal-magni skont il-proċeduri;	I
13	0.4.1	spjega l-funzjoni, l-operat u l-manutenzjoni sikuri tas-sistema tas-sentina u tas-saborra inklużi: ir-rapportar ta' inċidenti assoċjati mal-operazzjonijiet ta' trasferiment u l-ħila li tkejjel u tirrapporta kif suppost il-livelli tat-tank;	II
14	0.4.1	ħejji u ħaddem operazzjonijiet ta' tifi tal-magni wara l-operat;	I
15	0.4.1	ħaddem is-sistemi tas-sentina tal-ippumpjar, tas-saborra u tal-ippumpjar tal-merkanzija;	I
16	0.4.1	uża sistemi idrawliċi u pnevmatiċi;	I
17	0.4.2	uża switchboard;	I
18	0.4.2	uża l-provvista tal-elettriku minn fuq l-art;	I
19	0.4.3	applika proċeduri ta' xogħol sikur fil-manutenzjoni u fit-tiswija ta' magni u ta' tagħmir;	I

Nru.	Kompetenzi	Elementi tal-eżami	Kategorija I-II
20	0.4.5	mantni u hu ħsieb pompi, sistemi ta' pajpijiet, sistemi tas-sentina u tas-saborra;	II
21	0.5.1	naddaf l-ispazji ta' akkomodazzjoni kollha, il-kamra tat-tmunier u żomm l-ambjent kif xieraq b'mod li jirrispetta r-regoli dwar l-iġjene, inkluzar-responsabbiltà għall-ispazju ta' akkomodazzjoni tiegħek stess;	II
22	0.5.1	naddaf il-kmamar tal-magni u l-magni billi tuża l-materjali tat-tindif xierqa;	I
23	0.5.1	naddaf u ppreserva l-partijiet esterni, il-buq u l-gverti tal-inġenjufl-ordni korrett filwaqt li tuża l-materjali xierqa skont ir-regoli ambjentali;	II
24	0.5.1	hu ħsieb l-inġenju u r-rimi tal-iskart domestiku skont ir-regoli ambjentali;	II
25	0.5.2	mantni u hu ħsieb it-tagħmir tekniku kollu skont l-istruzzjonijiet tekniċi u uża l-programmi ta' manutenzjoni (inklużi diġitali);	I
26	0.5.3	uża u stiva il-ħbula u l-wajers skont il-prattiki u r-regoli dwar ix-xogħol sikur;	II
27	0.5.4	iċċomba wajers u ħbula, applika għoqiedi skont l-użu tagħhom u mantni l-wajers u l-ħbula;	I
28	0.6.1	uża t-termini tekniċi u nawtiċi meħtieġa kif ukoll it-termini relatati mal-aspetti soċjali fi frażijiet ta' komunikazzjoni standardizzati;	I
29	0.7.1	ipprevjeni perikli abbord;	I
30	0.7.1	ipprevjeni attivitajiet li jistgħu jkunu perikolużi għall-persunal jew għall-inġenju;	I
31	0.7.2	uża t-tagħmir ta' protezzjoni personali;	I
32	0.7.3	uża l-ħiliet tal-għawm għal operazzjonijiet tas-salvataġġ;	II
33	0.7.3	uża t-tagħmir tas-salvataġġ fil-każ ta' operazzjonijiet tas-salvataġġ u salva u ttrasporta vittma ta' diżgrazzja;	II
34	0.7.4	żomm ir-rotot ta' ħruġ f'emerġenza ħielsa minn ostakli;	II
35	0.7.5	uża s-sistemi u t-tagħmir ta' komunikazzjoni u ta' allarm f'emerġenzi;	I
36	0.7.6, 0.7.7	applika diversi metodi għat-tifi tan-nar u tagħmir għat-tifi tan-nar u installazzjonijiet fissi;	I
37	0.7.8	agħti l-ewwel għajnuna medika.	I

2. Rekwiżiti minimi għall-inġenji li fuqhom ser isir l-eżami prattiku

Inġenju użat għal eżami prattiku għandu jkun kopert mill-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2017/2397.

STANDARDS GĦALL-APPROVAZZJONI TA' SIMULATURI

I. REKWIŻITI TEKNIĊI U FUNZJONALI GĦALL-IMMANIĠĠJAR TAL-BASTIMENTI U GĦAS-SIMULATURI TAR-RADARS FIN-NAVIGAZZJONI FUQ L-ART

Nru	Tema	Livell tal-kwalità tar-rekwiżit tekniku	Proċedura tat-test	Simulatur tal-immaniġġjar tal-bastiment	Simulatur tar-radar
1.	Installazzjoni tar-radar navigazzjonali interna	Tal-anqas installazzjoni tar-radar navigazzjonali interna waħda bl-istess funzjonalitajiet bħal installazzjoni tar-radar navigazzjonali interna b'approvazzjoni tat-tip skont ES-TRIN trid tkun installata fuq is-simulatur.	Irid jiġi vverifikat jekk l-installazzjoni għandhiex l-istess funzjonalitajiet bħall-installazzjoni tar-radar navigazzjonali interna b'approvazzjoni tat-tip.	x	x
2.	Sistema ta' komunikazzjoni	Is-simulatur għandu jkun mgħammar b'sistema ta' komunikazzjoni li tinkludi — link telefonika interna alternattiva u — żewġ sistemi indipendenti ta' komunikazzjoni bir-radju fil-passaġġi fuq l-ilma interni.	Irid jiġi vverifikat jekk is-simulatur huwiex mgħammar b'sistemi ta' komunikazzjoni.	x	x
3.	ECDIS Interna	Tal-anqas ECDIS Interna waħda trid tkun installata fuq is-simulatur.	Irid jiġi vverifikat jekk l-installazzjoni għandhiex l-istess funzjonalitajiet bħall-ECDIS Interna.	x	
4.	Żona tal-eżerċizzji	Iż-żona tal-eżerċizzji fiha tal-anqas xmara rappreżentattiva bi friegħi jew kanali laterali u b'portijiet	Spezzjoni viżwali taż-żona	x	x
5.	Sinjali akustiċi	Is-sinjali akustiċi jistgħu jingħataw bl-użu ta' pedali tas-saqajn jew buttuni.	Irid jiġi vverifikat jekk il-pedali tas-saqajn jew il-buttuni jaħdmux kif suppost.	x	x
6.	Panil tad-dwal għan-navigazzjoni billejl	Hemm panil tad-dwal għan-navigazzjoni billejl installat fuq is-simulatur.	Irid jiġi vverifikat jekk il-panil tad-dwal għan-navigazzjoni billejl jaħdimx kif suppost.	x	x
7.	Mudelli matematiċi għall-inġenju	Tal-anqas tliet mudelli matematiċi ta' tipi rappreżentattivi ta' inġenji b'metodi differenti ta' propulsjoni u ta' kundizzjonijiet ta' tagħbija inkluż inġenju żgħir wieħed li jista' jkun inġenju tal-ġbid wieħed ta' daqs medju (eż. tul ta' 86 m) u inġenju kbir wieħed (eż. tul ta' 110 jew 135 m).	Irid jiġi vverifikat jekk it-tliet mudelli obbligatorji humiex disponibbli.	x	
8.	Mudelli matematiċi għall-inġenju	Tal-anqas mudell matematiku wieħed ta' tip rappreżentattiv ta' inġenju (eż. tul ta' 86 m).	Irid jiġi vverifikat jekk il-mudell obbligatorju huwiex disponibbli.		x
9.	Numru ta' inġenji mira disponibbli (¹)	Is-simulatur għandu jinkludi inġenju mira ta' tal-anqas 5 klassijiet tal-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport (CEMT).	Irid jiġi vverifikat jekk in-numru u l-varjetà meħtieġa tal-inġenju mira humiex disponibbli.	x	x
10.	Stazzjon tal-operatur	L-operatur għandu jkun kapaċi jikkomunika bil-kanali kollha ta' frekwenza għolja ħafna (VHF). L-operatur irid ikun kapaċi jimmonitorja l-użu tal-kanali.	Irid jiġi vverifikat jekk l-operatur jistax jikkomunika bil-kanali tal-VHF kollha u jekk l-operatur jistax jimmonitorja l-użu tal-kanali kollha.	x	x

Nru	Tema	Livell tal-kwalità tar-rekwiżit tekniku	Proċedura tat-test	Simulatur tal-imma-niġġjar tal-bastiment	Simulatur tar-radar
11.	Diversi eżerċizzji	Għandu jkun hemm possibbiltà li jinħolqu, jinħażnu u jitwettqu diversi eżerċizzji, li għandhom ikunu manipulabbli waqt it-tħaddim.	Għandhom jitwettqu operazzjonijiet differenti.	x	x
12.	Eżerċizzji separabbli	Matul l-eżaminar ta' aktar minn applikant wieħed, l-eżerċizzji tal-applikanti m'għandhomx itellfu fl-eżami ta' applikant ieħor.	L-eżerċizzju għandu jerġa' jsir għal kull applikant.	x	x
13.	Il-funzjonijiet u t-tifsila tal-pont tal-in-ġenju	Il-kamra tat-tmunier għandha tkun imfassla għan-navigazzjoni biradar minn persuna waħda kif stipulat fl-ES-TRIN 2017/1.	Irid jiġi vverifikat jekk it-tifsila tal-pont u l-funzjonijiet tat-tagħmir jikkorrispondux għar-rekwiżiti tekniċi applikabbli għall-inġenji tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Irid jiġi vverifikat jekk il-kamra tat-tmunier hijiex imfassla għal operazzjonijiet tat-tmun imwettqa minn persuna waħda.	x	x
14.	Stazzjon tat-tmun (pont/kabina)	L-istazzjonijiet tat-tmun jixbhu lil dawk abbord inġenji interni fir-rigward tal-forma u tad-dimensjonijiet.	Spezzjoni viżwali.	x	x
15.	Stazzjon tal-operatur	1. Għandu jkun hemm kamra separata li fiha l-operatur(i) u l-eżaminatur(i) jistgħu joqogħdu bilqiegħda, fejn l-eżaminatur irid ikun kapaċi jipperċepixxi l-immaġni tar-radar tal-applikant. 2. Il-kamra tat-tmunier u l-ispazju tal-operatur iridu jkunu separati minn xulxin. Għandhom ikunu l-akbar iżolazzjoni akustika possibbli. 3. L-operatur irid ikun kapaċi jopera tal-anqas żewġ kanali tal-VHF fl-istess ħin. 4. L-operatur irid ikun kapaċi jidentifika liema kanal ta' komunikazzjoni bir-radju qed juża l-applikant.	Spezzjoni viżwali tal-istazzjon tal-operatur u kontroll tal-funzjonalità.	x	x
16.	Stazzjon tal-Briefing/tad-Debriefing	Possibbiltà ta' twettiq mill-ġdid fi stazzjon tal-operatur jew tad-debriefing.	L-attivitajiet ta' valutazzjoni jridu jkunu mmonitorjati.	x	x
Inġenju proprju ^(?)					
17.	Gradi ta' libertà	Is-simulatur għandu jkun kapaċi jivviżwalizza l-moviment f'sitt gradi ta' libertà.	Il-gradi ta' libertà implimentati fis-simulatur jistgħu jiġu evalwati bl-osservazzjoni tas-sistema ta' viżwalizzazzjoni jew bl-istrumenti. Għaldaqstant, il-manuvri li ġejjin jitwettqu bl-użu ta' inġenji żgħar li normalment jiċċaqilqu b'mod aktar distintiv u veloċi minn dawk akbar minnhom. — Jekk l-orizzont ikun qed jitbandal meta tħares 'il quddiem matul in-navigazzjoni fliwji, il-moviment tad-dawran jiġi implimentat. — Jekk il-pruwa tal-inġenju titla' u titbaxxa b'aċċelerazzjonijiet lonġitudinali qawwijin, il-moviment tal-piċċ jiġi implimentat. — Jekk id-displej tal-ekosonda jinbidel matul veloċitajiet ogħla f'fond kostanti tal-ilma, il-moviment tat-timwiġ jiġi implimenta. Dan it-test jimplika l-immudellar tal-effett tal-isquat.	x	

Nru	Tema	Livell tal-kwalità tar-rekwiżit tekniku	Proċedura tat-test	Simulatur tal-immagnigjar tal-bastiment	Simulatur tar-radar
18.	Gradi ta' libertà	Is-simulatur għandu jkun kapaċi jissimula l-moviment fi tliet gradi ta' libertà.	Il-gradi ta' libertà implimentati fis-simulatur iridu jiġu evalwati.		x
19.	Sistema ta' propulsjoni	Is-simulazzjoni tal-komponenti kollha tas-sistema ta' propulsjoni titwettaq viċin ir-realtà u tikkunsidra l-influenzi rilevanti kollha.	Is-sistema ta' propulsjoni trid tiġi ttestjata b'manuvri ta' aċċellerazzjoni u ta' waqfien li matulhom tkun tista' tiġi osservata l-prestazzjoni tal-magna (f'termini tar-reazzjoni għat-throttle) u tal-inġenju (f'termini tal-veloċità massima u tal-imġiba relatata mal-ħin).	x	x
20.	Apparati ta' kontroll	L-apparat ta' kontroll iġib ruħu viċin għar-realtà rigward ir-rata tad-dawran tat-tmun u jqiis l-aktar influwenzi importanti.	Biex tiġi ttestjata l-kwalità tas-simulazzjoni tal-apparati ta' kontroll, jistgħu jitwettqu investigazzjonijiet differenti. Il-limitazzjonijiet jingħataw fejn ma jkunx possibbli li tiġi evalwata l-imġiba mingħajr protokoll ta' varjabbli tal-istat. — Reazzjoni: L-apparat ta' kontroll jintuża f'moviment 'il quddiem u b'lura. Tiġi osservata jekk jibdeu iseħħu tibdiliet fid-direzzjoni tal-inġenju. — rata tad-dawran tat-tmun: Jintuża l-apparat ta' kontroll u r-rata tad-dawran tiġi osservata fuq id-displej. Tista' titkejjel jekk ir-rata tkun realistika.	x	x
21.	Effetti tal-ilma baxx	L-effett ta' fond limitat tal-ilma fuq id-domanda għall-potenza u l-imġiba ta' mmanuvrar hu mmudellat b'mod korrett f'termini tal-kwalità.	Huma proposti żewġ tipi ta' testijiet li jippermettu li tiġi ġġudikata l-kwalità rigward il-kunsiderazzjoni tal-influenza tal-ilma baxx: Sewqan dritt' il quddiem: fuq fond li jvarja tal-ilma titkejjel il-veloċità massima miksuba, standardizzata bil-veloċità fuq l-ilma fond u plottjata kontra l-parametru pixka skont il-fond tal-ilma (T/h). It-tqabbil mad- <i>data</i> eżistenti mit-testijiet mudell jagħti informazzjoni dwar il-kwalità tal-influenza tal-ilma baxx fis-simulazzjoni. Ċirku tad-dawran: billi inġenju jitħaddem b'potenza kostanti u f'angolu tat-tmun ta' 20° fuq ilma mingħajr restrizzjonijiet laterali, il-valuri tal-veloċità, tal-angolu tad-deriva, tar-rata tad-dawran u tad-dijametru taċ-ċirku tad-dawran ta' bastiment wieqaf f'manuvra ta' dawran jistgħu jiġu rreġistrati fuq fond tal-ilma mnaqqas b'mod gradwali. L-ipplojtjar ta' din id-data kontra t-T/h jippermetti li jiġi ddeterminat kif l-angolu tad-deriva, ir-rata tad-dawran, il-veloċità u d-dijametru jinbidlu mal-fond tal-ilma.	x	

Nru	Tema	Livell tal-kwalità tar-rekwiżit tekniku	Proċedura tat-test	Simulatur tal-immagnigġjar tal-bastiment	Simulatur tar-radar
22.	Influwenza tal-kurrent	Jeżistu tal-anqas żewġ punti ta' kejl kurrenti fuq l-inġenju biex ikun jista' jiġi kkalkolat il-mument tal-imbardata kurrenti.	Huma ppjanati testijiet biex tiġi vverifikata l-eżistenza tal-karatteristika tal-prestazzjoni u l-kunsiderazzjoni tagħha fis-simulazzjoni: — Inġenju proprju mingħajr propulsjoni jitqiegħed fi xmara bil-kurrent eżistenti. Jiġi osservat jekk l-inġenju jinġarrx mill-kurrent. Barra minn hekk, jiġi vverifikat jekk jiġix aċċellerat sal-veloċità kurrenti. Jekk il-kurrent jimxi fid-direzzjoni tax-xmara, jiġi vverifikat ukoll jekk l-inġenju jdur fitit. — Prova bid-dħul f'port minn xmara bil-kurrent turi kemm is-simulatur jikkalkula b'mod realistiku il-mument tal-imbardata ġġenerat mill-kurrent mhux omoġenu.	x	x
23.	Influwenza tar-riħ	L-influwenza tar-riħ tiġġenera forzi fil-pjan orizzontali skont il-veloċità u d-direzzjoni attwali tar-riħ. Ir-riħ jiġġenera mument tal-imbardata u ta' rrolljar ukoll.	Biex jiġi vverifikat il-livell ta' kwalità tal-influwenza tar-riħ, jistgħu jitwettqu testijiet differenti. Biex dawn l-effetti jkunu jistgħu jiġu individwati faċilment, iridu jintgħażlu veloċitajiet relattivament għoljin tar-riħ. Eżegwixxi t-test kif ġej: wettaq test bir-riħ ġej minn faċċata kif ukoll lateralment b'żewġ veloċitajiet tar-riħ differenti f'żona b'ebda influwenza oħra minbarra r-riħ. Ibda r-riħ u nnota l-imġiba. Waqqaf ir-riħ u erga' nnota l-imġiba. Ibda b'inġenju li ma jkunx qed jiċċaqlaq.	x	
24.	Effett tax-xatt	Il-forza laterali u l-mument tal-imbardata għandhom tendenza li jinbidlu mad-distanza mix-xatt u mal-veloċità b'mod xieraq.	Għall-kontroll tal-effett tax-xatt fis-simulatur, hemm bżonn ta' żona tal-eżerċizzji li tipprowdi xatt jew haġt fuq naħa minnhom. Iridu jsiru t-testijiet li ġejjin: — L-inġenju miexi b'mod parallel mal-ħajt. Jiġi vverifikat jekk il-moviment dritt huwiex affettwat u jekk l-inġenju huwiex attirat lejn il-ħajt u jekk il-pruwa daritx' l hemm minnu. — Id-distanza mix-xatt jew mill-ħajt u l-veloċità tal-inġenju jitbiddlu u jiġi osservat kif jinbidlu l-effetti.	x	
25.	Interazzjoni bejn inġenju u ieħor	L-inġenji jinteraġixxu ma' xulxin u jiġu kkalkolati l-effetti realiċi.	Għal kontroll sħiħ tal-interazzjoni bejn inġenju u ieħor għandu jinbada eżerċizzju b'żewġ inġenji proprji fuq is-simulatur filma mingħajr restrizzjoni laterali. Jekk dan ma jkunx possibbli, it-test jista' jsir ukoll billi jintuża inġenju tat-traffiku bħala l-inġenju l-ieħor. Għal valutazzjoni tajba tar-riżultati, l-inġenju għandu jibda f'protot paralleli f'distanza laterali relattivament żgħira.	x	

Nru	Tema	Livell tal-kwalità tar-rekwiżit tekniku	Proċedura tat-test	Simulatur tal-immagnigjar tal-bastiment	Simulatur tar-radar
			<ul style="list-style-type: none"> — Kemm għall-qlugħ (overtaking) kif ukoll għat-tqarrib (encountering) se jiġi vverifikat kemm l-inġenju proprju juri attrazzjoni u rotazzjoni. — Il-fond tal-ilma jitnaqqas. Għandu jiġi vverifikat jekk l-effetti tal-interazzjoni jiżdidux. — Id-distanza bejn l-inġenji għandha tiżdied biex jinstab jekk l-effetti jonqsux. — Il-veloċità tal-inġenju l-ieħor għandha tiżdied. Ir-relazzjoni funzjonali bejn l-effett ta' inġenju li jaqla' u l-veloċità tat-tqarrib għandhom jiġu vverifikati. 		
26.	Squat	Kemmm il-kalar kif ukoll l-inklinazzjoni lonġitudinali dinamiċi jiġu mmudellati skont il-veloċità, il-fond tal-ilma u l-pixka.	<p>Din il-karatteristika tiġi ttestjata l-aħjar f'żona b'ilma mingħajr restrizzjoni laterali u b'fond kostanti tal-ilma.</p> <ul style="list-style-type: none"> — Sessjoni ta' prova trid turi jekk il-karatteristika "squat" tistax tiġi vverifikata bl-użu tal-ekosondi. — Valuri differenti għad-distanza taħt il-propella fil-pruva u fil-poppa juru jekk l-inġenju jinklinax b'mod lonġitudinali. — B'veloċità li tiżdied tiġi vverifikata r-relazzjoni funzjonali bejn l-isquat (differenza bejn id-distanza taħt il-propella matul il-waqfien u l-moviment) u l-veloċità tal-inġenju. — Jiġi ttestjat jekk l-isquat tiżdiedx f'veloċità kostanti iżda b'fond tal-ilma li jonqos. 	x	
27.	Effett tal-kanali	Kunsiderazzjoni tal-fluss tar-reżistenza tal-kurrent. Il-fluss tar-reżistenza mhuwiex lineari għall-veloċità tal-inġenju.	<p>Il-fluss tar-reżistenza mhuwiex effett fiżiku miġjub fis-simulatur bħala forza reżistenti eżegwita fuq l-inġenju. Biex dan jiġi ttestjat, inġenju jitqiegħed f'kanal dejjaq, l-inġenju jitħaddem b'potenza kostanti. Imbagħad titkejjel il-veloċità. Tiżdied il-potenza u titkejjel il-veloċità. It-test jiġi ripetut filma fil-ftuħ bl-istess potenza kostanti (żewġ livelli) applikata. L-effett mistenni hu:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Il-veloċità fil-kanal dejjaq hi anqas milli fl-ilmijiet fil-ftuħ fl-istess issettjar tal-potenza. — F'issettjar akbar tal-potenza, id-differenza fil-veloċità hi akbar milli f'issettjar tal-potenza anqas. 	x	
28.	Effett tal-magħlaq	F'magħlaq, l-inġenju jesperjenza l-istess effetti bħall-kanal. Il-magħlaq jikkawża effett addizzjonali minħabba fluss ta' spostament ikkawżat mill-inġenju b'fattur ta' mblokkar kbir li jidħol fil-magħlaq (l-effett tal-pistuni).	It-test għall-effett tal-kanal juri l-fluss tar-reżistenza. Dan it-test m'għandux bżonn jiġi ripetut. L-effett tal-pistuni jista' jintwera billi:	x	

Nru	Tema	Livell tal-kwalità tar-rekwiżit tekniku	Proċedura tat-test	Simulatur tal-immaġinarju tal-bastiment	Simulatur tar-radar
			<ul style="list-style-type: none"> — L-inġenju jittieħed fil-magħlaq b'veloċità relattivament għolja. L-inġenju għandu jesperjenza reżistenza addizzjonali ara li jidħol fil-magħlaq (tnaqqis fil-veloċità). Meta titwaqqaf il-propulsjoni, il-forzi tar-riversjar għandhom ikunu għadhom disponibbli u l-inġenju għandu jirriverja ftit. — Ibda fil-magħlaq, issettja l-propulsjoni b'issettjar fiss. L-inġenju jitlaq mill-magħlaq, u jesperjenza forza reżistenti minħabba l-effett tal-pistuni. Wara li jitlaq mill-magħlaq (l-inġenju jħalli l-magħlaq warajh), il-forza reżistenti għandha tieqaf, kif muri minn żieda f'daqqa fil-veloċità li tista' tiġi nnotata. 		
29.	Inkaljar	L-inkaljar inaqqas il-veloċità tal-inġenju, u dan jista' jinstema' iżda mhux f'kull każ iwassal biex l-inġenju jieqaf. L-inkaljar jiġi nnotifikat lill-operatur.	<p>Żona tal-eżerċizzji b'qiegħ regolari li jitla' ftit, ftit hi neċessarja biex isiru verifiki għall-inkaljar. Hawnehk tiġi indirizzata l-eżistenza ta' informazzjoni xierqa dwar il-fond fis-simulatur innifsu u mhux ir-rappreżentazzjoni fis-sistema ta' viżwalizzazzjoni.</p> <p>Meta l-inkaljar isir fuq xtajta, irid jiġi ttestjat jekk l-inġenju verament jiqafx u, jekk iva, jekk jiqafx minnufih jew inaqqas il-veloċità.</p> <p>Matul l-inkaljar, it-tibdil fil-pjan orizzontali tal-inġenju jrid jiġi vverifikat bis-sistema ta' viżwalizzazzjoni.</p> <p>Matul is-sewqan fuq qiegħ ċatt f'ilma baxx ħafna, irid jiġi ttestjat jekk l-inġenju jinkaljax minħabba l-isquat filwaqt li l-veloċità tkompli tiżdied kontinwament.</p> <p>Għal kull okkorrenza ta' inkaljar irid jiġi vverifikat jekk dan l-inċident ikunx akkumpanjat minn ħoss.</p>	x	
30.	Inkaljar Kollizzjoni ingenu-xatt Kollizzjoni ingenu-inġenju Kollizzjoni ingenu-pont	Inkaljar, kollizzjoni ingenu-xatt, ingenu-inġenju, ingenu jew pont jiġu nnotifikati fis-simulazzjoni lill-kandidat u lill-operatur.	Spezzjoni viżwali		x
31.	Kollizzjoni ingenu-xatt	Il-kollizzjonijiet ingenu-xatt jiġu nnotifikati fis-simulazzjoni tal-anqas b'ħoss. Is-simulazzjoni tnaqqas il-veloċità tal-inġenju. Il-kalkolu tal-kollizzjoni jsir billi tintuża forma bidimensjonali (2) tal-inġenju.	Għaż-żoni tal-eżerċizzji b'oġġetti differenti fuq ix-xatt biss tista' tiġi ttestjata s-simulazzjoni ingenu-plajja. Billi jsir tbaħħir kontra oġġetti differenti jkun jista' jiġi ttestjat jekk is-simulatur jistax jindivduwom u jirreaġixxi għalihom.	x	

Nru	Tema	Livell tal-kwalità tar-rekwiżit tekniku	Proċedura tat-test	Simulatur tal-immaġinarju tal-bastiment	Simulatur tar-radar
			<p>Għal oġġetti differenti, għandu jiġi ttestjat jekk hemmx ċerti tipi li għalihom ma sseħħ ebda reazzjoni għall-kollizzjoni.</p> <p>Il-ħoss għall-kollizzjoni jista' jiġi ttestjat bis-sistema tal-awdjo tas-simulatur, jekk tkun disponibbli.</p> <p>L-osservazzjoni tal-kollizzjoni fis-sistema ta' viżwalizzazzjoni turi jekk il-kollizzjoni sseħħx f'daqqa waħda jew jekk tiġix issimulata żona tat-tifrik.</p> <p>Kollizzjoni ma' angolu ċatt b'veloċità baxxa tista' turi jekk tiġix ikkalkulata mbuttatura elastika.</p>		
32.	Kollizzjoni inġenju-inġenju	Il-kollizzjonijiet inġenju-inġenju jiġu nnotifikati fis-simulazzjoni tal-anqas b'ħoss. Is-simulazzjoni tnaqqas il-veloċità tal-inġenju. Il-kalkolu tal-kollizzjoni jsir billi tintuża forma bidimensjonali tal-inġenju.	<p>Taħt il-prekundizzjoni li ma tagħmel ebda differenza għall-inġenju proprju jekk l-inġenju l-ieħor li jkun qed jidħol fil-kollizzjoni miegħu huwiex inġenju proprju ieħor jew inġenju tat-traffiku, jistgħu jitwettqu kollizzjonijiet differenti.</p> <p>Jiġi vverifikat liema reazzjoni sseħħ fis-simulatur matul kollizzjoni inġenju-inġenju għall-inġenju proprju u jekk jistax jiġi nnotat ħoss.</p> <p>Fl-istazzjon tal-istruttur, jiġi vverifikat bi tkabbir suffiċjenti, jekk jintużawx it-truf tal-inġenju għad-detezzjoni tal-kollizzjoni.</p> <p>Jiġi ttestjat, jekk il-kollizzjoni sseħħ eżatt f'dak il-mument, meta t-truf imissu ma' xulxin.</p> <p>Jiġi vverifikat jekk hemmx detezzjoni preċiża tal-kollizzjoni anki għal inġenji varji b'forom differenti.</p>	x	
33.	Kollizzjoni inġenju-pont	Il-kollizzjonijiet inġenju-pont jiġu individwati bl-użu ta' valur statiku tal-għoli (li jikkorrispondi għal kamra tat-tmunier baxxuta, arblu baxxut). Il-kollizzjonijiet jiġu nnotifikati fis-simulazzjoni tal-anqas b'ħoss. Is-simulazzjoni tnaqqas il-veloċità tal-inġenju.	<p>Biex tiġi eżaminata din il-kisba, irid ikun jeżisti pont fiż-żona tal-eżerċizzji u tintuża Ċart Elettronika tan-Navigazzjoni Interna.</p> <p>Jiġi vverifikat jekk matul il-passaġġ ta' pont li ma jkollux distanza biżżejjed isseħħx kollizzjoni u xi jkun l-eżitu għas-simulazzjoni ulterjuri.</p> <p>Jiġi vverifikat jekk huwiex possibbli passaġġ sikur bi tnaqqis suffiċjenti tal-livell tal-ilma jew b'żieda tal-pixka. Dan għandu jiġi vverifikat ukoll fis-sistema ta' viżwalizzazzjoni.</p> <p>Hemm bżonn li jsiru diversi tentattivi biex jiġi vverifikat il-punt ta' kollizzjoni fuq il-bastiment, jekk ikun jeżisti wieħed biss. F'dan il-każ jista' jiġi llokalizzat ukoll jekk il-pont jikkawżax kollizzjoni fil-linja tan-nofs jew fit-truf esterni.</p>	x	

Nru	Tema	Livell tal-kwalità tar-rekwiżit tekniku	Proċedura tat-test	Simulatur tal-immagnigjar tal-bastiment	Simulatur tar-radar
34.	Kamra tat-tmunier li togħla	L-għoli tal-kollizzjoni u l-livell tal-għajnejn għandhom ikunu adattabbli għall-pożizzjoni tal-pont. Għandu jkun disponibbli moviment kontinwu tal-kamra tat-tmunier li togħla.	<p>Prekundizzjoni għall-ittestjar ta' din il-karatteristika tal-prestazzjoni hi d-disponibbiltà ta' ingenu tipiku tal-passaġġ fuq l-ilma intern, eż. ingenu b'tul ta' 110 m.</p> <p>Id-disponibbiltà bażika ta' din il-funzjonalità tista' tiġi vverifikata bil-preżenza ta' apparat operazzjonali għat-tibdil tal-pożizzjoni tal-pont.</p> <p>Il-funzjoni tista' tiġi ttestjata fuq il-pont u għandu jiġi vverifikat jekk jistgħux jintgħażlu pożizzjonijiet arbitrari u jekk il-moviment iseħħx f'daqqa jew b'veloċità realistika.</p> <p>Billi jiġi ppożizzjonat ingenu proprju ieħor fil-viċin, jista' jiġi ttestjat jekk din il-funzjonalità hi disponibbli wkoll għal ingeni oħra fis-sistema ta' viżwalizzazzjoni.</p> <p>Jista' jiġi osservat ukoll jekk id-dwal navigazzjonali u s-sinjali ta' binhar jimxux skont il-moviment tal-kamra tat-tmunier li togħla tat-tieni ingenu proprju fis-sistema ta' viżwalizzazzjoni.</p>	x	
35.	Ħbula	Is-sistema ta' viżwalizzazzjoni għandha turi d-dinamika tal-ingenu kif ukoll tal-ħabel (eż. kemm jintreħa, l-elastiċità, il-piż u t-tqattigħ u l-konnessjonijiet mal-punti tal-bollards).	<p>F'żona tal-eżerċizzji b'ħajt tal-moll, għandu jiġi ttestjat l-irmiegħ b'ħabel.</p> <p>Meta jintuża l-ħabel, għandu jiġi vverifikat jekk il-ħabel jaqbadx ma' ċerti punti tal-bollards.</p> <p>It-tqattigħ ta' ħabel għandu jiġi vverifikat billi jsir tentattiv li l-ingenu jitwaqqaf b'ħabel filwaqt li jkun għaddej b'veloċità sħiħa Ir-reħi tal-ħabel għandu jiġi vverifikat billi jitnaqqsu l-forza u d-distanza.</p>	x	
36.	Ankri	L-ankri jistgħu jiġu ssettjati u jinġibdu lura. Il-fond tal-ilma u d-dinamika tal-katina jiġu kkunsidrati.	<p>F'żona tal-eżerċizzji b'fond tal-ilma ristrett u b'ingenu proprju b'ankra waħda jew b'diversi tkun tista' tiġi eżaminata l-funzjoni tal-ankra. Ikun raġonevoli jekk ikun hemm kurrent kostanti b'veloċità varjabbli disponibbli.</p> <p>L-issettjar u l-għid lura tal-ankra jkunu possibbli biss jekk ikunu jeżistu elementi operazzjonali xierqa. Irid jiġi vverifikat jekk hemmx strumenti li jindikaw it-tul tal-katina.</p> <p>Jiġi vverifikat jekk il-veloċitajiet ivarjawx waqt l-issettjar u l-għid lura. Barra minn hekk, irid jiġi vverifikat ukoll jekk jinstemax ħoss xieraq.</p> <p>B'varjazzjoni tal-fond tal-ilma jrid jiġi vverifikat jekk il-fond tal-ilma għandux influwenza fuq il-funzjoni tal-ankra.</p>	x	

Nru	Tema	Livell tal-kwalità tar-rekwiżit tekniku	Proċedura tat-test	Simulatur tal-immagnigjar tal-bastiment	Simulatur tar-radar
			B'veloċità baxxa tal-kurrent, irid jiġi ttestjat jekk l-inġenju joxxillax u jiqafx kompletament wara l-ankraġġ. B'żieda kontinwa tal-kurrent, irid jiġi ttestjat jekk l-ankra żżommx l-inġenju. Jekk ankra waħda ma żżommx, irid jiġi vverifikat jekk l-inġenju jiqafx b'żewġ ankri meta jintużaw żewġ ankri.		
37.	Irmunkar (operazzjoni bejn żewġ inġenji)	Matul l-irmunkar, jiġu kkunsidrati d-dinamika taż-żewġ inġenji kif ukoll il-konnessjoni tal-ħbula.	Iż-żona tal-eżerċizzji għall-verifika tal-funzjoni tal-irmunkar tista' tkun żona ta' baħar miftuħ. Minbarra l-inġenju proprju li jirmonka jew dak irmunkat, hemm bżonn ta' inġenju ieħor (inġenju proprju jew inġenju tat-traffiku). Il-kundizzjoni bażika għall-irmunkar tista' tiġi ttestjata billi tinħareġ linja tal-irmunkar bejn inġenju proprju u l-inġenju l-ieħor. Jekk dan ma jkunx possibbli, irid jiġi vverifikat jekk tal-anqas jingħatax metodu alternattiv għad-definizzjoni ta' forza li tiġi minn ġibda virtwali. Jiġi vverifikat jekk l-inġenju l-ieħor, użat bħala assistenza għall-irmunkar, jistax jaċċellera l-inġenju proprju rmunkat u jibda wkoll moviment tal-imbardata b'ġibda laterali. Jiġi vverifikat jekk l-inġenju proprju li jirmonka jistax imexxi l-inġenju l-ieħor b'manuvri xierqa u jwaqqfu u jekk l-inġenju l-ieħor jistax jiddawwar ukoll permezz ta' ġibda laterali.	x	

Inġenju tat-traffiku

38.	Kwantità tal-inġenji tat-traffiku	Minimu ta' għaxar inġenji tat-traffiku għandhom ikunu disponibbli.	It-test irid juri jekk il-kwantità meħtieġa tistax tiddaħħal f'eżerċizzju.	x	x
39.	Kontroll tal-inġenji tat-traffiku	L-inġenji tat-traffiku jistgħu jsegwu rotot b'tibdil fir-rotta u fil-veloċità b'mod realistiku.	Id-disponibbiltà tal-funzjonijiet ta' kontroll trid tiġi vverifikata billi jinħoloq eżerċizzju ġdid li jinkludi l-inġenji tat-traffiku.	x	x
40.	Imġiba tal-moviment	Imġiba tal-moviment raġonevolment fluwida.	Tapplika l-proċedura tat-test fuq il-kontroll tal-inġenji tat-traffiku.	x	x
41.	Influwenza tar-riħ	L-inġenju tat-traffiku jirreaġixxi għal riħ partikolari billi juri angolu tad-deriva.	Ir-riħ applikat għal eżerċizzju jrid juri angolu tad-deriva fuq l-inġenju tat-traffiku li jinbidel skont il-veloċità u d-direzzjoni tar-riħ.	x	
42.	Influwenza tal-kurrent	L-inġenju tat-traffiku jirreaġixxi għal kurrent partikolari billi juri angolu tad-deriva.	Il-kurrent applikat għal eżerċizzju jrid juri angolu tad-deriva fuq l-inġenju tat-traffiku li jinbidel skont il-veloċità u d-direzzjoni tal-kurrent.	x	x

Nru	Tema	Livell tal-kwalità tar-rekwiżit tekniku	Proċedura tat-test	Simulatur tal-immaginar tal-bastiment	Simulatur tar-radar
43.	Taqsimha u daqs tal-immagħni	Is-sistema ta' viżwalizzazzjoni tippermetti viżjoni madwar l-orizzont (360 grad). Il-kamp viżwali orizzontali jista' jinkiseb b'viżjoni fissa ta' tal-anqas 210 gradi u viżjoni(jiet) addizzjonali li jistgħu jitbiddu għall-bqija tal-orizzont. Il-viżjoni vertikali tippermetti l-viżwalizzazzjoni 'l isfel sal-ilma u 'l fuq sas-sema hekk kif tkun tidher mill-pożizzjoni regolari tat-tmun fil-kamra tat-tmunier.	Spezzjoni viżwali tas-simulatur imħaddem.	x	
44.	Riżoluzzjoni skont il-frame	Ir-riżoluzzjoni tilħaq ir-riżoluzzjoni tal-għajn tal-bniedem. Ir-rata tal-frames (idealment > 50 fps, li tal-anqas turi stampa ċara realistika) ma turi l-ebda tqabbiż.	Ir-riżoluzzjoni trid tiġi vverifikata bi spezzjoni viżwali.	x	
45.	Detalji ulterjuri u kwalità tad-displej	Il-livell ta' dettall tas-sistema tad-displej tmur lil hinn minn rappreżentazzjoni semplifikata. Din turi viżwalizzazzjoni tajba taż-żona navigazzjonali fiċ-ċirkustanzi kollha.	Il-mudell viżwali jrid jiġi vverifikat bi spezzjoni viżwali.	x	
46.	Superfiċje tal-ilma	Il-mewġ indott mill-inġenju jiddependi mill-veloċità tal-inġenju. Il-fond tal-ilma jiġi kkunsidrat. Il-mewġ indott mir-riħ hu allinjat mad-direzzjoni u mal-veloċità tar-riħ.	L-ispezzjoni viżwali trid turi jekk il-mewġ indott mill-inġenju jinbidilx mal-veloċità tal-inġenju u jekk il-mewġ indott mir-riħ jinbidilx mad-direzzjoni u mal-veloċità tar-riħ.	x	
47.	Xemx, qamar, korpi ċelesti	Ix-xemx u l-qamar isegwu intervall ta' 24 siegħa. Il-pożizzjonijiet ma jikkorrispondux bl-eżatt għall-post u għad-data tas-simulazzjoni. Is-sema ta' billejl jista' jikkonsisti fi stilel arbitrarji.	L-ispezzjoni viżwali trid turi jekk ix-xemx, il-qamar u l-korpi ċelesti f'sitwazzjonijiet ta' binhar, ta' billejl u tal-għabex jistgħux jiġu mmodifikati	x	
48.	Temp	Jiġu rappreżentati saffi ta' sħab għoli wieqaf. Barra minn hekk jistgħu jintwerew xita u ċpar.	L-ispezzjoni viżwali turi l-livell meħtieġ ta' dettall.	x	
49.	Il-ħsejjes ambjentali	Il-ħsejjes tal-magna jiġu riprodotti b'mod realistiku.	Il-ħsejjes tal-magna jridu jiġu ttestjati f'temp u f'kundizzjonijiet tal-baħar kwieti billi jiġu vvalutati l-ħsejjes għall-veloċitajiet kollha tal-magna. Irid jiġi ddeterminat jekk il-ħoss tal-magna jinstemmax u jekk il-livell tal-volum u l-ħoss humiex xierqa.	x	x
50.	Sorsi ta' ħsejjes esterni (eż. ħsejjes ta' magni, sinjali ta' twissija li jinstemgħu u l-ankra).	Sinjali ta' ħoss uniku jinstemgħu b'mod realistiku, iżda ma jistgħux jiġu lokalizzati akustikament.	Bħala l-ewwel pass fil-kamra tat-tmunier tal-inġenju proprju stazzjonarju, is-sinjali akustiċi disponibbli kollha jiġu attivati wieħed wara l-ieħor. Jiġi vvalutat jekk is-sinjali akustiċi humiex realistiki rigward il-livelli tal-ħoss u tal-volum. Bħala t-tieni pass, l-istess sinjali akustiċi jiġu attivati fuq inġenju ieħor, filwaqt li tiġi mmodifikata d-distanza mill-inġenju. Irid jiġi eżaminat jekk il-ħsejjes korretti tas-sinjali u jekk il-livelli tal-volum jinstemgħux kif suppost. L-unitajiet operabbli kollha ta' potenza awżiljarja (eż. l-ankri) fil-kamra tat-tmunier tal-inġenju humiex attivati b'mod separat. Irid jiġi vverifikat jekk l-istatus operazzjonali huwiex perċepibbli akustikament.	x	

Nru	Tema	Livell tal-kwalità tar-rekwiżit tekniku	Proċedura tat-test	Simulatur tal-immaginar tal-bastiment	Simulatur tar-radar
51.	Ħoss estern (sinjali akustiċi)	Is-sinjali akustiċi mill-inġenju mira għandhom ikunu jinstemgħu.	Matul eżerċizzju, għandu jingħata sinjal akustiku minn inġenju mira.		x
52.	Informazzjoni akustika interna	Is-sinjali akustiċi minn apparti pont jinstemgħu b'mod realistiku, iżda jindaqqu minn speakers li jinsabu fuq il-konsol tas-simulatur.	Is-sinjali akustiċi kollha tal-apparati disponibbli kollha tal-kamra tat-tmunier jiġu attivati wieħed wara l-ieħor. Jiġi ttestjat jekk is-sinjali jinħelsux mill-apparati nfishom jew mill-ispeakers tas-simulatur u kemm jinstemgħu realistiċi.	x	
53.	Smigħ	L-operatur kapaċi jismal-ħsejjes kollha mill-kamra tat-tmunier tal-inġenju.	Fi ħdan l-ambitu ta' simulazzjoni, irid jiġi ttestjat jekk il-ħsejjes mill-kamra tat-tmunier tal-inġenju jiġux trażmessi b'mod ċar u li jinftiehem u jekk il-livell tal-volum huwiex aġġustabbli.	x	
54.	Reġistrazzjoni	Il-ħsejjes mill-kamra tat-tmunier tal-inġenju jiġu rreġistrati b'mod sinkroniku mas-simulazzjoni.	Jiġi eżegwit eżerċizzju li jinkludi l-komunikazzjoni bir-radju u l-ħsejjes. Id-daqq mill-ġdid irid juri reġistrazzjoni xierqa li tinstema' li tkun sinkronika mal-bidu mill-ġdid tas-simulazzjoni.	x	
55.	Konformità tar-radar	Il-preċiżjoni angolari għall-pożizzjoni orizzontali għandha tkun konformi mal-Ispeċifikazzjoni Teknika Ewropea (ETSI) EN 302 194. L-effetti relatati mal-angolu tal-ftuħ limitat vertikament huma identifikabbli eż. meta l-inġenju jkun għaddej minn pontijiet.	Konformità "vertikali": simulazzjoni tal-passaġġ tal-pont b'kunsiderazzjoni ta': — l-ġholi tal-antenna fuq is-superfċje tal-ilma bil-pixka kurrenti, — l-angolu ta' radjazzjoni skont il-lobu tar-radar u l-inklinazzjoni lonġitudinali tal-inġenju, — l-ġholi tal-pont bejn il-lat aktar baxx tal-pont u s-superfċje tal-ilma.	x	x
56.	Riżoluzzjoni	Is-simulazzjoni tar-radar għandha toħloq immaġni realistika tar-radar. Is-simulazzjoni tar-radar għandha tissodisfa r-rekwiżiti tal-ETSI EN 302 194 [1].	Riżoluzzjoni xierqa trid tintwera f'distanza ta' 1200 m: żewġ oġġetti b'distanza azzimutali ta' 30 m iridu jiġu identifikati bħala żewġ oġġetti separati. Żewġ oġġetti f'distanza ta' 1200 m fl-istess direzzjoni b'distanza ta' 15-il m bejniethom iridu jiġu identifikati bħala żewġ oġġetti differenti.	x	x
57.	Dellijiet ikkawżati mill-inġenju proprju jew minn inġenji oħra	Id-dellijiet jikkorrispondu għar-relazzjonijiet trigonometriċi, iżda ma jikkunsidrawx tibdiliet fil-pożizzjoni dinamika tal-inġenju.	Id-dellijiet ikkawżati mill-inġenju proprju jridu jiġu ttestjati bl-avviċinament lejn бага u bl-identifikazzjoni tad-distanza meta l-baga tkun moħbija mill-pruwa tal-inġenju. Din id-distanza għandha tkun realistika. Id-dellijiet ikkawżati minn inġenju ieħor iridu jiġu ttestjati billi jitqiegħdu żewġ inġenji fl-istess direzzjoni. Meta inġenju iżgħar jitqiegħed wara inġenju akbar, l-inġenju iżgħar m'għandux ikun jidher fuq id-displej tar-radar.	x	x
58.	Clutter tal-baħar u tax-xita	L-aġġustament tal-filtri u l-effett tagħhom jikkorrispondu għall-kobor tal-apparati approvati reali.	Issir valutazzjoni biex l-filtri jinxteġhlu u jiġu aġġustati.	x	x

Nru	Tema	Livell tal-kwalità tar-rekwiżit tekniku	Proċedura tat-test	Simulatur tal-immagnigġjar tal-bastiment	Simulatur tar-radar
59.	Eki foloz	Jiġu ġġenerati eki foloz. Barra minn hekk, il-frekwenza ta' diversi eki tinbidel mad-distanza b'mod realistiku.	F'eżerċizzju b'diversi inġenji mira, l-eki foloz għandhom ikunu jidhru. Matul it-test, l-osservatur irid jara jkunx hemm interferenza u diversi eki.	x	x
60.	Fond tal-ilma	It-topografija tal-qiegħ hi deskritta f'dettall mill-kontorni batimetriċi u mis-soundings jew fi kwalunkwe forma oħra f'riżoluzzjoni oħra, dment li jkun hemm <i>data</i> disponibbli.	Meta titbahhar iż-żona li trid tiġi spezzjonata, irid jiġi vverifikat jekk is-sounder tal-eku jurix valuri realistiki.	x	
61.	Kurrenti	Il-kurrent jista' jiġi definit b'mod arbitrarju b'tal-anqas kampijiet tal-vettur bidimensjonali (2) b'riżoluzzjoni għolja adattati għad-daqs tal-inġenju u għaż-żona.	L-effett tal-kurrent irid jiġi ttestjat billi inġenju proprju jitħalla jinġarr fuq xmara. L-inġenju għandu jimxi mal-kurrent b'mod realistiku.	x	x
62.	Marea	Id-data dwar il-marea tingħata f'riżoluzzjoni ħarxa spazjali jew temporali, jew it-tnejn li huma.	L-effett tal-marea fuq l-oġġetti li jżommu fil-wiċċ jista' jiġi evalwat billi jiġi ssimulat idealment oġġett żgħir li jżomm fil-wiċċ mingħajr ebda propulsjoni jew forza oħra (eż. mir-riħ jew mill-ħbula). Billi jitbiddel il-ħin tal-ġurnata, jista' jiġi vverifikat jekk il-kurrent tal-marea u l-livell tal-ilma humiex dipendenti mill-ħin u realistiki. Il-livell tal-ilma jista' jiġi analizzat direttament fis-sounder tal-eku, u jista' jiġi rreġistrat għal jum sħiħ li jrid jitqabbel mad- <i>data</i> mkejla jew ikkalkolata.	x	
63.	Riħ	Fluttwazzjonijiet u kampijiet tal-vettur tar-riħ jistgħu jiġu ddefiniti u jippermettu modifika lokali.	Jekk jiġi "installat" anemometru abbord, l-istrument fuq il-pont għandu juri l-veloċità u d-direzzjoni relattivi tar-riħ. Trid tiġi ttestjata l-influwenza tal-kampijiet differenti tar-riħ fuq id-dinamika tal-inġenju.	x	
64.	Mudelli 2D/3D ta' oġġetti stazzjonarji	Is-sostituzzjonijiet 2D tal-oġġetti huma permessi biss għal oġġetti mbiegħda u ma jintgħarfux.	Filwaqt li inġenju jkun miexi fiż-żona ta' simulazzjoni sħiħa li trid tiġi vvalidata, jiġu osservati l-oġġetti fissi. Jista' jinstab f'liema distanza u b'liema mod jitnaqqas il-livell ta' dettall u jekk jintużawx il-mudelli 2D.	x	
65.	Livell ta' dettall ta' oġġetti stazzjonarji	Livell tajjeb ta' dettall jista' juri oġġetti realistiki, għad li s-simplifikazzjonijiet ikunu jistgħu jingħarfu fil-forma u fis-superfiċje.	Iż-żona tat-taħriġ li trid tiġi vvalutata tiġi llowdjata u jiġi ssettjat inġenju proprju. L-ewwel ikun hemm bżonn li jiġi eżaminat jekk humiex identifikati l-oġġetti kollha li huma importanti għan-navigazzjoni. Ix-xenarju jrid jidher realistiku mal-ewwel daqqa t'għajn.	x	
66.	Il-mudelli ta' binhar/billejl ta' oġġetti mobbli	Fid-dlam, kwalunkwe oġġett jista' jiġi illuminat. Sorsi tad-dawl importanti għan-navigazzjoni jistgħu jeħilsu dawl b'karatteristiċi predeterminati.	Iż-żona tat-taħriġ li trid tiġi vvalutata tiġi llowdjata u jiġi ssettjat inġenju proprju. Il-ħin tas-simulazzjoni jiġi ssettjat għal nofsillejl. Irid jiġi ttestjat jekk l-oġġetti kollha importanti għan-navigazzjoni humiex illuminati fis-simulazzjoni bħal fir-realtà. Barra minn hekk irid jiġi ttestjat jekk humiex illuminati oġġetti oħra. Jekk is-softwer tas-simulatur għandu din il-funzjoni, l-istruttur jixgħel u jitfi d-dawl tal-oġġetti fil-mira.	x	

Nru	Tema	Livell tal-kwalità tar-rekwiżit tekniku	Proċedura tat-test	Simulatur tal-immagazzinazzjoni tal-bastiment	Simulatur tar-radar
67.	Mudelli 2D/3D ta' oġġetti mobbli	L-oġġetti bidimensjonali jintużaw biss fl-isfond (distanza kbira) biex bilkemm ikunu jidhru. Inkella jittieħdu mudelli 3D.	Iż-żona tat-taħriġ li trid tiġi vvalutata tiġi llovdjata u jingħażel inġenju proprju. Iż-żona tat-taħriġ tiġi nnavigata kollha kemm hi; fl-istess ħin, l-oġġetti mobbli disponibbli jintużaw, jiġu osservati u evalwati biex jiġi ddeterminat jekk għandhomx superfiċji ċatti li jduru lejn l-osservatur.	x	
68.	Livell ta' dettall	F'każ ta' livell ta' dettall imtejjeb, oġġetti realistiċi jiġu ppreżentati, għad li l-forom u s-superfiċji jidhru b'mod issimplifikat.	Inġenju proprju jitħaddem fi ħdan żona operazzjonali magħżula b'mod arbitrarju. Jintużaw oġġetti li jiċċaqalqu li jistgħu jiġu vvalutati. Dawn għandhom jidhru b'mod realistiku.	x	
69.	L-issettjar tad-dwal u tas-sinjali ta' binhar	Id-dwal u s-sinjali murija jistgħu jinxtegħlu individwalment, jiġifieri d-dwal u s-sinjali kollha jinħażnu b'mod separat fil-bażi ta' data u jiġu ppożizzjonati skont ir-rekwiżiti ta' inġenju reali u skont ir-regolament applikabbli għall-inġenju użat.	Qrib inġenju tat-traffiku jintuża inġenju proprju fi kwalunkwe żona ta' taħriġ. Fl-akbar distanza possibbli, l-operatur jistabbilixxi t-tipi kollha ta' sinjali ta' binhar u d-dwal tat-traffiku abbord l-inġenju tat-traffiku. Jekk is-simulatur jippermetti hekk, jintuża t-tieni inġenju proprju minflok l-inġenju tat-traffiku. Fuq it-tieni inġenju proprju, jiġu ssettjati wkoll it-tipi kollha ta' dawl u ta' sinjali ta' binhar. Fl-istazzjon tat-tmun tal-ewwel inġenju proprju, jiġi vverifikat liema dawl u sinjali ta' binhar huma viżibbli fuq iż-żewġ inġenji l-oħra.	x	
70.	Mudelli ta' binhar/ billejl	Is-sorsi tad-dawl jistgħu jpettu skont ċerti karatteristiċi.	Inġenju proprju jinnaviga fi ħdan żona operazzjonali. Il-ħin tas-simulazzjoni jiġi ssettjat għal 24:00 h. Jintużaw l-oġġetti li jiċċaqalqu kollha li jistgħu jiġu vvalutati. Sa fejn possibbli, l-operatur jixgħel is-sorsi tad-dawl disponibbli kollha li huma installati fl-oġġetti għal spezzjoni viżwali.	x	
71.	Riflettività tar-radar	L-eku fl-istampa tar-radar għandu jkun realistiku u dipendenti mill-angolu tal-viżwalizzazzjoni.	Għandu jiġi vverifikat jekk l-oġġetti li jirriflettu jurux eku realistiku.	x	x
72.	Eki kkawżati mill-mewġ u mill-preċipitazzjoni	L-eki tal-istat tal-baħar jinħażnu għax-xejra tipika tal-mewġ li tkopri wkoll il-medda tal-livelli tal-istat tal-baħar. L-eki tal-preċipitazzjoni jintwerew b'mod realistiku.	L-eki tal-istat tal-baħar iridu jiġu ttestjati billi jiġu introdotti għoli u direzzjonijiet differenti tal-mewġ. L-eki tal-preċipitazzjoni jiġu vverifikati.	x	x
73.	Mewġ	L-istat u d-direzzjoni tal-mewġ tal-baħar jistgħu jiġu aġġustati; l-inġenju jimxi b'mod realistiku.	Irid jiġi ttestjat jekk il-moviment tal-inġenju jvarjax skont l-istat tal-baħar. Id-direzzjonijiet u l-għoli tal-mewġ iridu jkunu viżibbli.	x	
74.	Preċipitazzjoni	Il-kundizzjonijiet kollha tat-temp (restrizzjoni tal-viżibbiltà, preċipitazzjoni bl-eċċezzjoni tad-dawl u tal-formazzjoni tas-sħab) huma disponibbli b'mod li jirriżulta fi stampa koerenti.	Għandha ssir spezzjoni viżwali biex jiġi vverifikat jekk tistax titnaqqas il-viżibbiltà.	x	

Nru	Tema	Livell tal-kwalità tar-rekwiżit tekniku	Proċedura tat-test	Simulatur tal-immaġinarju tal-bastiment	Simulatur tar-radar
75.	Il-wiri taċ-ċart	L-ECDIS Interna fil-modalità tal-informazzjoni trid tissodisfa r-rekwiżiti tal-aktar standard riċenti ppubblikat mill-Unjoni Ewropea jew mill-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni tar-Renu (Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 909/2013 jew l-edizzjoni 2.3 tal-ECDIS Interna tas-CCNR jew l-edizzjoni aġġornata ta' din).	Irid jiġi vverifikat jekk is-software tal-ECDIS huwiex iċċertifikat u jekk tintużax iċ-Ċart Elettronika tan-Navigazzjoni Interna.	x	
76.	Unitajiet ta' kejl	Is-simulatur juża unitajiet għan-navigazzjoni fuq il-passaġġi navigabbli interni Ewropej (km, km/h).	L-unitajiet murija jridu jiġu evalwati.	x	x
77.	Għażliet tal-lingwa	Il-lingwa tal-eżami u/jew l-Ingliż għandhom japplikaw.	Il-lingwa tal-istrumenti trid tiġi vverifikata.	x	x
78.	Kwantità ta' eżerċizzji	Għandu jkun hemm possibbiltà li jinħolqu, jinħażnu u jitwettqu diversi eżerċizzji, li għandhom ikunu manipolabbli waqt it-tħaddim.	Għandhom jitwettqu operazzjonijiet differenti.	x	x
79.	Kwantità ta' inġenji proprji	Għal kull pont jista' jiġi llovdjat inġenju proprju differenti.	Wiri ta' eżerċizzji separati fuq diversi pontijiet (jekk applikabbli).	x	
80.	Data tal-ħżin	Il-valuri kollha tas-simulazzjoni li huma neċessarji biex terġa' ssir is-simulazzjoni, inklużi l-vidjo u l-ħoss tal-prestazzjoni tal-applikant, iridu jinħażnu.	Tinbeda sessjoni tas-simulazzjoni u jsir il-ħżin. Is-simulazzjoni terġa' tiġi llovdjata u rieżaminata biex jiġi ddeterminat jekk id-data rilevanti kollha hix disponibbli mis-sessjoni ta' simulazzjoni rreġistrata.	x	x
81.	ħżin tal-eżami muri	Irid ikun hemm opportunità ta' wiri mill-ġdid fil-kamra tal-operatur jew fi stazzjon ta' debriefing. Il-komunikazzjoni bir-radju għandha tkun tista' tiġi rreġistrata.	L-eżerċizzju għandu jerġa' jintwera.	x	x

(¹) Inġenju mira jkun ikkontrollat bis-sħiħ mis-simulatur u jista' jkollu mġiba ta' ċaqliq ferm aktar sempliċi meta mqabbel mal-inġenju proprju.

(²) Inġenju proprju hu oġġett fis-simulatur li hu kkontrollat bis-sħiħ minn bniedem u li jipprovi rappreżentazzjoni viżwali tax-xenarju.

II. STANDARDS GĦALL-PROĊEDURA AMMINISTRATTIVA GĦALL-APPROVAZZJONI TA' SIMULATURI TAL-KONTROLL TA' BASTIMENT U TA' SIMULATURI TAR-RADAR

I. **Proċedura għall-approvazzjoni tas-simulaturi użati fl-eżamijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 17(3) tad-Direttiva (UE) 2017/2397**

1. L-entità li tuża s-simulaturi biex tivvaluta l-kompetenzi għandha tippreżenta lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru talba għall-approvazzjoni
 - (a) li tispeċifika liema valutazzjoni tal-kompetenza hu awtorizzat għaliha s-simulatur, jiġifieri l-eżami Prattiku għall-kisba ta' ċertifikat ta' kwalifikazzjoni bħala kaptan (simulatur tal-immaniġġjar tal-bastiment) jew eżami Prattiku għall-kisba ta' awtorizzazzjoni speċifika għat-tbaħħir bl-għajnuna tar-radar (simulatur tar-radar), jew it-tnejn li huma;
 - (b) li tindika li s-simulatur jiżgura konformità sħiħa mar-rekwiżiti tekniċi u funzjonali minimi kif imsemmija fl-istandard jew fl-istandards rilevanti għas-simulaturi.
2. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li r-rekwiżiti minimi speċifikati fl-istandard għar-rekwiżiti funzjonali u tekniċi tas-simulaturi jiġu vverifikati skont il-proċedura tat-test għal kull oġġett. Għal dan l-eżerċizzju, l-awtorità għandha tuża esperti indipendenti mill-entità li twettaq il-programm ta' taħriġ. L-esperti għandhom jiddokumentaw il-verifika tal-konformità għal kull oġġett. Jekk il-proċeduri tat-test jikkonfermaw li r-rekwiżiti huma ssodisfati, l-awtorità kompetenti għandha tapprova s-simulatur. L-approvazzjoni għandha tispeċifika għal liema valutazzjoni tal-kompetenza partikolari hu awtorizzat is-simulatur.

II. **Notifika tas-sistema tal-istandards tal-approvazzjoni u tal-kwalità**

1. L-awtorità kompetenti għall-approvazzjoni tas-simulaturi għandha tinnotifika l-approvazzjoni ta' simulatur lill-Kummissjoni Ewropea u lil kwalunkwe organizzazzjoni internazzjonali kkonċernata filwaqt li tal-anqas tindika dawn li ġejjin:
 - (a) valutazzjoni tal-kompetenza li s-simulatur hu awtorizzat għaliha, jiġifieri l-eżami Prattiku għall-kisba ta' ċertifikat tal-kwalifika bħala kaptan (simulatur tal-immaniġġjar tal-bastiment) jew eżami Prattiku għall-kisba ta' awtorizzazzjoni speċifika għat-tbaħħir bl-għajnuna tar-radar (simulatur tar-radar), jew it-tnejn li huma;
 - (b) l-isem tal-operatur tas-simulatur;
 - (c) l-isem tal-programm ta' taħriġ (jekk applikabbli);
 - (d) il-korp li jagħti ċ-ċertifikati ta' kwalifika, l-awtorizzazzjoni speċifika jew iċ-ċertifikati tal-eżami Prattiku;
 - (e) id-data tad-dħul fis-seħħ, tar-revoka jew tas-sospensjoni tal-approvazzjoni tas-simulatur.
2. Għall-fini ta' sistema ta' valutazzjoni u ta' garanzija tal-kwalità msemmija fl-Artikolu 27 tad-Direttiva (UE) 2017/2397, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu t-talbiet speċifikati fit-Taqsima I.1.(a) u d-dokumentazzjoni speċifikata fit-Taqsima I.2.

ANNEX IV

STANDARDS GĦALL-ISTAT MEDIKU

IL-KRITERJI TAL-ISTAT MEDIKU GĦALL-KUNDIZZJONIJET MEDIĊI (IDONEITÀ ĠENERALI, VISTA U SMIGĦ)

Introduzzjoni

L-eżaminatur mediku għandu jiftakar li mhuwiex possibbli li tiġi żviluppata lista komprensiva ta' kriterji tal-idoneità li tkopri l-kundizzjonijiet possibbli kollha u l-varjazzjonijiet kollha fil-preżentazzjoni u fil-pronjożi tagħhom. Il-prinċipji li huma l-bażi tal-approċċ adottat fit-tabella spiss ikunu kapaċi jiġu estrapolati għal kundizzjonijiet mhux koperti minnha. Id-deċizzjonijiet dwar l-idoneità meta jkun hemm kundizzjoni medika jiddependu minn valutazzjoni u minn analiżi kliniċi bil-galbu, u jridu jiġu kkunsidrati l-punti li ġejjin kull meta tittieħed deċizzjoni dwar l-idoneità:

- L-istat mediku, li jinkludi l-idoneità fiżika u psikoloġika, tfisser li wieħed ma jbatix minn xi marda jew diżabbiltà li ma tippermettix lill-persuna li taħdem abbord inġenju ta' navigazzjoni interna tagħmel xi azzjoni minn fost dawn li ġejjin:
 - (a) twettaq il-kompiti meħtieġa biex tħaddem l-inġenju,
 - (b) twettaq id-dmirijiet assenjati f'kull ħin,
 - (c) tipperċepixxi l-ambjent b'mod korrett.
- Il-kundizzjonijiet mediċi elenkati huma eżempji komuni ta' dawk li jistgħu jrendu lill-membri tal-ekwipaġġ mhux idonei. Il-lista tista' tintuża wkoll biex jiġu ddeterminati l-limitazzjonijiet xierqa fuq l-istat mediku. Il-kriterji mogħtija jistgħu jipprovdu biss gwida għat-tobba u m'għandhomx jieħdu post ġudiżżju mediku tajjeb.
- L-implikazzjonijiet għax-xogħol u għall-għajxien fuq l-ilmijiet interni jvarjaw ħafna, skont l-istorja naturali ta' kull kundizzjoni u l-ambitu għat-trattament. L-għarfien dwar il-kundizzjoni u valutazzjoni tal-karatteristiċi tagħha fl-individwu li jkun qed jiġi eżaminat għandhom jintużaw biex tinħareġ deċizzjoni dwar l-istat mediku.
- Meta l-istat mediku ma jkunx jista' jintwera bis-sħiħ, jistgħu jiġu imposti miżuri ta' mitigazzjoni u restrizzjonijiet bil-kundizzjoni ta' sikurezza ekwivalenti tan-navigazzjoni. Ma' dan it-test ġiet miżjuda lista ta' miżuri ta' mitigazzjoni u ta' restrizzjonijiet. Fejn hemm bżonn, isiru referenzi għal dawk il-miżuri ta' mitigazzjoni u r-restrizzjonijiet fid-deskrizzjonijiet tal-kriterji dwar l-istat mediku.

It-tabella hi stabbilita kif ġej:

Kolonna 1: WHO International classification of diseases, l-10 reviżjoni (ICD-10). Il-kodiċijiet huma elenkati bħala għajnuna għall-analiżi u, b'mod partikolari, għall-kumpilazzjoni internazzjonali tad-*data*.

Kolonna 2: L-isem komuni tal-kundizzjoni jew tal-grupp ta' kundizzjonijiet, b'dikjarazzjoni qasira fuq ir-rilevanza tagħhom għall-ħidma fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni.

Kolonna 3: Il-kriterji dwar l-istat mediku li wasslu għad-deċizzjoni: inkompatibbiltà.

Kolonna 4: Il-kriterji dwar l-istat mediku li wasslu għad-deċizzjoni: ħila li l-persuna twettaq id-dmirijiet assenjati f'kull ħin.

Hemm żewġ appendiċijiet:

Appendiċi 1 Kriterji rilevanti għall-vista kif imfissra fil-kodiċi dijanjostiku H 0059

Appendiċi 2 Kriterji rilevanti għas-smiġh kif imfissra fil-kodiċi dijanjostiku H 68-95.

ICD 10 Kodiċijiet dijanjostiċi	Kundizzjoni Ġustifikazzjoni għall-kriterji	Inkompatibbiltà biex il-persuna twettaq id-dmirijiet assenjati f'kull ħin — mistennija tkun temporanja (T) — mistennija tkun permanenti (P)	Ħila li l-persuna twettaq id-dmirijiet assenjati f'kull ħin
A 00–B99	INFEZZJONIJET		
A 00 – 09	Infezzjoni gastrointestinali <i>Trażmissjoni lil oħrajn, rikorrenza</i>	T – Jekk individwata waqt li fuq l-art (sintomi kurrenti jew riżultati tat-testijiet pendenti fuq l-istatus tal-portatur) jew l-istatus ta' portatur ikkonfermat sakemm tintwera l-eliminazzjoni	Ebda sintomu li jaffettwa x-xogħol sikur

ICD 10 Kodiċijiet dijanjoſtċi	Kundizzjoni Ġustifikazzjoni għall-kriterji	Inkompatibbiltà biex il-persuna twettaq id-dmirijiet assenjati f'kull ħin — mistennija tkun temporanja (T) — mistennija tkun permanenti (P)	Ħila li l-persuna twettaq id- dmirijiet assenjati f'kull ħin
A 15–16	TB Pulmonari <i>Trażmissjoni lil oħrajn, rikorrenza</i>	T – Test ta' skrinjar pożittiv jew storja klinika, sakemm tiġi investigata. Jekk il-persuna hi infettata, sakemm jistabbilizza t-trattament u jiġi kkonfermat nuqqas ta' infettività P – Rikaduta jew ħsara residwa serja	Tlestija b'suċċess ta' kors tat-trattament
A 50-64	Infezzjonijiet trażmissibbli sesswalment <i>Indeboliment akut, rikorrenza</i>	T – Jekk individwati waqt li fuq l-art: sakemm tiġi kkonfermata d-dijanjożi, it-trattament jinbeda u jitlesti b'suċċess kors tat-trattament. P – Kumplikazzjonijiet tard mhux trattabbli li jwasslu għal insuffiċjenza	Ebda sintomu li jaffettwa x-xogħol sikur
B 15	Epatite A <i>Trażmissibbli b'kontaminazzjoni tal-ikel jew tal-ilma</i>	T – Sakemm titlaq is-suffejra jew tiġi restawrata t-tolleranza għall-eżerċizzju	Ebda sintomu li jaffettwa x-xogħol sikur
B 16–19	Epatite B. <i>Trażmissibbli b'kontatt mad-demem jew ma' fluwidi oħra tal-ġisem. Possibbiltà ta' insuffiċjenza permanenti tal-fwied u ta' kanċer tal-fwied</i>	T – Sakemm titlaq is-suffejra jew tiġi restawrata t-tolleranza għall-eżerċizzju P – Insuffiċjenza persistenti tal-fwied b'sintomi li jaffettwaw ix-xogħol sikur jew bi probabbiltà ta' kumplikazzjonijiet	Ebda sintomu li jaffettwa x-xogħol sikur. Persuna meqjusa idonea b'limitazzjoni ta' żmien ta' massimu ta' sentejn
	<i>Epatite Ċ Trażmissibbli b'kontatt mad-demem jew ma' fluwidi oħra tal-ġisem. Possibbiltà ta' insuffiċjenza permanenti tal-fwied</i>	T – Sakemm titlaq is-suffejra jew tiġi restawrata t-tolleranza għall-eżerċizzju P – Insuffiċjenza persistenti tal-fwied b'sintomi li jaffettwaw ix-xogħol sikur jew bi probabbiltà ta' kumplikazzjonijiet	Ebda sintomu li jaffettwa x-xogħol sikur
B 20-24	HIV+ <i>Trażmissibbli b'kontatt mad-demem jew ma' fluwidi oħra tal-ġisem. Progressjoni għal mardiet assoċjati mal-HIV jew għall-AIDS</i>	T – Għarfien tajjeb dwar il-kundizzjoni u konformità sħiħa mar-rakkomandazzjonijiet tat-trattament P – Mardiet mhux riversibbli assoċjati mal-HIV li jwasslu għal insuffiċjenza. Effetti kontinwi ta' insuffiċjenza tal-mediċina	Ebda sintomu li jaffettwa x-xogħol sikur. Persuna meqjusa idonea b'limitazzjoni ta' żmien ta' massimu ta' sentejn
A 00–B 99 mhux elenkati b'mod separat	Infezzjoni oħra Insuffiċjenza personali, infezzjoni ta' oħrajn	T –Fil-każ ta' infezzjoni serja u ta' riskju serju ta' trażmissjoni P – Jekk hemm probabbiltà kontinwa ta' rikkorrenzi li jgħolqu insuffiċjenzi jew infettivi ripetuti	Ebda sintomu li jaffettwa x-xogħol sikur
C00–48	KANĊERS		
C 00–48	Neoplażmi malinni – inklużi linfoma, lewkemija u kundizzjonijiet relatati <i>Rikorrenza – kumplikazzjonijiet partikolarment akuti, eż. ħsara għall-persuna mill-emoraġġiji</i>	T – Sakemm jiġu investigati, ittrattati u tiġi vvalutata l-pronjożi P – Insuffiċjenza kontinwa b'sintomi li jaffettwaw ix-xogħol sikur jew bi probabbiltà għolja ta' rikorrenza	Ebda sintomu li jaffettwa x-xogħol sikur Trid tiġi kkonfermata b'valutazzjoni formali minn speċjalist

ICD 10 Kodiċijiet dijanostiċi	Kundizzjoni Ġustifikazzjoni għall-kriterji	Inkompatibbiltà biex il-persuna twettaq id-dmirijiet assenjati f'kull ħin — mistennija tkun temporanja (T) — mistennija tkun permanenti (P)	Ħila li l-persuna twettaq id- dmirijiet assenjati f'kull ħin
D 50-89			
DISTURBI TAD-DEMME			
D 50 -59	Anemija/Emoglobina- opati Tolleranza mnaqqsa għall-eżerċizzju. Anomaliji episodici ta' ċelloli ħomor	T – Sakemm l-emoglobina tiġi normali jew stabbli P – Anemija rikorrenti jew kontinwi severi jew sintomi ta' insuffiċjenza minn tkissir ta' ċelloli ħomor li mhumiex trattabbli	Ebda sintomu li jaffettwa x-xogħol sikur
D 73	Splenettomija (storja ta' kirurġija) Suxxettibbiltà akbar għal ċerti infezzjonijiet	T – Sakemm jittejjera t-trattament kliniku u tiġi restawrata t-tolleranza għall-eżerċizzju	Ebda sintomu li jaffettwa x-xogħol sikur
D 50 -89 mhux elenkati b'mod separat	Mardiet oħra tad-demmu u organi li jiffurmaw id-demmu Varji – rikorrenza ta' emoraġġi anormali u possibbilment anki tolleranza anqas għall-eżerċizzju jew reżistenza baxxa għall-infezzjonijiet	T – Waqt li l-marda tkun għadha qed tiġi investigata P – Disturbi ta' koagulazzjoni kronika	Valutazzjoni ta' każ b'każ
E 00-90			
ENDOKRINALI U METABOLIŻMU			
E 10	Dijabete – bl-użu tal-insulina Insuffiċjenza akuta mill-ipoqliċemija. Kumplikazzjonijiet minn telf ta' kontroll fuq il-glukożju fid-demmu. Probabbiltà akbar ta' problemi viżwali, newroloġiċi u kardijaċi	T – Jekk nuqqas ta': 1. kontroll tajjeb; 2. konformità mat-trattament jew 3. għarfien dwar l-ipogliċemija P – Jekk ikkontrollat b'mod inadegwat jew mhux b'mod konformi mat-trattament. Storja ta' ipogliċemija jew telf ta' għarfien dwar l-ipogliċemija. Kumplikazzjonijiet tad-dijabete li jwasslu għal insuffiċjenzi	Valutazzjoni ta' każ b'każ b'limitu massimu ta' żmien ta' 5 snin. Jekk hemm evidenza ta' kontroll tajjeb, konformità sħiħa mar-rakkomandazzjonijiet tat-trattament u għarfien tajjeb dwar l-ipogliċemija. Tista' tkun indikata r-restrizzjoni 04***
E 11-14	Dijabete – mhux ittrattat bl-insulina. Qed tintuża mediċina oħra Progressjoni għall-użu tal-insulina, probabbiltà akbar ta' problemi viżwali, newroloġiċi u kardijaċi	T – Jekk nuqqas ta': 1. kontroll tajjeb, 2. konformità mat-trattament jew 3. għarfien dwar l-ipogliċemija	Meta stabilizzat, fin-nuqqas ta' kumplikazzjonijiet li jwasslu għal insuffiċjenza: persuna meqjusa idonea b'limitazzjoni ta' żmien ta' massimu ta' 5 snin
	Dijabete – mingħajr insulina; ittrattat bid-dieta biss Progressjoni għall-użu tal-insulina, probabbiltà akbar ta' problemi viżwali, newroloġiċi u kardijaċi	T – Jekk nuqqas ta': 1. kontroll tajjeb, 2. konformità mat-trattament jew 3. għarfien dwar l-ipogliċemija	Meta stabilizzat, fin-nuqqas ta' kumplikazzjonijiet li jwasslu għal insuffiċjenza: persuna meqjusa idonea b'limitazzjoni ta' żmien ta' massimu ta' 5 snin

ICD 10 Kodiċijiet dijanjoſtiċi	Kundizzjoni Ġustifikazzjoni għall-kriterji	Inkompatibbiltà biex il-persuna twettaq id-dmirijiet assenjati f'kull ħin — mistennija tkun temporanja (T) — mistennija tkun permanenti (P)	Ħila li l-persuna twettaq id- dmirijiet assenjati f'kull ħin
E 65-68	Obeżità/massa anormali tal-ġisem - għolja jew baxxa <i>Accident fuq il-persuna u mobilità u tolleranza għall-eżerċizzju mnaqqs għal dmirijiet ta' rutina u ta' emerġenza. Probabbiltà akbar ta' dijabete, ta' mard arterjali u ta' artrite</i>	T – Jekk ma jistgħux jitwettqu dmirijiet kritiċi, il-kapaċità jew il-prestazzjoni tat-test tal-eżerċizzju hi batuta, l-Indiċi tal-Massa tal-Ġisem (BMI) ≥ 40 (livell 3 ta' obeżità) P – Dmirijiet kritiċi għas-sikurezza ma jistgħux jitwettqu; kapaċità jew prestazzjoni tat-test tal-eżerċizzju hi batuta u t-titjib ma setax jinkiseb	Ħila li jinkisbu kapaċitajiet ta' rutina u ta' emerġenza għal dmirijiet assenjati kritiċi għas-sikurezza. Jistgħu jkunu indikati r-restrizzjonijiet 07*** jew/u 09***
E 00-90 mhux elenkati b'mod separati	Mard endokrinali u metaboliku ieħor (tirojde, mard adrenali inkluża l-marda Addison, pitwitarja, ovarji, testikoli) <i>Probabbiltà ta' rikorrenza jew ta' kumplikazzjonijiet</i>	T – Sakemm jiġi investigat, kontroll tajjeb u konformità mat-trattament. Sa sena wara d-dijanjożi inizjali jew rikaduta li fiha seħħ rieżami regolari P – Jekk ikun hemm insuffiċjenza kontinwa, hteġa ta' aġġustament frekwenti tal-mediċina jew probabbiltà akbar ta' kumplikazzjonijiet kbar	Valutazzjoni ta' każ b'każ: jekk il-mediċina hi stabbli u s-sorveljanza tal-kundizzjonijiet hi infrekwenti, ebda insuffiċjenza u probabbiltà baxxa ħafna ta' kumplikazzjonijiet
F 00–99 DISTURBI MENTALI, KONJITTIVI U TAL-IMGĪBA			
F10	Abbuż tal-alkoħol (dipendenza) <i>Rikorrenza, aċċidenti, imġiba erratika/prestazzjoni tas-sikurezza</i>	T – Sakemm jiġi investigat, kontroll tajjeb u konformità mat-trattament. Sa sena wara d-dijanjożi inizjali jew rikaduta li fiha seħħ rieżami regolari P – Jekk persistenti jew hemm komorbidità, probabbiltà ta' progressjoni jew ta' rikorrenza fuq ix-xogħol	Għal tliet snin konsekuttivi: il-persuna titqies idonea b'limitazzjoni ta' żmien ta' sena, bir-restrizzjonijiet 04*** u 05***. Wara: il-persuna titqies idonea għal perjodu ta' tliet snin bir-restrizzjonijiet 04*** u 05***. Wara: il-persuna titqies idonea għal perjodi konsekuttivi ta' sentejn, tliet snin u ħames snin, mingħajr rikaduta u mingħajr komorbidità, jekk test tad-demmi fi tmiem kull perjodu ma juri ebda problema
F 11-19	Dipendenza fuq id-droga/abbuż persistenti tas-sustanzi , jinkludu kemm użu ta' drogi illeċiti u dipendenza fuq mediċini bir-riċetta <i>Rikorrenza, aċċidenti, imġiba erratika/prestazzjoni tas-sikurezza</i>	T – Sakemm jiġi investigat, kontroll tajjeb u konformità mat-trattament. Sa sena wara d-dijanjożi inizjali jew rikaduta li fiha seħħ rieżami regolari P – Jekk persistenti jew hemm komorbidità, probabbiltà ta' progressjoni jew ta' rikorrenza fuq ix-xogħol	Għal tliet snin konsekuttivi: il-persuna titqies idonea b'limitazzjoni ta' żmien ta' sena, bir-restrizzjonijiet 04*** u 05***. Wara: il-persuna titqies idonea għal perjodu ta' tliet snin bir-restrizzjonijiet 04*** u 05***. Wara: il-persuna titqies idonea għal perjodi konsekuttivi ta' sentejn, tliet snin u ħames snin, mingħajr rikaduta u mingħajr komorbidità, jekk test tad-demmi fi tmiem kull perjodu ma juri ebda problema

ICD 10 Kodiċijiet dijanjoſtiċi	Kundizzjoni Ġustifikazzjoni għall-kriterji	Inkompatibbiltà biex il-persuna twettaq id-dmirijiet assenjati f'kull ħin — mistennija tkun temporanja (T) — mistennija tkun permanenti (P)	Ħila li l-persuna twettaq id- dmirijiet assenjati f'kull ħin
F 20-31	Psikożi (akuta) –kemm jekk organika, skizofrenika jew kategorija oħra elenkata fl-ICD. Rikorrenza Bipolari (disturbi dipressivi maniċi) li twassal għal tibdiliet fil-perċezzjoni/konjizzjoni, aċċidenti, imġiba erratika u mhux sikura	Wara episodju wieħed b'fatturi provokanti: T – Sakemm jiġi investigat, kontroll tajjeb u konformità mat-trattament. Sa tliet xhur wara d-dijanjożi inizjali	Jekk il-membri tal-ekwipaġġ ta' fuq il-gverta jkollu għarfien, ikun konformi mat-trattament u ma jkollu ebda effett avvers mill-mediċina: il-persuna titqies idonea bir-restrizzjoni 04***. Tista' tkun indikata r-restrizzjoni 05***. Il-persuna titqies idonea mingħajr restrizzjoni: sena wara l-episodju dment li l-fatturi provokanti jistgħu u dejjem se jiġu evitati Limitazzjoni taż-żmien: l-ewwel sentejn, sitt xhur. Il-ħames snin segwenti, sena
		Wara episodju wieħed mingħajr fatturi provokanti jew aktar minn episodju wieħed b'fatturi provokanti jew mingħajr: T – Sakemm jiġi investigat, kontroll tajjeb u konformità mat-trattament. Sa sentejn mill-aħħar episodju. P – Aktar minn episodju wieħed jew probabbiltà kontinwa ta' rikorrenza. Il-kriterji għall-idoneità b'restrizzjonijiet jew mingħajr mhumiex issodisfati	Jekk ma kien hemm ebda rikaduta u ebda użu tal-mediċina għal perjodu ta' sentejn: il-persuna titqies idonea, jekk speċjalist mediku jkun iddetermina li l-kawża tkun tista' tiġi identifikata b'mod mingħajr ekwivoċi bħala waħda li tkun tranzżenti u li rikaduta tkun improbabbli ħafna
F 32-38	Disturbi tal-burdata/affettivi. Stat ta' ansjetà serja, dipressjoni, jew kwalunkwe disturb mentali ieħor li aktarx li jindeboli l-prestazzjoni Rikorrenza, prestazzjoni mnaqqa, speċjalment f'emerġenzi	T – Filwaqt li akuti, taħt investigazzjoni jew jekk sintomi li jwasslu għal insuffiċjenza jew effetti sekondarji tal-mediċina jkunu preżenti. P – Sintomi persistenti jew rikorrenti li jwasslu għal insuffiċjenza	Wara rkupru sħiħ u wara kunsiderazzjoni bis-sħiħ tal-każ individwali. Valutazzjoni bħala idonea tista' tiġi indikata skont il-karatteristiċi u l-gravità tad-disturb fl-imġiba. Limitazzjoni taż-żmien: l-ewwel sentejn, sitt xhur. Jistgħu jkunu indikati r-restrizzjonijiet 04*** u/jew 07***. Il-ħames snin segwenti, sena
	Disturbi tal-burdata/affettivi. Sintomi minuri jew reattivi tal-ansjetà/tad-dipressjoni. Rikorrenza, prestazzjoni mnaqqa, speċjalment f'emerġenzi	T – Sakemm il-persuna tkun ħielsa minn sintomi, u ħielsa mill-mediċina P – Sintomi persistenti jew rikorrenti li jwasslu għal insuffiċjenza	Jekk ħielsa minn sintomi li jwasslu għal insuffiċjenza jew minn effetti sekondarji mill-mediċina li jwasslu għal insuffiċjenza. Jistgħu jkunu indikati r-restrizzjonijiet 04*** u/jew 07***.
F 00-99 mhux elenkati b'mod separat	Disturbi oħra eż. disturbi tal-personalità, tal-attenzjoni (ADHD), tal-iżvilupp (eż. awtiżmu) Indeboliment tal-prestazzjoni u tal-affidabbiltà, u l-impat fuq ir-relazzjonijiet	P – Jekk jitqiesu li għandhom konsegwenzi kritiċi għas-sikurezza	Ebda effett avvers antiċipat waqt li fuq ix-xogħol. Inċidenti matul perjodi ta' servizz preċedenti. Jistgħu jkunu indikati r-restrizzjonijiet 04*** u/jew 07***

ICD 10 Kodiċijiet dijanostiċi	Kundizzjoni Ġustifikazzjoni għall-kriterji	Inkompatibbiltà biex il-persuna twettaq id-dmirijiet assenjati f'kull ħin — mistennija tkun temporanja (T) — mistennija tkun permanenti (P)	Ħila li l-persuna twettaq id- dmirijiet assenjati f'kull ħin
G 00–99	MARD TAS-SISTEMA NERVUŻA		
G 40-41	Puplesija waħda <i>Ħsara lill-inġenju, għal oh- rajn u għall-persuna stess mill-puplesiji</i>	Puplesija waħda T – Waqt li taħt investigazzjoni u għal sena wara l-puplesija	Sena wara l-puplesija u fuq medi- ċina stabbli: il-persuna titqies idonea bir-res- trizzjoni 04*** Il-persuna titqies idonea mingħajr restrizzjonijiet: sena wara l-puple- sija u sena wara li jintemm it-trat- tament
	Epilessija – ebda fattur provokanti (<i>diversi puple- siji</i>) <i>Ħsara lill-inġenju, għal oħrajn u għall-persuna stess mill-puplesiji</i>	T – Waqt li taħt investigazzjoni u għal sentejn wara l-aħħar puplesija P – Puplesiji rikorrenti, mhux ikkontrol- lati bil-mediċina	Mediċina mwaqqfa jew b'mediċi- na stabbli b'konformità tajba: il-persuna titqies idonea bir-res- trizzjoni 04*** Il-persuna titqies idonea mingħajr restrizzjonijiet meta tkun ħielsa minn puplesiji u mingħajr mediċi- na għal tal-anqas għaxar snin
	Epilessija – provokata minn alkoħol, mediċina, korriment fir-ras (<i>diversi puplesiji</i>) <i>Ħsara lill-inġenju, għal oħrajn u għall-persuna stess mill-pu- plesiji</i>	T – Waqt li taħt investigazzjoni u għal sentejn wara l-aħħar puplesija P – Attakki rikorrenti, mhux ikkontrollati bil-mediċina	Mediċina mwaqqfa jew b'mediċi- na stabbli b'konformità tajba: il-persuna titqies idonea bir-res- trizzjoni 04*** Il-persuna titqies idonea mingħajr restrizzjonijiet meta tkun ħielsa minn puplesiji u mingħajr mediċi- na għal tal-anqas ħames snin
G 43	Emikranja (<i>attakki spissi li jikkawżaw inkapaċità</i>) <i>Pro- babbiltà ta' rikorrenzi li jwasslu għal diżabbiltà</i>	P – Attakki frekwenti li jwasslu għal in- kapaċità	Ebda effett avvers inkapaċitanti antiċipat waqt li fuq ix-xogħol. Ebda inċident matul perjodi ta' servizz preċedenti
G 47	Apnea tal-irqad <i>Għeja u episodji ta' rqad waqt ix-xogħol</i>	T – Sakemm jinbenda t-trattament u dan jirnexxi għal tliet xhur P – It-trattament ma jirnexxi jew ma tinżammx konformità miegħu	Ladarba t-trattament jaħdem b'mod effettiv u pprovat għal tliet xhur. Valutazzjonijiet tal-konfor- mità fuq sitt xhur. Tista' tkun indikata r-restrizzjoni 05***
	Narkolessija <i>Għeja u episodji ta' rqad waqt ix-xogħol</i>	T – Sakemm ikkontrollata bit-trattament għal tal-anqas sentejn P – It-trattament ma jirnexxi jew ma tinżammx konformità miegħu	Jekk speċjalist jikkonferma kon- troll sħiħ tat-trattament għal tal- anqas sentejn: il-persuna titqies idonea bir-restrizzjoni 04***
G 00–99 mhux elenka- ti b'mod sepa- rat	Mard organiku ieħor tas- sistema nervuża <i>eż. sklerożi multipla, mar- da ta' Parkinson. Rikorren- za/progressjoni. Limitazzjoni fuq is-saħħa muskolari, il-bi- lanċ, il-koordinazzjoni u l- mobilità</i>	T – Sakemm jiġi investigat, kontroll tajjeb u konformità mat-trattament P – Jekk il-limitazzjonijiet jaffettwaw ix- xogħol sikur jew mhux kapaċi jiġu sso- disfati r-rekwiżiti tal-kapaċità fiżika	Valutazzjoni każ b'każ fuq il-bażi tar-rekwiżiti tal-impjeg u ta' emerġenza, informata minn pariri speċjalisti newroloġiċi-psikjatriċi

ICD 10 Kodiċijiet dijanjoſtiċi	Kundizzjoni Ġustifikazzjoni għall-kriterji	Inkompatibbiltà biex il-persuna twettaq id-dmirijiet assenjati f'kull ħin — mistennija tkun temporanja (T) — mistennija tkun permanenti (P)	Ħila li l-persuna twettaq id- dmirijiet assenjati f'kull ħin
R 55	Sinkope u disturbi oħra tal-kuxjenza <i>Rikorrenza li tik-kawża korriment jew telf ta' kontroll</i>	T – Sakemm investigati biex tiġi ddeterminata l-kawża u jintwera kontroll ta' kwalunkwe kundizzjoni sottostanti. L-avveniment hu:	
		(a) Sempliċi ħass ħażin/sinkope idjopatika	Valutazzjoni ta' każ b'każ. Tista' tkun indikata r-restrizzjoni 04***
		b) Mhux sempliċi ħass ħażin/sinkope idjopatika. Disturb mhux spjegat: mhux rikorrenti u mingħajr ebda kawża kardijaka, metabolika jew newroloġika sottostanti individwata T – Erba' ġimgħat	Valutazzjoni ta' każ b'każ. Tista' tkun indikata r-restrizzjoni 04***.
		(c) Disturb: rikorrenti jew b'kawża kardijaka, metabolika jew newroloġika sottostanti T – B'kawża sottostanti possibbli li mhix identifikata jew trattabbli: għal sitt xhur wara l-avveniment jekk ma sseħħ ebda rikorrenza T – B'kawża sottostanti possibbli jew kawża misjuba u trattata għal xahar wara t-trattament li jirnexxi	
		(d) Disturb tal-kuxjenza b'karatteristiċi li jindikaw puplesija. Mur għal G 40-41 P – Għal dawk kollha ta' minkejja investigazzjoni sħiħa u trattament xieraq hawn fuq, jekk jipersistu inċidenti rikorrenti	
T 90	Kirurġija/korriment intrakranjali , inkluż trattament ta' anomaliji vaskulari jew ta' korriment serju taras bi ħsara fil-moħħ. <i>Ħsara lill-bastiment, għal oħrajn u għall-persuna stess mill-puplesiji. Difetti fil-funzjoni konjittiva, sensorja jew motorja. Rikorrenza jew kumplikazzjonijiet ta' kundizzjoni sottostanti</i>	T – Għal sena jew aktar sakemm il-probabbiltà ta' puplesija tkun baxxa* fuq il-bażi tal-parir ta' speċjalist P – Insuffiċjenza kontinwa minn kundizzjoni jew korriment sottostanti jew minn puplesiji rikorrenti	Wara tal-anqas sena, jekk il-probabbiltà ta' puplesija hi baxxa* u ebda insuffiċjenza mill-kundizzjoni jew mill-korriment sottostanti: il-persuna titqies idonea bir-restrizzjoni 04*** Il-persuna titqies idonea mingħajr restrizzjoni meta ebda insuffiċjenza mill-kundizzjoni jew mill-korriment sottostanti, u ma tkunx qed tuża mediċina antiepilettika. Probabbiltà ta' puplesija baxxa ħafna*

ICD 10 Kodiċijiet dijanjoſtiċi	Kundizzjoni Ġustifikazzjoni għall-kriterji	Inkompatibbiltà biex il-persuna twettaq id-dmirijiet assenjati f'kull ħin — mistennija tkun temporanja (T) — mistennija tkun permanenti (P)	Ħila li l-persuna twettaq id- dmirijiet assenjati f'kull ħin
H00-99 MARDIET TAL-GĦAJNEJN U TAL-WIDNEJN			
H00-59	Disturbi fl-għajnejn: progressivi jew rikorrenti eż. glawkoma, makulopatija, retinopatija dijabetika, retinite pigmentosa, keratokonus, diplopija, blefarospazmi, uveitie, ulċerazzjoni korneali, distakkament retinali) <i>Inabilità futura li jiġu ssodisfati l-kriterji dwar il-vista, riskju ta' rikorrenza</i>	T – Inabilità temporanja li jiġu ssodisfati l-kriterji rilevanti dwar il-vista (ara l-Appendiċi 1) u probabbiltà baxxa ta' deterjorament sussegwenti jew ta' rikorrenza li twassal għal insuffiċjenza ladarba jiġu ttrattati jew irkuprati P – Inabilità li jiġu ssodisfati l-kriterji rilevanti dwar il-vista (ara l-Appendiċi 1) jew jekk ittrattati probabbiltà akbar ta' deterjorament sussegwenti jew ta' rikorrenza li twassal għal insuffiċjenza	Probabbiltà baxxa ħafna ta' rikorrenza. Progressjoni għal livell li fih il-kriterji dwar il-viżjoni ma jkunux issodisfati matul il-perjodu taċ-ċertifikat tkun improbabbli ħafna
H65-67	Otite – esterna jew medja Rikorrenza, riskju bħala sors ta' infezzjoni f'min jimmanipula l-ikel, problemi bl-użu tal-protezzjoni tas-smiġh	T – Jekk is-sintomi jaffettwaw ix-xogħol sikur P – Jekk ikun hemm tnixxija kronika mill-widna f'persuna li timmanipula l-ikel	Trattament effettiv u ebda probabbiltà ta' rikorrenza
H68-95	Disturbi fil-widnejn: progressivi (eż. otosklerozzi)	T – Inabilità temporanja li jiġu ssodisfati l-kriterji rilevanti dwar is-smiġh (ara l-Appendiċi 2) u probabbiltà baxxa ta' deterjorament sussegwenti jew ta' rikorrenza li twassal għal insuffiċjenza ladarba jiġu ttrattati jew irkuprati P – Inabilità li jiġu ssodisfati l-kriterji rilevanti dwar is-smiġh (ara l-Appendiċi 2) jew jekk ittrattati probabbiltà akbar jew deterjorament sussegwenti jew ta' rikorrenza li twassal għal insuffiċjenza	Rata ta' rikorrenza baxxa ħafna*. Progressjoni għal livell li fih il-kriterji dwar is-smiġh ma jkunux issodisfati matul il-perjodu taċ-ċertifikat tkun improbabbli ħafna
H81	Il-marda ta' Meniere u forom oħra ta' vertigo kroniku jew diżabilitanti rikorrenti <i>Inabilità ta' żamma tal-bilanċ li tikkawża telf tal-mobilità u nawsjia</i>	T – Matul fażi akuta P – Attakki frekwenti li jwasslu għal inkapaċità	Probabbiltà baxxa* ta' effetti li jwasslu għal insuffiċjenza waqt ix-xogħol

ICD 10 Kodiċijiet dijanjoſtiċi	Kundizzjoni Ġustifikazzjoni għall-kriterji	Inkompatibbiltà biex il-persuna twettaq id-dmirijiet assenjati f'kull ħin — mistennija tkun temporanja (T) — mistennija tkun permanenti (P)	Ħila li l-persuna twettaq id- dmirijiet assenjati f'kull ħin
I00-99 SISTEMA KARDJOVASKULARI			
I 05-08 I 34-39	Marda konġenitali u tal-valvi tal-qalb (inkluża kirurġija għal dawn il-kundizzjonijiet). Murmurs tal-qalb mhux investigati fl-imgħoddi <i>Probabbiltà ta' progressjoni, limitazzjonijiet fl-eżerċizzju</i>	T – Sakemm investigata u, jekk ikun hemm b'żonn, ittrattata b'suċċess P – Jekk it-tolleranza għall-eżerċizzju hi limitata jew iseħħu episodji ta' inkapaċità jew jekk qed jintużaw antikoagulanti jew jekk hemm probabbiltà għolja permanenti ta' avveniment li jwassal għal inkapaċitazzjoni	Valutazzjoni każ b'każ fuq il-bażi tal-parir kardjoloġiku
I 10-15	Ipertensjoni Probabbiltà akbar ta' marda tal-qalb iskemika, ta' ħsara fl-għajnejn u fil-kliewi u ta' attakk ta' puplesija. Possibbiltà ta' episodju ipertensiv akut	T – Normalment jekk > 160 sistolika jew > 100 diastolika mm Hg sakemm tiġi investigata u jekk ikun hemm b'żonn ittrattata b'suċċess P – Jekk persistentement > 160 sistolika jew > 100 diastolika mm Hg bi trattament jew mingħajr	Jekk ittrattata u ħielsa minn effetti li jwasslu għal insuffiċjenza minħabba l-kundizzjoni jew il-mediċina
I 20-25	Avveniment kardijaku , jiġifieri infart mijokardjali, evidenza mill-ECG ta' infart mijokardjali fl-imgħoddi jew imblokkar tar-ramifikazzjoni tal-faxxiklu tax-xellug rikonoxxut ġdid, anġina, arrest kardijaku, trapjant tal-bypass tal-arterja koronarja, anġoplastija koronarja <i>Telf f'daqqa waħda tal-kapaċità, limitazzjoni tal-eżerċizzju. Problemi ta' ġestjoni ta' avveniment kardijaku ripetut fuq ix-xoġhol</i>	T – Għal tliet xhur wara l-investigazzjoni inizjali u t-trattament, itwal jekk is-sintomi ma jiqfux u f'każ ta' probabbiltà akbar ta' rikorrenza minħabba sejbiet patoloġiċi P – Jekk il-kriterji għall-ħruġ taċ-ċertifikat ma jkunux issodisfati u tnaqqis ulterjuri tal-probabbiltà ta' rikorrenza jkun improbabbli	Rata ta' rikorrenza baxxa ħafna* u konformi bis-siħ mar-rakkomandazzjonijiet dwar it-tnaqqis tar-riskju u ebda problema rilevanti ta' komorbidità ċertifikat ta' sitt xhur għall-ewwel u mbagħad ċertifikat annwali. Rata ta' rikorrenza baxxa*: il-persuna titqies idonea bir-restrizzjoni 04*** Persuna meqjusa idonea b'limitazzjoni ta' żmien ta' sena
I 44-49	Arritmiji kardijaċi u difetti konduttivi (inklużi dawk b'pacemakers u b'defibrillaturi kardjoverter impjantati (ICD)) <i>Probabbiltà ta' insuffiċjenza minħabba rikorrenza, nuqqas ta' kapaċità f'daqqa waħda, limitazzjoni tal-eżerċizzju</i> <i>Attività tal-pacemaker/ICD tista' tkun affettwata minn kampijiet elettriċi qawwijin</i>	T – Sakemm investigati, ittrattati u tiġi kkonfermata l-adegwatezza tat-trattament P – Jekk hemm sintomi diżabilitanti preżenti jew probabbiltà eċċessiva ta' insuffiċjenza minn rikorrenza, inkluż impjant tal-ICD	Rata ta' rikorrenza baxxa*: il-persuna titqies idonea bir-restrizzjoni 04*** Persuna meqjusa idonea b'limitazzjoni ta' żmien ta' sena

ICD 10 Kodiċijiet dijanjoſtiċi	Kundizzjoni Ġustifikazzjoni għall-kriterji	Inkompatibbiltà biex il-persuna twettaq id-dmirijiet assenjati f'kull ħin — mistennija tkun temporanja (T) — mistennija tkun permanenti (P)	Ħila li l-persuna twettaq id- dmirijiet assenjati f'kull ħin
I 61-69 G 46	Marda ċerebrovaskulari iskemika (attakk ta' puple-sija jew attakk iskemiku tranżjenti) <i>Probabbiltà akbar ta' rikorrenza, telf f'daqqa waħda ta' kapaċità, limitazzjoni tal-mobilità. Suxxettibbli li l-persuna tiżviluppa marda ċirkulatorja oħra li tikkawża telf f'daqqa ta' kapaċità</i>	T – Sakemm jiġi investigat, kontroll tajjeb u konformità mat-trattament. Sa tliet xhur wara d-dijanjożi inizjali P – Jekk sintomi residwi jinterferixxu mad-dmirijiet jew hemm probabbiltà eċċessiva sinifikanti ta' rikorrenza	Valutazzjoni każ b'każ tal-idoneità għat-twettiq tad-dmirijiet; hi indikata r-restrizzjoni 04***. Il-valutazzjoni għandha tinkludi l-probabbiltà ta' avvenimenti kardijaċi futuri. Ħila li l-persuna twettaq id-dmirijiet ta' rutina u ta' emerġenza għal dmirijiet assenjati kritiċi għas-sikurezza Persuna titqies idonea b'limitazzjoni ta' żmien ta' sena
I 73	Arterjali – klawdikazzjoni Probabbiltà ta' marda ċirkulatorja oħra li tikkawża telf f'daqqa ta' kapaċità. Limiti għall-kapaċità ta' eżerċizzju	T – Sakemm tiġi vvalutata P – Jekk il-persuna tkun inkapaċi biex twettaq id-dmirijiet	Il-persuna titqies idonea bir-restrizzjoni 04*** dment li s-sintomi jkunu minuri u ma jtellfux fid-dmirijiet essenzjali jew jekk jiġu solvuti b'kirurġija jew bi trattament ieħor. Ivaluta l-probabbiltà ta' avvenimenti kardijaċi futuri. Persuna meqjusa idonea b'limitazzjoni ta' żmien ta' sena
183	Vini varikużi Possibbiltà ta' emoraġġiji jekk il-persuna tkorri, tibdiliet fil-ġilda u ulċerazzjoni	T – Sakemm ittrattati jekk ikun hemm sintomi li jwasslu għal insuffiċjenza. Wara l-kirurġija sa saħar	Ebda sintomu jew kumplikazzjoni li jwasslu għal insuffiċjenza
I 80.2-3	Trombożi fil-vini profondi/ embolus pulmonari Probabbiltà ta' rikorrenza u ta' embolus pulmonari serju. Probabbiltà ta' fsad minn trattament antikoagulanti	T – Sakemm investigati u ttrattati u normalment waqt li jintużaw antikoagulanti għal terminu qasir P – Kunsiderazzjoni ta' jekk iseħħux avvenimenti rikorrenti jew hux qed jintużaw antikoagulanti permanenti	Il-persuna tista' titqies idonea għax-xogħol bi probabbiltà baxxa ta' korrimment ladarba tiġi stabbilizzata bl-antikoagulanti b'monitoraġġ regolari tal-livell ta' koagulazzjoni
I 00-99 mhux elenkati b'mod separat	Marda oħra tal-qalb , eż. kardjomijopatija, perikardite, falliment tal-qalb <i>Probabbiltà ta' rikorrenza, telf f'daqqa waħda ta' kapaċità, limitazzjoni tal-eżerċizzju</i>	T – Sakemm investigati, ittrattati u tiġi kkonfermata l-adegwatezza tat-trattament P – Jekk hemm sintomi li jwasslu għal insuffiċjenza jew probabbiltà ta' insuffiċjenza mir-rikorrenza	Valutazzjoni każ b'każ fuq il-bażi tar-rapporti tal-ispeċjalist
J 00-99 SISTEMA RESPIRATORJA			
J 02-04 J 30-39	Kundizzjonijiet tal-immieher, tal-griżmejn u tas-sinus Li jwasslu għal insuffiċjenza għall-individwu. Trażmissjoni ta' infezzjoni fl-ikel/lil ekwipaġġ ieħor f'ċerti kundizzjonijiet	T – Sakemm ma jifdal ebda sintomu li jaffettwa x-xogħol sikur P – Jekk iwasslu għal insuffiċjenza u rikorrenti	Meta jitlestha t-trattament jekk ma jeżisti l-ebda fattur li jippreddisponi r-rikorrenza

ICD 10 Kodiċijiet dijanostiċi	Kundizzjoni Ġustifikazzjoni għall-kriterji	Inkompatibbiltà biex il-persuna twettaq id-dmirijiet assenjati f'kull ħin — mistennija tkun temporanja (T) — mistennija tkun permanenti (P)	Ħila li l-persuna twettaq id- dmirijiet assenjati f'kull ħin
J 40-44	Bronkite kronika u/jew enfiema <i>Tolleranza mnaqqsa għall-eżerċizzju u sintomi li jwasslu għal insuffiċjenza</i>	T – Jekk episodju akut P – Jekk rikorrenzi serji ripetuti jew jekk l-istandards ġenerali tal-idoneità ma jistgħux jiġu ssodisfati jew jekk qtugħ ta' nifs li jwassal għal insuffiċjenza	Kunsiderazzjoni tal-idoneità għal emerġenzi. Ħila li jinkisbu kapaċitajiet ta' rutina u ta' emerġenza għal dmirijiet assenjati kritiċi għas-sikurezza. Persuna meqjusa idonea b'limitazzjoni ta' żmien ta' sena
J 45-46	Ażma (valutazzjoni dettaljata b'informazzjoni mill-ispeċjalist għall-persuni kollha li jidhru ġodda) <i>Episodji imprevedibbli ta' qtugħ sever ta' nifs</i>	T – Sakemm jiġi solvut l-episodju, tiġi investigata l-kawża (inkluża kwalunkwe rabta okkupazzjonali) u jkun hemm reġim tat-trattament effettiv fis-seħħ F'persuna taħt 1-20 sena b'ammissjoni fi sptar jew b'użu ta' steroidi orali fl-aħħar tliet snin P – Jekk probabbiltà prevedibbli ta' attakk ażmatiku rapidu ta' theddida għall-ħajja waqt li fuq ix-xogħol; jew storja ta' ażma mhux ikkontrollata, jiġifieri storja ta' diversi ammissjonijiet l-isptar	Il-persuna titqies idonea għax-xogħol jekk għandha storja ta' ażma fl-età adulta**, b'kontroll tajjeb b'inalaturi u ebda episodju li ma kien jeħtieġ ammissjoni l-isptar jew użu ta' steroidi orali fl-aħħar sentejn jew storja jew ażma indotta mill-eżerċizzju li teħtieġ trattament regolari
J 93	Pnewmoraċi (spontanja jew trawmatika) <i>Indeboliment akut minn rikorrenza</i>	T – Normalment għal 12-il xahar wara l-episodju inizjali P – Wara episodji rikorrenti sakemm issir plewrettomija jew plewrodesi	Normalment 12-il xahar wara episodju jew durata iqsar kif rakkomandat mill-ispeċjalist
K 00–99	SISTEMA DIĠESTIVA		
K 01-06	Saħħa orali <i>Ugħiħ akut minn ugħiħ fis-snien. Infezzjonijiet rikorrenti fil-ħalq u fil-ħanek</i>	T – Sakemm ma jifdal ebda sintomu li jaffettwa x-xogħol sikur	Jekk is-snien u l-ħanek (il-ħanek waħedhom ta' persuni mingħajr snien u b'dentaturi li joqogħdu tajjeb f'kundizzjoni tajba) jidhru li huma tajbin. Ebda prosteżi kumplessa; jew jekk sar kontroll dentali fl-aħħar sena, b'segwitu mwettaq u ebda problema minn dak iż-żmien
K 25-28	Ulċera peptika <i>Rikorrenza b'ugħiħ, emoraġġiji jew perforazzjoni</i>	T – Sal-fejtan jew il-kura b'kirurġija jew b'kontroll ta' elikobatterji u b'dieta normali għal tliet xhur P – Jekk l-ulċera tippersisti minkejja kirurġija u mediċina	Meta kkurata u b'dieta normali għal tliet xhur
K 40-41	Ernji – ingwinali u femorali <i>Probabbiltà ta' strangulazzjoni</i>	T – Sakemm jiġu investigati biex tiġi kkonfermata ebda probabbiltà ta' strangulazzjoni u, jekk ikun hemm bżonn, ittrattati	Meta ttrattati b'mod sodisfaċenti jew meta l-kirurgu jirrapporta li ma hemm ebda probabbiltà ta' strangulazzjoni

ICD 10 Kodiċijiet dijanjoſtiċi	Kundizzjoni Ġustifikazzjoni għall-kriterji	Inkompatibbiltà biex il-persuna twettaq id-dmirijiet assenjati f'kull ħin — mistennija tkun temporanja (T) — mistennija tkun permanenti (P)	Ħila li l-persuna twettaq id- dmirijiet assenjati f'kull ħin
K 42-43	Ernji – umbilikali, ventrali <i>Instabbiltà fil-ħajt tal-addome ma' tgħawwiġ u ma' rfiġh</i>	Valutazzjoni każ b'każ skont is-severità tas-sintomi jew tal-insuffiċjenza. Kunsiderazzjoni tal-implikazzjonijiet ta' sforz fiżiku regolari u qawwi tal-ġisem kollu kemm hu	Valutazzjoni każ b'każ skont is-severità tas-sintomi jew tal-insuffiċjenza. Kunsiderazzjoni tal-implikazzjonijiet ta' sforz fiżiku regolari u qawwi tal-ġisem kollu kemm hu
K 44	Ernji – diaframmatiċi (hiatus) <i>Rifluss tal-kontenut tal-istonku u aċidu li jikkawża ħruq ta' stonku, eċċ.</i>	Valutazzjoni każ b'każ fuq il-bażi tas-severità tas-sintomi meta l-persuna timtedd u fuq il-bażi ta' kwalunkwe disturb tal-irqad ikkawżat minnhom	Valutazzjoni każ b'każ fuq il-bażi tas-severità tas-sintomi meta l-persuna timtedd u fuq il-bażi ta' kwalunkwe disturb tal-irqad ikkawżat minnhom
K 50, 51,57,58, 90	Enterite mhux infettiva, kolite, il-marda ta' Crohn, divertikulite, eċċ. <i>Insuffiċjenza u wġiġh</i>	T – Sakemm tiġi investigata u ttrattata P – Jekk severa jew rikorrenti	Valutazzjoni ta' każ b'każ minn speċjalist. Probabbiltà baxxa ta' rikorrenza
K 60 I 84	Kundizzjonijiet anali: morliti (emorrojdi), fis-suri, fistuli Probabbiltà ta' episodju li jikkawża wġiġh u jillimita l-attività	T – Jekk is-sintomi jaffettwaw ix-xogħol sikur P – Kunsiderazzjoni jekk mhux trattabbli jew rikorrenti	Valutazzjoni ta' każ b'każ
K 70, 72	Ċirrożi tal-fwied <i>Falliment tal-fwied. Variċi esofagali li jnixxu d-demem</i>	T – Sakemm tiġi investigata bis-sħiħ. P – Jekk severa jew ikkumplikata minn axxiti jew minn variċi esofagali	Każ b'każ fuq il-bażi ta' valutazzjoni minn speċjalist. Persuna meqjusa idonea b'limitazzjoni ta' żmien ta' sena.
K 80-83	Marda fl-apparat biljari <i>Kolika biljari minn ġebel fil-marrara, suffeġra, falliment tal-fwied</i>	T – Kolika biljari sakemm tiġi ttrattata b'mod definittiv P – Marda tal-fwied avanzata, sintomi rikorrenti jew persistenti li jwasslu għal insuffiċjenza	Valutazzjoni ta' każ b'każ minn speċjalist. Feġġa f'daqqa ta' kolika biljari tkun improbabbli
K 85-86	Pankreatite Probabbiltà ta' rikorrenza	T – Sakemm tiġi solvuta P – Jekk rikorrenti jew relatata mal-alkoħol, sakemm tiġi kkonfermata l-assenza	Valutazzjoni każ b'każ fuq il-bażi tar-rapporti tal-ispeċjalist
Y 83	Stoma (ileostomija, kolostomija) <i>Insuffiċjenza jekk jintilef il-kontroll – ħtieġa ta' boroż eċċ. Problemi potenzjali matul emerġenza fit-tul</i>	T – Sakemm jiġi investigat, kontroll tajjeb u konformità mat-trattament. P – Ikkontrollata b'mod inadegwat	Valutazzjoni ta' każ b'każ
N 00–99	KUNDIZZJONIJIET ĠENITOURINARJI		
N 00, N 17	Nefrite akuta <i>Falliment tal-kliwi, ipertensjoni</i>	P – Sakemm tiġi solvuta	Valutazzjoni każ b'każ jekk hemm xi effett residwu
N 03–05, N 18-19	Nefrite jew nefrożi subakuta jew kronika <i>Falliment tal-kliwi ipertensjoni</i>	T – Sakemm tiġi investigata	Valutazzjoni każ b'każ minn speċjalist fuq il-bażi tal-funzjoni renali u l-probabbiltà ta' kumplikazzjonijiet

ICD 10 Kodiċijiet dijanjoſtiċi	Kundizzjoni Ġustifikazzjoni għall-kriterji	Inkompatibbiltà biex il-persuna twettaq id-dmirijiet assenjati f'kull ħin — mistennija tkun temporanja (T) — mistennija tkun permanenti (P)	Ħila li l-persuna twettaq id- dmirijiet assenjati f'kull ħin
N 20-23	Ġebbla fil-kliewi renali jew ureterika <i>Ugħigh minn kolika renali</i>	T – Sakemm tiġi investigata biex tiġi kkonfermata ebda probabbiltà ta' sintomi li jaffettwaw ix-xogħol sikur P – F'diversi każijiet ta' formazzjoni rikor- renti ta' ġebel	Valutazzjoni ta' każ b'każ
N 33, N40	Tkabbir tal-prostata/os- truzzjoni urinaria <i>Żamma akuta tal-awrina</i>	T – Sakemm tiġi investigata u ttrattata P – Jekk mhux rimedjabbli	Valutazzjoni ta' każ b'każ
N 70-98	Kundizzjonijiet ġineko- loġiċi – Ħafna emoraġġiji vaġinali, ugħigh menstru- wali serju, endometrijożi, prolassi tal-organi ġenitali jew <i>Insuffiċjenza oħra minn ugħigh jew minn emoraġġiji</i>	T – Jekk iwasslu għal insuffiċjenza jew meħtieġa investigazzjoni biex tiġi dde- terminata l-kawża u tiġi rrimedjata	Valutazzjoni każ b'każ ta' jekk il- kundizzjoni aktarx li se tkun teh- tieġ trattament matul il-vjaġġ jew taffettwax il-kapaċità tax-xogħol
R 31, 80, 81, 82	Proteinurja, ematurja, glikosurja , jew anormalità urinaria oħra <i>Indikatur ta' mard tal-kliewi jew mard ieħor</i>	T – Jekk is-sejbiet inizjali huma klinika- ment sinifikanti P – Kawża sottostanti serja u mhux rimed- jabbli – eż. insuffiċjenza tal-funzjoni tal- kliewi	Probabbiltà baxxa ħafna ta' kund- izzjoni sottostanti serja
Z 90.5	Tneħħija ta' kilwa jew kilwa waħda li ma taħdimx <i>Limiti għar-regolamentazzjoni tal- fluwidi f'kundizzjonijiet es- tremi jekk il-kilwa li jifdal ma tkunx taħdem bis-sħiħ</i>	P – Kwalunkwe tnaqqis fil-funzjoni fil- kilwa li jifdal f'membru tal-ekwipaġġ ġdid ta' fuq il-gverta. Disfunzjoni sinifikanti fil-kilwa li jifdal ta' membru tal-ekwipaġġ ta' fuq il-gverta li jservi	Il-kilwa li jifdal trid tkun funzjo- nali għalkollox u ma twassalx għal marda progressiva, fuq il-bażi tal- investigazzjonijiet renali u tar- rapport tal-ispeċjalist
O 00–99	TQALA		
O 00–99	Tqala <i>Kumplikazzjonijiet, li- mitazzjonijiet tard fil-mobili- tà. Potenzjal għall-ħsara u għall-wild fil-każ ta' ħlas prematuro fuq ix-xogħol</i>	T – Deċiżjoni biex tinżamm konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali Anormalità ta' tqala li teħtieġ livell għoli ta' sorveljanza	Tqala mhux kumplikata b'ebda effett li jwassal għal insuffiċjenza: Deċiżjonijiet biex tinżamm kon- formità mal-prattika u mal-leġiż- lazzjoni nazzjonali
L00–99	ĠILDA		
L 00–08	Infezzjonijiet tal-ġilda <i>Ri- korrenza, trażmissjoni lil oh- rajn</i>	T – Jekk is-sintomi jaffettwaw ix-xogħol sikur P – Kunsiderazzjoni għal membri tal-ekwipaġġ ta' fuq il-gverta bi problemi rikorrenti	Fuq il-bażi tan-natura u tas-seve- rità tal-infezzjoni
L10–99	Mardiet oħra tal-ġilda , eż. ekżema, dermatite, psoriasi Rikorrenza, kultant kawża okkupazzjonali	T – Jekk is-sintomi jaffettwaw ix-xogħol sikur	Deċiżjoni ta' każ b'każ, ristretta kif xieraq jekk aggravata bis-sħana, jew sustanzi fuq ix-xogħol

ICD 10 Kodiċijiet dijanjoſtiċi	Kundizzjoni Ġustifikazzjoni għall-kriterji	Inkompatibbiltà biex il-persuna twettaq id-dmirijiet assenjati f'kull ħin — mistennija tkun temporanja (T) — mistennija tkun permanenti (P)	Ħila li l-persuna twettaq id- dmirijiet assenjati f'kull ħin
M00–99 DISTURBI MUSKOLOSKELETALI			
M 10–23	Osteoartrite , mard ieħor tal-ġogi u bdil sussegwenti tal-ġogi Uġiġħ u limitazzjoni tal-mobilità li jaffettwaw it-twertiq ta' dmirijiet normali jew ta' emerġenza. Possibbiltà ta' infezzjoni jew ta' żlugar u ħajja limitata tal-ġogi mibdula	T – Irkupru sħiħ tal-funzjoni u konferma b'valutazzjoni formali ta' speċjalist meħtieġa qabel ir-ritorn għax-xoġhol wara bdil tal-ġenb tal-koxxa jew tal-irkoppa P – Għal każijiet avvanzati u severi	Valutazzjoni ta' każ b'każ. Ħila li jitwettqu bis-sħiħ ir-rekwiżiti tad-dmirijiet ta' rutina u ta' emerġenza bi probabbiltà baxxa ħafna ta' ggravar b'tali mod li d-dmirijiet ma jkunux jistgħu jitwettqu
M 24.4	Instabbiltà rikorrenti tal-ġogi tal-ispalla jew tal-irkoppa <i>Limitazzjoni f'daqqa tal-mobilità, bl-uġiġħ</i>	T – Sa rkupru u stabbiltà suffiċjenti tal-funzjoni tal-ġogi	Valutazzjoni każ b'każ tal-instabbiltà okkażjonali
M 54.5	Uġiġħ fid-dahar Uġiġħ u limitazzjoni tal-mobilità li jaffettwaw it-twertiq ta' dmirijiet normali jew ta' emerġenza. Iggravar tal-insuffiċjenza	T – Fi stadju akut P – Jekk rikorrenti jew iwassal għal inkapaċità	Valutazzjoni ta' każ b'każ
Y 83.4 Z 97.1	Prosteżi tad-dirġħajn u tar-riġlejn <i>Limitazzjoni tal-mobilità li jaffettwaw it-twertiq ta' dmirijiet normali jew ta' emerġenza</i>	P – Jekk dmirijiet essenzzjali ma jistgħux jitwettqu	Jekk dmirijiet ta' rutina u ta' emerġenza jistgħu jitwettqu, limitazzjonijiet speċifiċi għal attivitajiet mhux essenzzjali huma permessi. Tista' tkun indikata r-restrizzjoni 03***
ĠENERALI			
R 47, F 80	Disturbi fil-komunikazzjoni bil-kliem Limitazzjonijiet tal-ħila ta' komunikazzjoni	P - Inkompatibbli ma' prestazzjoni affidabbli ta' dmirijiet ta' rutina u ta' emerġenza b'mod sikur jew effettiv	Ebda indeboliment fil-komunikazzjoni essenzzjali bil-kliem
T 78 Z 88	Allerġiji (għajr dermatite allerġika u ażma) <i>Probabbiltà ta' rikorrenza u severità li tiżdied tar-rispons. Ħila mnaqqsa li jitwettqu dmirijiet</i>	T – Sakemm ma jifdal ebda sintomu li jaffettwa x-xoġhol sikur P – Jekk rispons li jkun ta' theddida għall-ħajja jkun raġonevolment prevedibbli	Meta r-rispons joħloq insuffiċjenza aktar milli jkun ta' theddida għall-ħajja, u l-effetti jkun jistgħu jiġu kkontrollati bis-sħiħ b'mediċina mhux steroidje awtoamministrata fit-tul jew bi stil tal-ħajja modifiki li jkun prattikabbli fuq ix-xoġhol u b'ebda effett avvers kritiku għas-sikurezza

ICD 10 Kodiċijiet dijanjoſtiċi	Kundizzjoni Ġustifikazzjoni għall-kriterji	Inkompatibbiltà biex il-persuna twettaq id-dmirijiet assenjati f'kull ħin — mistennija tkun temporanja (T) — mistennija tkun permanenti (P)	Ħila li l-persuna twettaq id- dmirijiet assenjati f'kull ħin
Z 94	Trapjanti – kliewi, qalb, pulmun, fwied (għal proſtetiċi, jiġifieri ġogi, dirgħajn u riġlejn, lentijiet, għajnuniet għas-smiġh, valvi tal-qalb, eċċ., ara t-taqsimiet speċifiċi għall-kundizzjoni) Possibbiltà ta' rifjut. Effetti sekondarji tal-mediċina	T – Sakemm l-effetti tal-kirurġija u tal-mediċina kontra r-rifjut jistabbilizzaw P – Valutazzjoni każ b'każ u konferma b'valutazzjoni formali minn speċjalist	Valutazzjoni każ b'każ skont il-pariri tal-ispeċjalist. Persuna meġjusa idonea b'limitazzjoni ta' żmien ta' sena
Klassifikazzjoni skont il-kundizzjoni	Kundizzjonijiet progressivi li bħalissa jaqgħu fi ħdan il-kriterji, eż. Korea ta' Huntington (inkluzja storja tal-familja), keratokonus	T – Sakemm jiġu investigati u ttrattati jekk indikati P – Jekk progressjoni dannuża tkun probabbli	Valutazzjoni każ b'każ, skont il-pariri tal-ispeċjalist. It-tali kundizzjonijiet huma aċċettabbli jekk progressjoni dannuża qabel il-kontroll mediku li jmiss tiġi ġġudikata improbabbli
Klassifikazzjoni skont il-kundizzjoni	Kundizzjonijiet mhux elenkati b'mod speċifiku	T – Sakemm jiġu investigati u ttrattati jekk indikati P – Jekk joħlqu insuffiċjenza b'mod permanenti	Uża analoġija mal-kundizzjonijiet relatati bħala gwida. Ikkunsidra probabbiltà eċċessa ta' inkapaċità f'daqqa waħda, ta' rikorrenza jew ta' progressjoni u l-limitazzjonijiet fit-twettiq tad-dmirijiet normali u ta' emerġenza. Jekk f'dubju, ikseb pariri jew ikkunsidra restrizzjoni u riferiment lil arbitru.

Appendiċi 1

Kriterji rilevanti għall-vista kif imfissra fil-kodiċi dijanjostiku H 0059**Kriterji minimi dwar il-vista:**1. *Akutezza fil-vista binhar:*

L-akutezza taż-żewġ għajnejn flimkien jew tal-aħjar għajn b'korrezzjoni ta' 0,8 jew akbar jew mingħajr. Vista monokulari hi aċċettata.

Vista doppja manifesta (motilità) li ma tistax tiġi kkoreġuta mhix aċċettata. F'każ ta' vista monokulari: motilità normali tal-għajn it-tajba.

Tista' tkun indikata r-restrizzjoni 01***.

2. *Vista fiż-żerniq u fl-għabex:*

Trid tiġi ttestjata fil-każ ta' disturbi retinali tal-glawkoma jew f'opaċitajiet medji (eż. katarretti). Sensittività għall-kuntrast ta' 0,032 cd/m² fin-Nuqqas ta' leqqa; riżultat tat-test 1:2,7 jew aħjar wara ttestjar bil-mesotest.

3. *Kamp tal-viżjoni:*

Il-kamp viżwali orizzontali għandu jkun minn tal-inqas 120 grad. L-estensjoni għandha tkun tal-anqas 50 grad fuq ix-xellug u l-lemin u 20 grad 'il fuq u 'l isfel. Ma għandux ikun hemm difetti fraġġ mill-20 grad ċentrali.

Tal-anqas għajn minnhom għandha tilħaq l-istandard tal-akutezza viżwali u jkollha l-kamp viżwali mingħajr skotomata patoloġika. Ittestjar formali minn tabib tal-għajnejn hu obbligatorju jekk tinstab xi anormalità matul it-test inizjali jew fil-każ ta' glawkoma jew ta' distrofija retinali.

4. *Sens tal-kulur għall-membri tal-ekwipaġġ ta' fuq il-gverta bi dmirijiet navigazzjonali:*

Is-sens tal-kulur jitqies adegwat jekk il-kandidat jgħaddi mit-test tal-Ishihara 24 plate edition b'massimu ta' żewġ żbalji. Jekk il-kandidat ma jgħaddix minn dan it-test, irid isir wieħed mit-testijiet alternattivi approvati msemmija. F'każ ta' dubju, għandu jsir test b'anomaloskopju. Il-kwozjent tal-anomaloskopju għandu jkun bejn 0,7 u 1,4 u, b'hekk, jesibixxi trikomasija normali.

It-testijiet alternattivi approvati għall-Ishihara plates huma:

- (a) Velhagen/Broschmann (riżultat b'massimu ta' żewġ żbalji);
- (b) Kuchenbecker-Broschmann (massimu ta' żewġ żbalji);
- (c) HRR (riżultat minimu "ħafif");
- (d) TMC (riżultat minimu "tieni grad");
- (e) Holmes Wright B (riżultat b'massimu ta' 8 żbalji għaż-żgħar);
- (f) it-test Farnsworth Panel D 15 (riżultat minimu: qsim dijametrik massimu wieħed fil-plott tal-arranġament tal-kuluri);
- (g) test ta' Valutazzjoni u ta' Djanjożi (CAD) tal-Kuluri (riżultat b'massimu ta' erba' unitajiet tas-CAD).

Id-detenturi ta' ċertifikati ta' kaptan maħruġa skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/50/KE ⁽¹⁾ li l-kwozjent tal-anomaloskopju għas-sens tal-kulur tagħhom hu bejn 0,7 u 3,0 jitqiesu idonei jekk iċ-ċertifikat tagħhom ikun inħareġ qabel l-1 ta' April 2004.

L-użu ta' korrezzjoni ottika tal-ħġieġa filtru għas-sens tal-kulur, bħal lentijiet ta' kuntatt u nuċċalijiet skurati, mhux permess.

⁽¹⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 96/50/KE tat-23 ta' Lulju 1996 dwar l-armonizzazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-kisba ta' ċertifikati nazzjonali għas-sewqan ta' vapuri għat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-passaġġi ta' ilma intern fil-Komunità (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 31).

Appendiċi 2

Kriterji rilevanti għas-smiġh kif imfissra fil-kodiċi dijanjostiku H 68-95**Kriterji minimi dwar is-smiġh**

Is-smiġh għandu jitqies adegwat jekk il-valur medju tat-telf tas-smiġh fiż-żewġ widnejn, b'għajnuna għas-smiġh jew mingħajr, ma jaqbiżx l-40 dB fil-frekwenzi ta' 500, 1 000, 2 000 u 3 000 Hz. Jekk il-valur ta' 40 dB jinqabeż, is-smiġh xorta waħda għandu jitqies adegwat jekk il-kandidat jgħaddi mit-test tas-smiġh b'awdjometru li jikkonforma mal-ISO 8253-1:2010 jew ekwivalenti.

Tista' tkun indikata r-restrizzjoni 02***.

Noti għat-tabella u għall-Appendiċijiet:*** Rati ta' rikorrenza:**

Meta t-termini baxxa ħafna u baxxa jintużaw għall-probabbiltà eċċessa ta' rikorrenza. Dawk huma essenzjalment għodżi kliniċi iżda għal ċerti kundizzjonijiet hi disponibbli evidenza kwantitattiva dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza. Fejn dik tkun disponibbli, eż. għal avvenimenti ta' puplesija u kardijaċi, din tista' tindika l-ħtieġa għal investigazzjonijiet addizzjonali biex tiġi ddeterminata l-probabbiltà eċċessa ta' rikorrenza f'individwu. Il-livelli kwantitattivi ta' rikorrenza japprossimaw għal:

baxxa ħafna: rata ta' rikorrenza ta' anqas minn 2 fil-mija fis-sena;

baxxa: rata ta' rikorrenza ta' 2–5 fil-mija fis-sena.

**** Ażma fl-età adulta:**

L-ażma tista' tippersisti mit-tfulija jew tibda mal-għeluq ta' 16-il sena. Hemm firxa wiesgħa ta' kawżi intrinċi u esterni għall-iżvilupp tal-ażma fil-ħajja adulta. F'persuni rekrutati tard bi storja ta' ażma li bdiet fl-età adulta, għandu jiġi investigat ir-rwol ta' allerġeni speċifiċi, inklużi dawk li jikkawżaw l-ażma okkupazzjonali. Indutturi anqas speċifiċi bħall-kesħa, l-eżerċizzju u infezzjoni respiratorja jridu jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn kollha jistgħu jaffettwaw l-idoneità għax-xogħol fuq l-ilmijiet interni.

Ażma intermittenti ħafifa — episodji infrekwenti ta' tħarħir ħafif li jseħħu anqas minn darba kull ġimagħtejn, rimedjati minnufih u malajr b'inalatur beta-agonista.

Ażma ħafifa: episodji frekwenti ta' tħarħir li jeħtieġu l-użu ta' inalatur beta-agonista jew l-introduzzjoni ta' inalatur tal-kortikosteroidi. It-teħid ta' steroidi inalati (jew agonisti tal-isterojdi/beta-agonisti b'azzjoni fit-tul) jista' jelimina b'mod effettiv is-sintomi u l-ħtieġa ta' użu ta' trattament beta-agonista.

Ażma indotta mill-eżerċizzju: episodji ta' tħarħir u ta' nuqqas ta' ħila ta' teħid tan-nifs provokati minn sforz speċjalment fil-kesħa. L-episodji jistgħu jiġu ttrattati b'mod effettiv minn steroidi meħuda inalati (jew agonist tal-isterojdi/beta-agonista b'azzjoni fit-tul) jew minn mediċina orali oħra.

Ażma moderata: episodji frekwenti ta' tħarħir minkejja użu regolari ta' trattament bi steroidi meħuda man-nifs (jew agonist tal-isterojdi/beta-agonista b'azzjoni fit-tul) li jeħtieġ l-użu kontinwat ta' trattament b'inalatur beta-agonista frekwenti, jew iż-żieda ta' mediċina oħra, rekwiżit okkażjonali għal steroidi orali.

Ażma severa: episodji frekwenti ta' tħarħir u ta' nuqqas ta' ħila ta' teħid tan-nifs, dħul frekwenti fl-isptar, użu frekwenti ta' trattament bi steroidi orali.

*****Miżuri ta' mitigazzjoni u restrizzjonijiet**

01 Korrezzjoni tal-vista (nuċċalijiet jew lentijiet ta' kuntatt, jew it-tnejn) meħtieġa

02 Meħtieġa għajnuna għas-smiġh

03 Meħtieġa prostesi għad-dirgħajn jew għar-riġlejn

04 Ebda dmir solitarju fil-kamra tat-tmunier

05 Binhar biss

06 Ebda dmir navigazzjonali permess

07 Limitat għal inġenju wieħed, bl-isem

08 Żona limitata, jiġifieri

09 Kompitu limitat, jiġifieri.....

Il-miżuri ta' mitigazzjoni u r-restrizzjonijiet jistgħu jiġu kombinati. Għandhom jiġu kombinati jekk ikun hemm bżonn.
